(d) it-twettiq ta' sondaġġi, spezzjonijiet, awditjar u żjarat u l-ħruġ, it-tiġdid jew l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikati u dokumenti ta' konformità rilevanti, f'isem l-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974, kif emendata (SOLAS 1974) u l-Protokoll tal-1988 tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, kif modifikata mill-Protokoll tal-1978 tagħha, kif emendat (MARPOL 73/78); il-Konvenzjoni dwar ir-Regolamenti Internazzjonali għat-Tħaris mill-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar, 1972 kif emendata (COLREG 1972), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sinjali tat-Tagħbija, 1966 (LL 1966) u l-Protokoll tal-1988 tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istandards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħhara, 1978, kif emendata, (STCW); u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, 1969 (TONNAGE 1969).

▼M49

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Artikolu 37b

1. Huwa pprojbit li jsiru disponibbli bastimenti mfassla għat-trasport jew għall-ħażna ta' żejt u prodotti petrokimiċi:

(a) lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani; jew

(b) lil kwalunkwe persuna, entità jew korp, sakemm il-forniturі tal-bastimenti jkunu ħadu azzjoni adatta biex jipprevjenu lil-bastimenti jintużaw biex iġorru jew jaħżnu żejt jew prodotti petrokimiċi li joriġinaw mill-Iran jew li ġew esportati mill-Iran.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti u mill-kuntratti anċillari msemmija fl-Artikolu 12(1), il-punti (b) u (c), u fl-Artikolu 14(1), il-punti (b) u (c), dment li l-importazzjoni u t-trasport ta' żejt mhux maħdum, ta' prodotti petroliferi jew ta' prodotti petrokimiċi jkunu ġew notifikati lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 12(1) jew 14(1).

▼B

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 38

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarja, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

▼M49

(a) persuni, entitajiet, jew korpi indikati elenkati fl-Annessi VIII u IX

▼B

(b) kwalunkwe persuna, entità jew korp ieħor Iranjan, inkluż il-gvern Iranjan;

(c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (a) u (b).

2. L-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew tranżazzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala affettwata mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament meta l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni jirriżultaw direttament jew indirettament minn dawn il-miżuri.

3. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun pruvat li l-ilqugħ tat-talba mhux ipprojbit bil-paragrafu 1, għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed tfittex l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

4. Dan l-Artikolu huwa bla ħsara għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal reviżjoni ġudizzjarja tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

▼M24

_____

▼M49

Artikolu 39

Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 9, l-Artikolu 17(2), il-punt (b), u l-Artikoli 30 u 35, kwalunkwe korp, entità jew detentur ta' drittijiet derivati minn deċiżjoni oriġinali qabel it-30 ta' Settembru 2025 minn Gvern sovran minbarra l-Iran, ta' ftehim ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni, m'għandux jiġi kkunsidrat bħala persuna, entità jew korp Iranjan. F'każijiet bħal dawn u b'relazzjoni mal-Artikolu 8, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' teħtieġ garanziji għall-utent aħħari adatti minn kwalunkwe korp jew entità għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' kwalunkwe tagħmir jew teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VI.

▼B

Artikolu 40

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

▼M49

(a) ifornu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni fuq kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 23, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz l-Istati Membri, lill-Kummissjoni

▼B

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rċevuta direttament mill-Kummissjoni għandha tkun magħmula disponibbli lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew li tiġi riċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet pprovduta jew riċevuta.

▼M49

Artikolu 41

Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, bil-ħsieb u intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jinkisru l-projbizzjonijiet fl-Artikolu 2, 4a, 4b, 5(1), 8, 9, 10a, 10b, 10d, 10e, 11, 13, 14a, 15a, 15b, 17, 22, 23, 30, 30a, 34, 35, 37a jew 37b.

▼B

Artikolu 42

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

▼B

2. Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

▼M24

_____

▼M49

3. L-iżvelar in bona fide, kif previst fl-Artikoli 30, u, 31 , minn persuna, entità jew korp koperti minn dan ir-Regolament jew impjegat jew direttur ta' tali persuna, entità jew korp, tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 30 u 31 ma għandux joħloq responsabbilità ta’ kwalunkwe tip għall-istituzzjoni jew il-persuna jew għad-diretturi jew l-impjegati tagħha.

▼M24

_____

▼M49

Artikolu 43

1. Stat Membru jista’ jieħu l-azzjonijiet kollha li huwa jqis meħtieġa sabiex jassigura illi l-obbligi legali relevanti internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u l-protezzjoni ambjentali jiġu rrispettati fejn il-kooperazzjoni ma' persuna, entità jew korp Iranjan tista' tiġi affettwara mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-fini tal-azzjoni mittieħda skont il-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 8 u 9, l-Artikolu 17(2), il-punt (b), u l-Artikolu 23(2), u l-Artikoli 30 u 35 ma għandhomx japplikaw.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-awtorizzazzjoni. F'każ ta' theddida għall-ambjent u/jew għas-saħħa u għas-sigurtà tal-ħaddiema fl-Unjoni li teħtieġ azzjoni urġenti, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti awtorizzazzjoni mingħajr notifika minn qabel u għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 43a

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 8, 9, l-Artikolu 17(1) fir-rigward ta' persuna, entità jew korp Iranjani msemmija fl-Artikolu 17(2), il-punt (b), l-Artikolu 23(2) u (3) sakemm dawn jirreferu għal persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IX, u l-Artikoli 30 u 35, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jkun jidhrilhom adattati, l-attivitajiet relatati mal-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni tal-idrokarburi fl-Unjoni, imwettqa skont liċenzja għal din l-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni maħruġa minn Stat Membru lil persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IX, jekk jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M49

(a) il-liċenzja għall-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni tal-idrokarburi fl-Unjoni tkun inħarġet qabel id-data li fiha jkunu ġew innominati l-persuna, l-entità jew il-korp elenkati fl-Anness IX; kif ukoll

(b) l-awtorizzazzjoni tkun meħtieġa sabiex tkun evitata jew tiġi rimedjata ħsara ambjentali fl-Unjoni jew biex ma jitħassarx b'mod permanenti l-valur tal-liċenzja, inkluż billi jiġu ggarantiti l-pipeline u l-infrastruttura użati b'rabta mal-attività liċenzjata, fuq bażi temporanja. Tali awtorizzazzjoni tista' tinkludi miżuri taħt il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli.

2. Id-deroga prevista f'paragrafu 1 għandha tingħata biss għal tali perjodu kif meħtieġ, u l-validità tagħha ma għandhiex taqbeż il-validità tal-liċenzja maħruġa lill-persuna, l-entità jew il-korp elenkati fl-Anness IX. Fil-każ li l-awtorità kompetenti tqis li hija meħtieġa surroga kuntrattwali jew dispożizzjoni ta' indennità, il-perjodu għall-validità tad-deroga ma għandux jaqbeż il-ħames snin.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni li jkun bi ħsiebu jagħti awtorizzazzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-awtorizzazzjoni. F'każ ta' theddida għall-ambjent fl-Unjoni li tkun teħtieġ azzjoni urġenti biex tkun evitata ħsara lill-ambjent, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti awtorizzazzjoni mingħajr notifika minn qabel u għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 44

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u jikkondividu kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar dan ir-Regolament f'intervalli ta' tliet xhur, b'informazzjoni partikolari.

▼M49

(a) fir-rigward tal-fondi ffriżati skont l-Artikolu 23 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 24, 25, 26 u 27

▼B

(b) fir-rigward tal-ksur u tal-problemi ta' infurzar u ta' sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

▼M49

Artikolu 45

Il-Kummissjoni għandha:

(a) temenda l-Anness II abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri;

▼M49

(b) temenda l-Annessi IIA, III, IV, IVA, V, VI, VIA, VIB, VII, VIIA, VIIB u X fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 46

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness VIII.

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 23(2) u (3), huwa għandu jemenda l-Anness IX skont dan.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernati b'dan.

5. Fil-każ li n-Nazzjonjiet Uniti tiddeċiedi li tneħħi persuna fiżika jew ġuridika, entità, jew korp mil-lista jew li temenda d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness.

6. Il-lista fl-Anness IX għandha tiġi eżaminata mill-ġdid f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

▼B

Artikolu 47

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali li għalihom isiru provvedimenti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 48

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fis-siti elettroniċi elenkati fl-Anness X. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-indirizzi tas-siti tal-internet tagħhom elenkati fl-Anness X.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

▼B

3. Fejn dan ir-Regolament jippreżenta obbligu li tiġi nnotifikata infurmata, jew li ssir xi komunikazzjoni oħra mal-Kummissjoni, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness X.

Artikolu 49

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment skont il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, b'mod sħiħ jew parzjalment, ġewwa l-Unjoni.

Artikolu 50

Ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 huwa b'dan imħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 51

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M52

▼C9

ANNESS I

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2(1), (2) u (4), l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 31(1)

Dan l-Anness jinkludi l-oġġetti u t-teknoloġija kollha elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif definiti fih, bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati fil-Parti A. Il-projbizzjonijiet rilevanti ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti relatati ma' oġġetti u teknoloġija speċifikati fil-Parti C konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025.

PARTI A

	Deskrizzjoni
1.	Sistemi u tagħmir "tas-sigurtà tal-informazzjoni" għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi u l-forniment ta' servizz tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta' dawn is-servizzi, inklużi komponenti neċessarji għall-operat, l-installazzjoni (inkluża l-installazzjoni fuq il-post), il-manutenzjoni (iċċekkjar), it-tiswija, is-servizzi ta' tibdil u rinnovazzjoni relatati ma' dawk is-sistemi u tagħmir kif ġej: a. Sistemi, tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" speċifiċi għall-applikazzjoni, moduli u ċirkwiti integrati għas-"sigurtà tal-informazzjoni" relatati ma' networks bħal wifi, 2G, 3G, 4G jew networks fissi (klassiċi, ADSL jew fibra ottika), kif ġej, u komponenti tagħhom iddisinjati b'mod speċifiku għas-"sigurtà tal-informazzjoni": *N.B.: Għall-kontroll ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li jirċievu tagħmir li jkun fih jew juża deċiframent (jiġifieri, GPS jew GLONASS), ara 7A005 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.* 1. Iddisinjati jew modifikati sabiex jużaw "kriptografija" b'tekniki diġitali li jeżegwixxu kwalunkwe funzjoni kriptografika minbarra awtentikazzjoni jew firem diġitali u li jkollhom xi wieħed minn dawn li ġejjin: *Nota Teknika:* *1. Funzjonijiet ta' awtentikazzjoni u firma diġitali jinkludu l-funzjoni assoċjata tagħhom ta' ġestjoni taċ-ċwievet.* *2. Awtentikazzjoni tinkludi l-aspetti kollha tal-kontroll tal-aċċess fejn m'hemm l-ebda kriptaġġ ta' fajls jew test ħlief kif relatat direttament mal-protezzjoni ta' passwords, Numri ta' Identifikazzjoni Personali (PINs) jew data simili għall-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat.* *3. "Kriptografija" ma tinkludix tekniki ta' kompressjoni jew ta' kkowdjar ta' data "fissa".* *Nota: 1.a.1. tinkludi tagħmir iddisinjat jew modifikat sabiex juża l-"kriptografija" bl-użu ta' prinċipji analoġiċi meta mħaddma b'tekniki diġitali.* a. "Algoritmu simetriku" li juża tul tal-kjavi ta' aktar minn 56 bit; jew b. "Algoritmu asimetriku" fejn is-sigurtà tal-algoritmu tkun ibbażata fuq xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin: 1. Fatturazzjoni ta' numri sħaħ ta' aktar minn 512-il bit (eż., RSA); 2. Kalkolu ta' logaritmi diskreti fi grupp multiplikattiv ta' kamp finit ta' daqs ikbar minn 512-il bit (pereżempju Diffie-Hellman fuq Z/pZ); jew 3. Logaritmi diskreti fi grupp għajr dak imsemmi f'1.a.1.b.2 ta' aktar minn 112-il bit (eż, Diffie-Hellman fuq kurva elittika);

▼C9

	Deskrizzjoni
2.	“Software” kif ġej, għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi, il-forniment ta’ servizzi tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta’ dawn is-servizzi: a. “Software” ddisinjat jew modifikat b’mod speċifiku għall-“użu” ta’ tagħmir speċifikat f’1.a.1 jew “software” speċifikat fi 2.b.1; b. "Software" speċifiku, kif ġej: 1. “Software” li jkollu l-karatteristiċi, jew li jeżegwixxi jew jissimula l-funzjonijiet tat-tagħmir, speċifikat f’5A002.a.1;
3.	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“użu” ta’ tagħmir speċifikat f’1.a.1 jew ta’ “software” speċifikat fi 2.a. jew 2.b.1 ta’ din il-lista, għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi, il-forniment tas-servizzi tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta’ dawn is-servizzi.

PARTI B

L-Artikolu 6 japplika għall-oġġetti li ġejjin:

Oġġett mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821	Deskrizzjoni
0A001	"Reatturi Nukleari" u tagħmir u komponenti mfasslin jew ippreparati apposta għalihom, kif ġej: a. “Reatturi Nukleari”; b. Reċipjenti tal-metall, jew partijiet ewlenin prodotti fil-fabbrika għalihom, inkluża l-parti ta’ fuq tar-reċipjent tar-reattur għal reċipjent taħt pressjoni ta’ reattur, iddisinjati jew ippreparati apposta sabiex jinkludu l-qalba ta’ “reattur nukleari”; c. Tagħmir manipulattiv iddisinjat apposta jew ippreparat sabiex jinserixxi jew ineħħi l-karburant f’“reattur nukleari”; d. Vireg tal-kontroll iddisinjati apposta jew ippreparati għall-kontroll tal-proċess ta’ fissjoni f’“reattur nukleari”, strutturi ta’ appoġġ jew ta’ sospensjoni għalihom, mekkaniżmi li jħaddmu l-vireg u tubi gwida tal-vireg; e. Tubi tal-pressjoni ddisinjati apposta jew ippreparati sabiex ikun fihom kemm elementi ta’ fjuwil kif ukoll l-aġent tat-tkessiħ primarju f’“reattur nukleari”; f. Tubi taż-żirkonju metalliku u tubi bil-liga taż-żirkonju (jew assemblaġġi ta’ tubi) imfassla apposta jew ippreparati sabiex jintużaw bħala kisi għall-fjuwil f’“reattur nukleari”", u fi kwantitajiet li jaqbżu l-10 kg; *N.B. Għal tubi ta’ pressjoni ta’ żirkonju ara 0A001.e. u għal tubi tal-kalandra ara 0A001.h.* g. Pompi ta’ aġenti tat-tkessiħ iddisinjati apposta jew ippreparati għaċ-ċirkulazzjoni tal-aġent tat-tkessiħ primarju ta’ “reatturi nukleari”; h. “Interni tar-reattur nukleari” ddisinjati jew ippreparati apposta għall-użu fir-“reattur nukleari”, inklużi kolonni tal-appoġġ għal parti ċentrali, kanali tal-karburant, ilqugħ termali, baffles, pjanċi tal-grilja tal-parti ċentrali, u pjanċi ta’ diffużjoni; *Nota: F’0A001.h. ‘komponenti interni ta’ reattur nukleari’ tfisser kull struttura ewlenija f’reċipjent ta’ reattur li għandha funzjoni jew aktar bħal li tappoġġja l-qalba, li żżomm l-allinjament tal-fjuwil, li tidderieġi l-fluss tal-fluwidu berried primarju, li tipprovdi lqugħ għar-radjazzjoni lir-reċipjent tar-reattur, u li tiggwida l-istrumentazzjoni fil-qalba.* i. Skambjaturi tas-sħana kif ġej:

▼C9

Oġġett mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821	Deskrizzjoni
	1. Ġeneraturi tal-fwar iddisinjati jew ippreparati apposta għal użu fiċ-ċirkwit tal-likwidu tat-tkessiħ primarju, jew intermedjarju, ta' "reattur nukleari"; 2. Skambjaturi tas-sħana oħrajn iddisinjati b'mod speċifiku jew ippreparati għal użu fiċ-ċirkwit tal-aġent tat-tkessiħ primarju ta' "reattur nukleari"; *Nota: 0A001.i. ma jikkontrollax skambjaturi tas-sħana għas-sistemi ta' appoġġ tar-reattur pereż. għas-sistema ta' tkessiħ f'emerġenza jew għas-sistemi ta' tkessiħ kontra t-tidwib.* j. Detetturi tan-newtroni ddisinjati apposta jew ippreparati sabiex jiddeterminaw il-livelli ta' fluss tan-newtroni fil-qalba ta' "reattur nukleari"; jew k. "Ilqugħ termali estern" iddiżenjat apposta jew ippreparat sabiex jintuża f'"reattur nukleari" għat-tnaqqis tat-telf tas-sħana kif ukoll għall-protezzjoni tar-reċipjent. *Nota Teknika:* *F'0A001.k. "ilqugħ termali estern" tfisser strutturi ewlenin imqiegħda fuq ir-reċipjent tar-reattur li jnaqqsu t-telf tas-sħana mir-reattur u jnaqqsu t-temperatura fi ħdan ir-reċipjent tar-reattur.*
0C002	Uranju b'arrikkiment baxx kopert b'0C002 meta jkun inkorporat f'elementi ta' fjuwils nukleari magħqudin.

PARTI C

Oġġett mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
5A002	Sistemi tas-"sigurtà tal-informazzjoni" u t-tagħmir u l-komponenti għalihom, kif ġej: a. Sistemi, tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" għal applikazzjoni speċifika, moduli u ċirkwiti integrati għas-"sigurtà tal-informazzjoni", kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: *N.B.: Għall-kontroll ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li jirċievu tagħmir li jkun fih jew juża deċiframent (jiġifieri, GPS jew GLONASS), ara 7A005.* 1. Iddisinjati jew modifikati sabiex jużaw "kriptografija" b'tekniki diġitali li jeżegwixxu kwalunkwe funzjoni kriptografika minbarra awtentikazzjoni jew firem diġitali u li jkollhom xi wieħed minn dawn li ġejjin: *Nota Teknika:* *1. Funzjonijiet ta' awtentikazzjoni u firma diġitali jinkludu l-funzjoni assoċjata tagħhom ta' ġestjoni taċ-ċwievet.* *2. Awtentikazzjoni tinkludi l-aspetti kollha tal-kontroll tal-aċċess fejn m'hemm l-ebda kriptaġġ ta' fajls jew test ħlief kif relatat direttament mal-protezzjoni ta' passwords, Numri ta' Identifikazzjoni Personali (PINs) jew data simili għall-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat.* *3. "Kriptografija" ma tinkludix tekniki ta' kompressjoni jew ta' kodifikazzjoni ta' data "fissa".* *Nota: 5A002.a.1. tinkludi tagħmir iddisinjat jew modifikat sabiex juża l-"kriptografija" bl-użu ta' prinċipji analoġiċi meta mħaddma b'tekniki diġitali.* a. "Algoritmu simetriku" li juża tul tal-kjavi ta' aktar minn 56 bit; jew b. "Algoritmu asimetriku" fejn is-sigurtà tal-algoritmu tkun ibbażata fuq xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

▼C9

Oġġett mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
	1. Fatturazzjoni ta' numri sħaħ ta' aktar minn 512-il bit (eż., RSA); 2. Kalkolu ta' logaritmi diskreti fi grupp multiplikattiv ta' kamp finit ta' daqs ikbar minn 512-il bit (pereżempju Diffie-Hellman fuq Z/pZ); jew 3. Logaritmi diskreti fi grupp għajr dak imsemmi f'5A002.a.1.b.2. ta' aktar minn 112-il bit (eż, Diffie-Hellman fuq kurva elittika);
5D002	"Software" kif ġej: a. "Software" ddisinjat jew modifikat b'mod speċifiku għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'5A002.a.1 jew "software" speċifikat f'5D002.c.1; c. "Software" speċifiku, kif ġej: 1. "Software" li jkollu l-karatteristiċi, jew li jeżegwixxi jew jissimula l-funzjonijiet tat-tagħmir, speċifikat f'5A002.a.1; *Nota: 5D002 ma jkoprix "software" kif ġej:* *a. "Software" meħtieġ għall-"użu" ta' tagħmir esklużmill-kontroll bin-Nota għal 5A002;* *b. "Software" li jipprovdi xi waħda mill-funzjonijiet tat-tagħmir esklużmill-kontroll bin-Nota għal 5A002.*
5E002	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'5A002.a.1 jew ta' "software" speċifikat f'5D002.a. jew 5D002.c.1 ta' din il-lista.

▼M52

▼C9

ANNESS II

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 2(2) u 2(4), l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 45

NOTI INTRODUTTORJI

1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna intitolata "Deskrizzjoni" jirreferu għal deskrizzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju u teknoloġija stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna intitolata "Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821" ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna "Deskrizzjoni" huma barra mill-parametri tad-deskrizzjoni tal-annotazzjoni b'użu doppju li għaliha qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti singoli" jinsabu f'nota teknika għall-oġġett rilevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-projbizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness m'għandux jiġi nnewtralizzat mill-esportazzjoni ta' kwalunkwe merkanzija mhux ipprojbita (inkluż impjant) li fihom komponent wieħed jew aktar li huma pprojbiti meta l-komponent jew il-komponenti pprojbiti jkunu l-element prinċipali tal-merkanzija u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal finijiet oħrajn.

N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien teknoloġiku u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew il-komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-merkanzija li qed jiġu akkwistati.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

1. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti li huwa pprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom fil-Parti A (Oġġetti) ta' hawn taħt, huwa pprojbit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II.B.

2. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija kkontrollata fil-Parti A (Oġġetti) tal-Anness IIa, huma pprojbiti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II.B.

3. It-"teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodotti pprojbiti tibqa' pprojbita anki meta tkun applikabbli għal prodotti mhux ipprojbiti.

4. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ipprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007, ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 jew dan ir-Regolament.

5. Il-projbizzjonijiet fuq it-trasferiment tat-"teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "fid-dominju pubbliku", għar-"riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-privattivi.

▼C9

II.A. PRODOTTI

A0. Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A0.001	Lampi tal-katodju, vojta minn ġewwa, kif ġej: a. Lampi tal-katodju tal-jodju, vojta minn ġewwa, bi twieqi tas-siliċju pur jew tal-kwarz; jew b. Lampi tal-katodju tal-uranju, vojta minn ġewwa.	—
II.A0.002	Iżolaturi Faraday li jaqgħu fi ħdan medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm – 650 nm.	—
II.A0.003	Retikoli ottiċi fi ħdan medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm – 650 nm.	—
II.A0.004	Fibri ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġa ta' 500 nm – 650 nm miksijin b'saffi li ma jirriflettux fil-medda ta' tul ta' mewġa ta' 500 nm – 650 nm u li għandhom dijametru ċentrali ta' iktar minn 0,4 mm iżda mhux iktar minn 2 mm	—
II.A0.005	Komponenti ta' reċipjenti ta' reatturi nukleari u tagħmir tal-ittestjar, minbarra dawk speċifikati f'0A001, kif ġej: a. Seals; b. Komponenti interni; jew c. Tagħmir ta' ssiġillar, ittestjar u kejl.	0A001
II.A0.006	Sistemi ta' detezzjoni nukleari għad-detezzjoni, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuattivi u r-radjazzjoni ta' oriġini nukleari u komponenti ddisinjati b'mod speċjali tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'0A001.j jew 1A004.c.	0A001.j 1A004.c
II.A0.007	Valvijiet issiġillati bl-imniefaħ magħmulin minn liga tal-aluminju jew it-tip 304, 304L jew 316L tal-azzar antiossidanti. *Nota: Din il-partita ma tkoprix valvijiet tal-imniefaħ definiti f'0B001.c.6 u 2A226.*	0B001.c.6 2A226
II.A0.008	Mirja tal-laser, barra minn dawk speċifikati f'6A005.e, li jikkonsistu f'substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' $10^{-6}K^{-1}$ jew inqas f'20 °C (eż. siliċe fuża jew żaffir). *Nota: Din il-partita ma tkoprix sistemi ottiċi ddisinjati speċjalment għal applikazzjonijiet ta' astronomija, minbarra jekk il-mirja jkun fihom siliċe fuża.*	0B001.g.5, 6A005.e
II.A0.009	Lentijiet tal-laser, barra minn dawk speċifikati f'6A005.e.2, li jikkonsistu f'substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' 10^{-6} K^{-1} jew inqas f'20 °C (eż. siliċe fuża).	0B001.g, 6A005.e.2
II.A0.010	Pajpijiet, sistemi ta' pajpijiet, fittings magħmula minn jew miksija bin-nikil, jew liga tan-nikil, li jkollha aktar minn 40 % nikil bil-piż, barra minn dawk speċifikati f'2B350.h.1.	2B350
II.A0.011	Pompi tal-vakwu, barra minn dawk speċifikati f'0B002.f.2 jew 2B231, kif ġej: a. Pompi turbomolekulari li jkollhom rata ta' fluss ta' 400 l/s jew aktar; b. Pompi tal-vakwu li jduru tat-tip tal-għeruq li għandhom rata ta' fluss aspirattiva volumetrika akbar minn 200 m3/h; jew c. Kumpressuri tax-xott f'forma ta' spiral bil-minfaħ u pompi tal-vakwu tax-xott f'forma ta' spiral bil-minfaħ.	0B002.f.2, 2B231

▼C9

A0. Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A0.012	Għeluq protett għall-manipulazzjoni, il-ħżin u l-immaniġġjar ta' sustanzi radjuattivi (Ċelloli jaħarqu).	0B006
II.A0.013	"Uranju naturali" jew "uranju mfaqqar" jew torju fil-forma ta' metall, liga, kompost kimiku jew konċentrat u kull materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn is-sustanzi msemmija, barra minn dawk speċifikati f'0C001.	0C001
II.A0.014	Kmamar tad-detonazzjoni li għandhom kapaċità li jassorbu splużjoni ta' aktar minn 2,5 kg ekwivalenti ta' TNT.	—

A1. Materjali, kimiċi, "mikroorganiżmi" u "tossini"		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A1.001	Solvent abbaži ta' aċidu fosforiku bis (2-ethylhexyl) (HDEHP jew D2HPA) (CAS 298-07-7) fi kwalunkwe kwantità, b'purezza ta' iktar minn 90 %.	—
II.A1.002	Gass fluworin (CAS 7782-41-4), b'purità ta' mill-inqas 95 %.	—
II.A1.005	Ċelluli elettrolitiċi għall-produzzjoni tal-fluworu li jifilħu jipproduċu iktar minn 100 g ta' fluworu fis-siegħa. *Nota: Din il-partita ma tkoprix ċelloli elettrolitiċi definiti fil-punt 1B225.*	1B225
II.A1.006	Katalizzaturi, minbarra dawk ipprojbiti minn 1A225, li fihom il-platinu, il-palladju jew ir-rodju, li jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju ta' isotopu tal-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkuprar tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni ta' ilma tqil.	1B231, 1A225
II.A1.007	Aluminju u l-ligi tiegħu, barra minn dawk speċifikati f'1C002.b.4. jew 1C202.a, f'forma mhux maħduma jew semifabbrikata b'waħda minn dawn il-karatteristiċi: a. Kapaċi għal limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 460 MPa jew aktar f'temperatura ta' 293 K (20 °C); jew b. B'reżistenza għat-tensjoni ta' 415-il MPa jew aktar f'298 K (25 °C).	1C002.b.4, 1C202.a
II.A1.008	Metalli bil-kalamita, ta' kull tip u ta' kwalunkwe forma, li għandhom permeabbiltà relattiva inizjali ta' 120 000 jew aktar u ħxuna bejn 0,05 u 0,1 mm.	1C003.a
II.A1.009	"Materjali fibruż u bil-filamenti" jew prepregs, kif ġej: *N.B. ara wkoll II.A1.019.a.* a. "Materjali fibruż jew filamentari" tal-karbonju jew tal-aramid li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" li jaqbeż l-10 × 10^6 m; jew 2. "Saħħa tensili speċifika" li taqbeż is-17 × 10^4 m; b. "Materjali fibruż jew filamentari" tal-ħġieġ li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" li jaqbeż it-3,18 × 10^6 m; jew 2. "Saħħa tensili speċifika" li taqbeż is-76,2 × 10^3 m;	1C010.a 1C010.b 1C210.a 1C210.b

▼C9

A1. Materjali, kimiċi, “mikroorganiżmi” u “tossini”		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
	c. “Irdien”, “faxxi tal-fibra”, “wajers” jew “tejps” kontinwament imprenjati bir-reżina fformata bis-sħana b’wisa’ ta’ 15-il mm jew inqas (preimprenjati darba), magħmula mill-“materjali fibrużi jew filamentari” tal-karbonju jew tal-ħġieġ minbarra dawk speċifikati f’II.A1.010.a. jew b. *Nota: Din il-partita ma tkoprix “materjali fibrużi jew filamentari” definiti fil-partiti 1C010.a, 1C010.b, 1C210.a u 1C210.b.*	
II.A1.010	Fibri imprenjati mir-reżina jew mill-qatran (preimprenjati), fibri tal-metall jew miksija bil-karbonju (preformati) jew ‘preformati tal-fibri tal-karbonju’, kif ġej: a. Magħmula mill-‘materjali fibrużi jew filamentari’ speċifikati f’II.A1.009 hawn fuq; b. “Materjali fibrużi jew filamentari” tal-karbonju imprenjati b’‘matriċi’ tar-reżina epossidika (preimprenjati), speċifikati f’1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, għat-tiswija ta’ strutturi jew laminati ta’ inġenji tal-ajru, fejn id-daqs tal-folji individwali mhuwiex aktar minn 50 cm × 90 cm; c. Preimprenjati speċifikati f’1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, meta imprenjati b’reżini fenoliċi jew epossidiċi li jkollhom temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura tal-kura aktar baxxa mit-temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ. *Nota: Din il-partita ma tkoprix ‘materjali fibrużi jew filamentari’ definiti fil-partita 1C010.e.*	1C010.e. 1C210
II.A1.011	Komposti taċ-ċeramika rinfurzati tal-karbur tas-siliċju li jistgħu jintużaw għall-ponta, għal vetturi ta’ rientrata, għal portelli taż-żennuni, u li jistgħu jintużaw f’‘missili’, barra minn dawk speċifikati f’1C107.	1C107
II.A1.012	Azzar maraging, barra dak speċifikat f’1C116 jew 1C216, “kapaċi għal” reżistenza għat-tensjoni ta’ 2 050 MPa jew iktar, b’293 K (20 °C). *Nota Teknika:* *Il-fraži ‘azzar maraging kapaċi għal’ tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*	1C216
II.A1.013	Tungstenu, tantalju, karbur tat-tungstenu, karbur tat-tantalju u ligi, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F’forom li għandhom simetrija ċilindrika vojta jew sferika (inkluż partijiet taċ-ċilindru) b’dijametru fuq in-naħa ta’ ġewwa bejn 50 mm u 300 mm; u b. Massa ta’ aktar minn 5 kg. *Nota: Din il-partita ma tkoprix tungstenu, karbur tat-tungstenu u ligi definiti fil-partita 1C226.*	1C226
II.A1.014	Trabijiet elementali tal-kobalt, tan-neodimju jew tas-samarju jew ligi jew taħlitiet tagħhom li fihom tal-inqas 20 % f’piż tal-kobalt, in-neodimju jew is-samarju, b’daqs tal-partikola inqas minn 200 μm.	—
II.A1.015	Fosfat tat-tributyl pur (TBP) (CAS Nru 126-73-8) jew kwalunkwe taħlita b’kontenut ta’ TBP ta’ aktar minn 5 % bil-piż.	—

▼C9

A1. Materjali, kimiċi, “mikroorganiżmi” u “tossini”		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A1.016	“Azzar maraging”, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C116, 1C216 jew II.A1.012 *Nota Teknika:* *“Azzar maraging” huma ligi tal-ħadid ġeneralment karatterizzati minn kontenut għoli ta’ nikil, kontenut baxx ħafna ta’ karbonju u l-użu ta’ elementi ta’ sostituzzjoni jew preċipitati sabiex jipproduċu t-tisħiħ u t-twebbis biż-żmien tal-liga.*	—
II.A1.017	Metalli, trabijiet u materjal tal-metall kif ġej: a. Tungstenu u ligi tat-tungstenu, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C117, fil-forma ta’ partikoli uniformi sferikali jew atomizzati b’dijametru ta’ 500 μm jew inqas b’kontenut tat-tungstenu ta’ 97 % f’piż jew aktar; b. Molibdenu u ligi tal-molibdenu, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C117, fil-forma ta’ partikoli uniformi sferikali jew atomizzati b’dijametru ta’ 500 μm jew inqas b’kontenut tal-molibdenu ta’ 97 % f’piż jew aktar; jew c. Materjali tat-tungstenu fil-forma solida, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C226, jew II.A1.013 b’kompożizzjonijiet ta’ materjali kif ġej: 1. Tungstenu jew ligi li fihom 97 % f’piż jew aktar ta’ tungstenu; 2. Tungstenu infiltrat bir-ram li fih piż ta’ 80 % jew iktar ta’ tungstenu; jew 3. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih 80 % f’piż jew aktar ta’ tungstenu.	—
II.A1.018	Ligi manjetiċi morbidi li għandhom kompożizzjoni kimika kif ġej: a. Kontenut tal-ħadid bejn 30 % u 60 %; jew b. Kontenut tal-kobalt bejn 40 % u 60 %.	—
II.A1.019	“Materjali fibrużi jew filamentari” jew prepregs, li mhumiex ipprojbiti mill-Anness I jew mill-Anness II (taħt II.A1.009, II.A1.010) ta’ dan ir-Regolament, jew li mhumiex speċifikati mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej: a. "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju; *Nota: II.A1.019a. ma jkoprix drappijiet.* b. "Irdien", "ftietel", "wajers" jew "tejps" kontinwi li huma ssettjati bis-sħana u fihom ir-reżina magħmula minn "materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju; jew c. "Irdien", "ftietel", "wajers" jew "tejps" kontinwi tal-poliakrilonitril (PAN)	—

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A2.001	Sistemi ta’ prova ta’ vibrazzjoni, tagħmir u komponenti tagħhom, minbarra dawk speċifikati f’2B116: a. Sistemi ta’ prova ta’ vibrazzjoni li jużaw teknika fejn frazzjoni ta’ sinjal li jkun intbagħat jerġa’ lura jew ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, kapaċi jivvibra sistema ta’ aċċellerazzjoni daqs jew ikbar minn 0,1 g rms bejn 0,1 Hz u 2 kHz u jagħmel qawwa daqs jew ikbar minn 50 kN, mkejjel b’‘mejda vojta’; *Nota Teknika:* *‘Is-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni li jinkorporaw kontrollur diġitali’ huma dawk is-sistemi, li l-funzjonijiet tagħhom huma, parzjalment jew kompletament, awtomatikament ikkontrollati minn sinjali elettriċi maħżuna u diġitalment kodifikati.* b. Kontrolluri diġitali, flimkien ma’ software tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ddisinjat apposta, b’wisa’ tal-banda f’ħin reali ta’ aktar minn 5 kHz iddisinjati għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f’2B116.a.; *Nota Teknika:* *‘Wisa’ tal-banda ta’ kontroll f’ħin reali’ tfisser ir-rata massima li fiha kontrollur jista’ jesegwixxi ċikli kompluti ta’ teħid ta’ kampjuni, ipproċessar ta’ data u trażmissjoni ta’ sinjali ta’ kontroll.* c. Imbottaturi għall-vibrazzjoni (unitajiet ta’ vibrazzjoni), b’amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta’ 50 kN jew aktar, imkejla b’‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi għat-test tal-vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.; jew d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u l-unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jikkombinaw unitajiet ta’ xejker multipli f’sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kkombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b’‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta’ vibrazzjoni speċifikati f’2B116.a. *Nota Teknika:* *‘Mejda vojta’ tfisser mejda ċatta, jew wiċċ mingħajr muntaġġi jew fittings.*	2B116
II.A2.002	Għodod bil-magna u komponenti u kontrolli numeriċi għall-għodod bil-magna, kif ġej: a. Makkinarju għodda għat-tħin, ta’ preċiżjoni ta’ pożizzjonar bil-“kumpens kollu disponibbli” ugwali għal jew inqas (aħjar) minn 15-il μm tul kwalunkwe wieħed mill-assi lineari skont ISO 230/2 (1988) jew l-ekwivalenti nazzjonali; *Nota: Din il-partita ma tkoprix għodod bil-magni għat-tħin definiti fil-partiti 2B201.b u 2B001.c.* b. Komponenti u kontrolli numeriċi, iddisinjati speċjalment għall-makkinarji għodda speċifikati f’2B001, 2B201, jew taħt a.	2B201.b 2B001.c
II.A2.003	Magni tal-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: a. Magni tal-ibbilanċjar, iddisinjati jew modifikati għal apparat dentali jew mediku ta’ xorta oħra, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Ma jifilħux jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi f’veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f’żewġ pjani jew iktar; u 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta’ 0,2 g × mm għal kull kg ta’ massa tal-iskrun; *Nota: II.A2.003. ma jirregolax magni tal-bilanċ imfassla jew modifikati għall-apparat dentali jew apparat mediku ieħor.* b. ‘Irjus indikaturi’ ddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f’2B119.a. hawn fuq. *Nota Teknika:* *‘Irjus indikaturi’ huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	2B119

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A2.004	Manipulaturi minn distanza li jistgħu jintużaw biex jipprovdu azzjonijiet minn distanza f’operazzjonijiet ta’ separazzjoni radjukimika jew ċelluli jaħarqu, minbarra dawk speċifikati f’2B225, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Jifilħu jippenetraw 0,3 m jew aktar f’ħajt ta’ ċellula taħraq (operazzjoni tat-tip minn ġol-ħajt); jew b. Kapaċi jgħaddu minn naħa għal oħra ta’ ċellula taħraq b’ħajt bi ħxuna ta’ 0,3 m jew iktar (operazzjoni tat-tip minn fuq il-ħajt).	2B225
II.A2.006	Fran li jifilħu jaħdmu f’temperaturi ta’ aktar minn 400 °C kif ġej: a. Fran ta’ ossidazzjoni b. Fran għat-trattament bis-sħana f’atmosfera kkontrollata *Nota: Din il-partita ma tkoprix kalkari li jimxu fuq roller jew permezz ta’ karozza, kalkari bil-mini b’conveyor belt, kalkari tat-tip li jiġu mbuttati jew kalkari shuttle, iddisinjati b’mod speċjali għall-produzzjoni tal-ħġieġ, ċeramika għall-mejda jew ċeramika strutturali.*	2B226 2B227
II.A2.007	“Trasdutturi tal-pressjoni”, minbarra dawk definiti f’2B230, kapaċi jkejlu pressjoni assoluta f’kull punt fl-iskala 0 sa 200 kPa, u li jkollhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi sensibbli għall-pressjoni magħmula minn jew protetti minn “materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-eżafluworidu tal-uranju (UF_6)”, u b. Li fihom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Skala sħiħa ta’ inqas minn 200 kPa u “preċiżjoni” ta’ aħjar minn ±1 % ta’ skala sħiħa; jew 2. Skala sħiħa ta’ 200 kPa jew aktar u “preċiżjoni” aħjar minn 2 kPa.	2B230
II.A2.011	Separaturi ċentrifugali, jifilħu separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta’ aerosols u manifatturati minn: a. Ligi b’aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju skont il-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Nikil jew ligi b’aktar minn 40 % nikil skont il-piż; e. Tantalju jew ligi tat-tantalju; f. Titanju jew ligi tat-titanju; jew g. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju. *Nota: Din il-partita ma tkoprix separaturi ċentrifugali definiti fil-partita 2B352.c.*	2B352.c

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A2.012	Filtri tal-metall magħquda mit-trab permezz tas-sħana (sintered) magħmula min-nikil jew ligi tan-nikil b’kontenut ta’ nikil ta’ 40 % jew aktar f’piż. *Nota: Din il-partita ma tkoprix filtri definiti fil-partita 2B352.d.*	2B352.d
II.A2.013	Magni tat-tornitura bit-tidwir u magni tat-tornitura bi fluss, minbarra dawk ikkontrollati minn 2B009, 2B109 jew 2B209, li għandhom forza tar-roller ta’ aktar minn 60 kN u komponenti ddisinjati b’mod speċjali għalihom. *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta’ II.A2.013, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta’ tornitura bit-tidwir u tornitura bi fluss huma meqjusa bħala magni tat-tornitura bi fluss.*	—
II.A2.014	Tagħmir ta’ kuntatt likwidu-likwidu (mixer-settlers, kolonni bil-polz, kuntatturi ċentrifugali); u distributuri tal-likwidu, distributuri tal-fwar jew kolletturi ta’ likwidu ddisinjati għal tali tagħmir fejn is-superfiċi kollha li jkunu f’kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li jkunu qed jiġu pproċessati jkunu minn dawn li ġejjin: *N.B. ara wkoll III.A2.008.* a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b’aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju skont il-piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafit jew ‘grafit tal-karbonju’; 5. Nikil jew ligi b’aktar minn 40 % nikil skont il-piż; 6. Tantalju jew ligi tat-tantalju; 7. Titanju jew ligi tat-titanju; 8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; jew 9. Nijobju (columbium) jew ligi tan-nijobju; jew b. Magħmul kemm mill-azzar antiossidanti u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.014.a. *Nota Teknika:* *‘Grafit tal-karbonju’ hu kompożizzjoni ta’ karbonju u grafit amorfu, li fiha l-kontenut ta’ grafit hu ta’ 8 % jew aktar fil-piż.*	2B350.e
II.A2.015	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: *N.B. ara wkoll III.A2.009.* Skambjaturi tas-sħana jew kondensaturi b’erja tal-wiċċ għat-trasferiment tas-sħana akbar minn 0,05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, pjanċi, kojls jew blokok (qlub) iddisinjati għal tali skambjaturi tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f’kuntatt dirett mal-fluwidu/i jkunu magħmula minn wieħed minn dawn li ġejjin: a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin:	2B350.d

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
	1. Ligi b’aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju skont il-piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafit jew ‘grafit tal-karbonju’; 5. Nikil jew ligi b’aktar minn 40 % nikil skont il-piż; 6. Tantalju jew ligi tat-tantalju; 7. Titanju jew ligi tat-titanju; 8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; 9. Karbur tas-siliċju; 10. Karbur tat-titanju; jew 11. Nijobju (columbium) jew ligi tan-nijobju; jew b. Magħmul kemm mill-azzar antiossidanti u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.015.a. *Nota: Din il-partita ma tkoprix ir-radjaturi tal-vetturi.* *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta’ funzjonijiet ta’ ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta’ kontroll tal-iskambjatur tas-sħana.*	
II.A2.016	Pompi b’siġilli multipli jew mingħajr siġill, minbarra dawk speċifikati f’2B350.i, xierqa għal fluwidi korrożivi, b’rata ta’ fluss massima speċifikata mill-manifattur ta’ aktar minn 0,6 m^3/siegħa, jew pompi tal-vakwu b’rata ta’ fluss massima speċifikata mill-manifattur ta’ aktar minn 5 m^3/siegħa [imkejla taħt kondizzjonijiet ta’ temperatura standard (273 K jew 0 ^oC) u pressjoni standard (101,3 kPa)]; u casings (korpi tal-pompa), inforor tal-casings preformati, impellers, rotors jew żennuni tal-pompi tal-ġett iddisinjati għal tali pompi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f’kuntatt dirett mas-sustanza/i kimika/kimiċi li qed jiġu pproċessati jkunu kwalunkwe wieħed milli ġejjin: *NB. ara wkoll III.A2.010.* a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b’aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju skont il-piż; 2. Ċeramiki; 3. Ferrosiliċju; 4. Fluworopolimeri; 5. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enemel jew kisjiet tal-ħġieġ); 6. Grafit jew ‘grafit tal-karbonju’ 7. Nikil jew ligi b’aktar minn 40 % nikil skont il-piż; 8. Tantalju jew ligi tat-tantalju; 9. Titanju jew ligi tat-titanju; 10. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; 11. Nijobju (columbium) jew ligi tan-nijobju; jew 12. Ligi tal-aluminju; jew	2B350.i

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
	b. Magħmul kemm mill-azzar antiossidanti u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.016.a. *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta’ funzjonijiet ta’ ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta’ kontroll tal-pompa.*	

A3. Elettronika		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A3.001	Provvisti ta’ enerġija ta’ kurrent dirett ta’ vultaġġ għoli li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li jipproduċu kontinwament, fuq perjodu ta’ ħin ta’ tmien sigħat, 10 kV jew aktar, b’potenza tal-output ta’ 5 kW jew aktar bl-isweeping jew mingħajru; u b. Kurrent jew stabbiltà ta’ vultaġġ aħjar minn 0,1 % fuq perjodu ta’ ħin ta’ erba’ sigħat. *Nota: Din il-partita ma tkoprix provvisti ta’ enerġija definiti fil-partiti 0B001.j.5 u 3A227.*	3A227
II.A3.002	Spettrometri tal-massa, barra dawk indikati f’3A233 jew 0B002.g, li kapaċi jkejlu joni ta’ 200 unità ta’ massa atomika jew akbar u li għandhom riżoluzzjoni ta’ aħjar minn 2 partijiet f’200 kif ġejjin, u sorsi ta’ jone għal dan l-iskop: a. Spettrometri tal-massa bil-plażma b’akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa bi skarika inkandexxenti (GDMS); c. Spettrometri tal-massa b’jonizzazzjoni termika (TIMS); d. Spettrometri tal-massa b’bumbardament ta’ elettroni li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Sistema ta’ dħul ta’ raġġi molekulari li tinjetta raġġ ikkollimat ta’ molekuli ta’ analita f’reġjun ta’ sors ta’ joni fejn il-molekuli jiġu jonizzati b’raġġ ta’ elettroni; u 2. ‘Trappola tal-kesħa’ waħda jew iktar li jistgħu jitkessħu għal temperatura ta’ 193 K (-80° C); e. Mhux użata f. Spettrometri tal-massa mgħammra b’sors joniku ta’ mikrofluworizzazzjoni ddisinjati għal attinidi jew fluworidi tal-attinid. *Noti Tekniċi:* *1. Spettrometri tal-massa b’bumbardament ta’ elettroni f’II.A3.002.d. huma magħrufa wkoll bħala spettrometri tal-massa b’impatt ta’ elettroni jew spettrometri tal-massa b’jonizzazzjoni tal-elettroni.* *2. Fi II.A3.002.d.2., ‘trappola tal-kesħa’ hija għodda li taqbad il-molekuli tal-gass billi tikkondensahom jew tiffriżahom fuq superfiċji kesħin. Għall-finijiet ta’ II.A3.002.d.2., pompa krijoġenika ta’ elju gassuż ta’ ċirku magħluq mhijiex ‘trappola tal-kesħa’.*	3A233

▼C9

A3. Elettronika		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A3.004	Varjaturi tal-frekwenza jew ġeneraturi, minbarra dawk speċifikati f'0B001.b.13., li jistgħu jintużaw bħala mutur ta' frekwenza varjabbli jew fissa, li għandu dawn il-karatteristiċi kollha: a. Output multifaži li kapaċi jipprovdi potenza ta' 40 VA jew aktar; b. Jaħdmu bi frekwenzi ta' 600 Hz jew aktar; u c. Kontroll tal-frekwenza aħjar (anqas) minn 0,2 %. *Nota Teknika:* *1. Il-varjaturi tal-frekwenza f'II.A3.004 huma magħrufa wkoll bħala konvertituri jew invertituri.* *2. Il-varjaturi tal-frekwenza f'II.A3.004 jistgħu jiġu kkummerċjalizzati bħala Ġeneraturi, Tagħmir għal Ittestjar Elettroniku, Provvisti tal-Elettriku AC, Trażmissjonijiet bil-Mutur b'Veloċitajiet Varjabbli, Trażmissjonijiet b'Veloċitajiet Varjabbli (VSDs), Trażmissjonijiet bi Frekwenzi Varjabbli (VFDs), Trażmissjonijiet bi Frekwenzi Aġġustabbli (AFDs) jew Trażmissjonijiet b'Veloċitajiet Aġġustabbli (ASDs).*	3A225, 0B001.b.13

A6. Sensuri u Lasers		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A6.001	Vireg tal-granata ta' ittriju tal-aluminju (YAG)	—
II.A6.002	Tagħmir ottiku u komponenti, minbarra dawk speċifikati f'6A002, 6A004.b kif ġej: Ottiċi bl-infrared fil-medda ta' tul ta' mewġa ta' 9 000 nm — 17 000 nm u komponenti tagħhom, inkluż komponenti tal-tellurur tal-kadmju (CdTe).	6A002 6A004.b
II.A6.003	Sistemi ta' korrezzjoni tal-front ta' mewġa għall-użu b'raġġ tal-laser li għandu dijametru ta' iktar minn 4 mm, u komponenti disinjati speċjalment għal dan, inklużi sistemi ta' kontroll, sensuri phase front u 'mirja deformabbli' inklużi mirja bimorf. *Nota: Din il-partita ma tkoprix mirja definiti f'6A004.a, 6A005.e u 6A005.f.*	6A003
II.A6.004	"Lasers" tal-jonju argon li għandhom potenza medja tal-output ugwali għal 5 W, jew aktar. *Nota: Din il-partita ma tkoprix 'lasers' tal-argon jonizzat definiti fil-partiti 0B001.g.5., 6A005 u 6A205.a.*	6A005.a.6 6A205.a
II.A6.005	"Lasers" semikondutturi u l-komponenti tagħhom, kif ġej: a. "lasers" b'semikondutturi individwali b'potenza tal-output ogħla minn 200 mW kull wieħed, fi kwantitajiet ta' aktar minn 100; jew b. Arranġamenti individwali ta' "lasers" semikondutturi b'potenza tal-output ta' aktar minn 20 W. *Noti:* *1. "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser".* *2. Din il-partita ma tkoprix "lasers" definiti fil-partiti 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.b.* *3. Din il-partita ma tkoprix dijodi tal-"laser" b'tul ta' mewġ fil-limitu ta' 1 200 nm – 2 000 nm.*	6A005.b

▼C9

A6. Sensuri u Lasers		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A6.006	"Lasers" tas-semikondutturi "sintonizzabbli" u armaturi tal-"laser" tas-semikondutturi sintonizzabbli, ta' tul ta' mewġa ta' bejn 9 μm u 17-il μm, kif ukoll armaturi ta' "lasers" tas-semikondutturi li jkun fihom mill-anqas armatura tal-"laser" tas-semikondutturi waħda "sintonizzabbli" ta' dak it-tul ta' mewġa. *Noti:* *1. "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser".* *2. Din il-partita ma tkoprix "lasers" semikondutturi definiti fil-partiti 0B001.h.6 u 6A005.b*	6A005.b
II.A6.007	"Lasers" "sintonizzabbli" fi stat solidu u elementi ddisinjati b'mod speċjali għalihom, kif ġej: a. "Lasers" taż-żaffir titanju; jew b. "Lasers" alessandriti. *Nota: Din il-partita ma tkoprix "lasers" taż-żaffir titanju u "lasers" alessandriti definiti fil-partiti 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.c.1.*	6A005.c.1
II.A6.008	"Lasers" iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ), b'tul ta' mewġ tal-output li jaqbeż l-1 000 nm iżda ta' mhux iżjed minn 1 100 nm u enerġija tal-output li tqabeż l-10 J kull impuls. *Nota: Din il-partita ma tkoprix "lasers" iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ) definiti fil-partita 6A005.c.2.b.*	6A005.c.2
II.A6.009	Komponenti ta' akustoottiċi, kif ġej: a. Tubi għall-iffrejmjar u apparati għall-immaġni fl-istat solidu li għandhom frekwenza ta' rikorrenza daqs 1 kHz jew akbar; b. Provvisti għal frekwenza ta' rikorrenza; jew c. Ċelloli ta' Pockels.	6A203.b.4.c
II.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'6A203.c., iddisinjati apposta, jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy(siliċju) (5×10^6 rad (siliċju)) mingħajr degradazzjoni operattiva. *Nota Teknika:* *It-terminu Gy(siliċju) jirreferi għall-enerġija f'Joules għal kull kilogramm li hija assorbita minn kampjun mhux protett tas-siliċju meta espost għar-radjazzjoni jonizzanti.*	6A203.c
II.A6.011	Amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi b'koloranti li "jistgħu jiġu kkurdati", li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Jaħdmu f'tul ta' mewġa bejn 300 nm u 800 nm; b. Għandhom potenza medja tal-output ogħla minn 10 W iżda li ma taqbiżx it-30 W; c. Rata ta' ripetizzjoni ta' aktar minn 1 kHz; u d. Wisa' tal-impuls inqas minn 100 ns. *Noti:* *1. Din il-partita ma tkoprix l-oxxillaturi b'modalità waħda.* *2. Din il-partita ma tkoprix amplifikaturi u oxxillaturi "laser" bl-impulsi b'koloranti "li jistgħu jiġu kkurdati" definiti fil-partiti 6A205.c, 0B001.g.5 u 6A005.*	6A205.c

▼C9

A6. Sensuri u Lasers		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A6.012	"Lasers" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 9 000 nm u 11 000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 Hz; 3. Jipproduċu potenza medja tal-output ta' aktar minn 100 W iżda mhux aktar minn 500 W; u 4. Wisa' tal-impuls inqas minn 200 ns. *Nota: Din il-partita ma tkoprix amplifikaturi u oxxillaturi "laser" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju definiti fil-punti 6A205.d, 0B001.h.6 u 6A005.d.*	6A205.d
II.A6.013	"Lasers" ta' fwar tar-ram li għandhom dawn iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġa bejn 500 nm u 600 nm; u 2. Potenza medja tal-output daqs jew aktar minn 15W.	6A005.b
II.A6.014	'Lasers' bl-impulsi tal-monossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġa bejn 5 000 nm u 6 000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 Hz; 3. Potenza medja tal-output akbar minn 100 W; u 4. Wisa' tal-impuls inqas minn 200 ns. *Nota: Din il-partita ma tikkontrollax "lasers" industrijali tal-monossidu tal-karbonju b'enerġija ogħla (tipikament bejn 1 sa 5kW) li jintużaw f'applikazzjonijiet bħall-qtugħ u wweldjar hekk kif dawn il-"lasers" tal-aħħar jużaw mewġa kontinwa jew jużaw impuls li jkollu wisa' tal-impuls ta' akbar minn 200 ns.*	

A7. Navigazzjoni u Avjoniċi		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A7.001	Sistemi inerzjali ta' navigazzjoni u komponenti ddisinjati b'mod speċifiku għalihom, kif ġej: I. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali ċċertifikati għall-użu fuq "inġenji tal-ajru ċivili" mill-awtoritajiet ċivili ta' Stat parteċipant fil-Ftehim ta' Wassenaar, u l-komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom, kif ġej: a. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali (INSs) (gimballed jew marbutin) u tagħmir inerzjali ddisinjat għal "inġenji tal-ajru", vetturi tal-art, reċipjenti (tal-wiċċ jew taħt l-ilma) jew 'vetturi spazjali' għal orjentazzjoni, gwida jew kontroll, b'waħda mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. Żball ta' navigazzjoni (liberu inerzjali) sussegwenti għall-allinjament normali ta' 0,8 mil nawtiku kull siegħa (nm/hr) "Żball Ċirkolari Probabbli" (CEP) jew anqas (aħjar); jew 2. Speċifikati biex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari ogħla minn 10 g;	7A003 7A103

▼C9

A7. Navigazzjoni u Avjoniċi		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
	b. Sistemi Inerzjali Ibridi ta' Navigazzjoni integrati f'Sistema/i Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) jew f'Sistema/i ta' "Navigazzjoni b'Riferiment għal Bażijiet ta' Data" ("DBRN") għall-attitudni, il-gwida jew il-kontroll, sussegwenti għal allinjament normali u bi preċiżjoni tal-pożizzjonament tan-navigazzjoni INS, wara telf tal-GNSS jew id-"DBRN" għal perjodu sa erba' minuti, ta' inqas (aħjar) minn 10 metri "CEP"; c. Tagħmir Inerzjali għall-Indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana li għandhom xi wieħed minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati b'mod speċifiku għalihom: 1. Iddisinjat biex ikollu preċiżjoni tal-Indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad; jew 2. Iddisinjat għal livell ta' skoss nonoperattiv ta' 900 g jew aktar għal durata ta' 1 msec jew iżjed. *Nota: Il-parametri ta' I.a. u I.b. huma applikabbli ma' kull waħda mill-kondizzjonijiet ambjentali li ġejjin:* *1. Vibrazzjoni aleatorja tad-dħul ta' manjitudni globali ta' 7,7 g rms fl-ewwel nofs siegħa u durata totali tat-test ta' siegħa u nofs għal kull assi f'kull wieħed mit-tliet assi perpendikolari, meta l-vibrazzjoni aleatorja tissodisfa dan kollu li ġej:* *a. Densità ta' qawwa kostanti spektrali (PSD) valur ta' 0,04 g^2/Hz fuq intervall ta' frekwenza ta' 15 sa 1 000 Hz; u* *b. Il-PSD tonqos b'frekwenza minn 0,04 g^2/Hz għal 0,01 g^2/Hz f'intervall tal-frekwenza minn 1 000 sa 2 000 Hz;* *2. Rata ta' roll u yaw ugwali daqs jew aktar minn +2,62 radian/s (150 grad/s); jew* *3. Skont l-istandards nazzjonali ekwivalenti għal 1. jew 2. hawn fuq.* *Nota Teknika:* *I.b. jirreferi għal sistemi li fihom jiġu integrati f'unità waħda INS u għajnuniet indipendenti oħra għan-navigazzjoni sabiex tinkiseb prestazzjoni aħjar.* II. Sistemi ta' teodolit li jinkorporaw tagħmir inerzjali ddisinjat apposta għal skopijiet ta' surveying ċivili u ddisinjat sabiex ikollu preċiżjoni tal-indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad, u komponenti ddisinjati apposta għalihom. III. Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża aċċellerometri speċifikati f'7A001 jew 7A101, fejn tali aċċellerometri huma ddisinjati u żviluppati b'mod speċjali bħala sensuri MWD (Kejl Waqt it-Thaffir) għall-użu f'operazzjonijiet ta' thaffir.	

▼C9

A9. Ajruspazju u Propulsjoni		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.A9.001	Skorfini splussivi.	—

II.B. TEKNOLOĠIJA

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
II.B.001	Teknoloġija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti fil-Parti II.A. (Oġġetti) hawn fuq. *Nota Teknika:* *It-terminu 'teknoloġija' jinkludi software.*	—

▼M52

▼C9

ANNESS IIa

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 3(1), 3(3) u 3(5), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 45

NOTI INTRODUTTORJI

1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna hawn taħt intitolata 'Deskrizzjoni' jirreferu għal deskrizzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju u teknoloġija stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna intitolata 'Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821' ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna 'Deskrizzjoni' huma barra mill-parametri tad-deskrizzjoni tal-entrata b'użu doppju li qed issir referenza għaliha.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti singoli' jinsabu f'nota teknika għall-oġġett rilevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-kontrolli f'dan l-Anness m'għandux jiġi mxejjen bl-esportazzjoni ta' kwalunkwe merkanzija mhux ikkontrollata (inklużi impjanti) li jkollha fiha komponent ikkontrollat jew aktar minn wieħed, meta l-komponent jew komponenti kkontrollati jkun/u l-elementi prinċipali tal-merkanzija u jkunu jistgħu jitneħħew jew jintużaw b'faċilità għal għanijiet oħrajn.

N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jiġu evalwati l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika involuti u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu li l-komponent jew komponenti kkontrollati jkunu l-element prinċipali tal-merkanzija miksuba.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-"teknoloġija" "meħtieġa" għall-"użu" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma kkontrollati fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huwa kkontrollat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III.B.

2. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija kkontrollata fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huma pprojbiti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness II, Taqsima II.B.

3. It-"teknoloġija" "meħtieġa" għall-"użu" ta' oġġetti taħt kontroll tibqa' taħt kontroll anki meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ikkontrollati.

4. Il-kontrolli ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ikkontrollati jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007, ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 jew dan ir-Regolament.

5. Il-kontrolli fuq it-trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "fl-isfera pubblika", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għal applikazzjonijiet għal privattivi.

▼C9

III.A. PRODOTTI

A0. Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A0.015	‘Kaxex għall-ingwanti’, iddisinjati b’mod speċjali għall-iżotopi radjuattivi, għassorsi radjuattivi jew għar-radjunuklidi. *Nota Teknika:* *‘Kaxex għall-ingwanti’ tfisser tagħmir li jipprovdi protezzjoni lill-utent, mill-fwar, mill-partiċelli jew mir-radjazzjoni li jagħmlu l-ħsara, minn materjali ġot-tagħmir li qiegħed jintuża jew ipproċessat minn persuna li tkun fuq in-naħa ta’ barra tat-tagħmir, permezz ta’ manipulaturi jew ingwanti integrati fit-tagħmir.*	0B006
III.A0.016	Sistemi għall-monitoraġġ ta’ gassijiet tossiċi ddisinjati għall-operat u għaddetezzjoni kontinwi tas-Sulfur tal-Idroġenu, u detetturi ddisinjati b’mod speċjali għalihom.	0A001 0B001.c
III.A0.017	Detetturi għall-Ħruġ tal-Elju.	0A001 0B001.c

A1. Materjali, kimiċi, ‘mikroorganiżmi’ u ‘tossini’		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A1.003	Siġilli u gaskits f’forma ta’ ċrieki, b’dijametru intern ta’ 650 mm u anqas, magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Kopolimeri ta’ fluworur tal-vinilidin li għandhom 75 % jew aktar ta’ forma kristallina beta mingħajr tiġbid; b. Polimidi fluworati li fihom 10 % f’piż jew aktar ta’ fluworu kkombinat; c. Elastomeri tal-fosfażin fluworinat li għandhom 30 % jew aktar f’piż ta’ fluworu kkombinat; d. Poliklorotrifloretilen (PCTFE, eż. Kel-F ®); e. Fluworoelastomeri (eż., Viton ®, Tecnoflon ®); f. Politetrafluworoetilen (PTFE).	
III.A1.004	Tagħmir personali għas-sejba ta’ radjazzjoni ta’ oriġini nukleari, inklużi dożimetri personali. *Nota: Din il-partita ma tkoprix sistemi ta’ detezzjoni nukleari definiti fil-partita 1A004.c.*	1A004.c
III.A1.020	Ligi tal-azzar fil-forma ta’ folja jew pjanċa, li jkollhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: (a) Ligi tal-azzar ‘kapaċi għal’ limitu ta’ reżistenza għat-tensjoni ta’ 1 200 MPa jew aktar f’293 K (20 °C); jew (b) Azzar antiossidanti dupleks stabbilizzat bin-nitroġenu. *Nota: Il-fraži liegi ‘kapaċi għal’ tinkorpora liegi qabel jew wara t-trattament bis-sħana.* *Nota Teknika:* *‘Azzar inossidabbli duplex stabilizzat bin-nitroġenu’ għandu mikrostruttura ta’ żewġ fażijiet li tikkonsisti minn frak ta’ azzar ferritiku u awstenitiku biż-żieda tan-nitroġenu biex jistabbilizza l-mikrostruttura.*	1C116 1C216

▼C9

A1. Materjali, kimiċi, ‘mikroorganiżmi’ u ‘tossini’

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A1.021	Materjal Kompożitu tal-Karbonju-Karbonju.	1A002.b.1
III.A1.022	Ligi tan-nikil f’forma mhux maħduma jew semifabbrikata, li jkollhom 60 % f’piż jew aktar nikil.	1C002.c.1.a
III.A1.023	Ligi tat-titanju f’forma ta’ folja jew pjanċa ‘kapaċi għal’ limitu ta’ reżistenza għat-tensjoni ta’ 900 MPa jew aktar f’293 K (20 °C). *Nota: Il-frażi liegi ‘kapaċi għal’ tinkorpora liegi qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*	1C002.b.3
III.A1.024	Propellanti u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti kif ġejjin: a. Dijisoċjanat tat-tolwina (TDI); b. Dijisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (MDI); c. Dijisoċjanat tal-Isoforon (IPDI); d. Perklorat tas-sodju; e. Ksilidina; f. Polietere Terminat tal-Idrossi (HTPE); jew g. Etere Kaprolatton Terminat tal-Idrossi (HTCE). *Nota Teknika:* *Din il-partita tirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta’ waħda mill-kimiki msemmija hawn fuq.*	1C111
III.A1.025	‘Materjali lubrikanti’ li bħala l-ingredjenti prinċipali tagħhom fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Perfluworoalkiletere, (CAS 60164-51-4); b. Perfluworopolialkiletere, PFPE, (CAS 6991-67-9). *Nota Teknika:* *‘Materjali lubrikanti’ tfisser żjut u likwidi.*	1C006
III.A1.026	Ligi tal-berillju-ram jew ram-berillju f’forma ta’ pjanċa, folja, strixxa jew vireg, li jkollhom kompożizzjoni li tinkludi r-ram bħala l-akbar element f’piż u elementi oħrajn li jinkludu inqas minn 2 % f’piż tal-berillju.	1C002.b

A2. Ipproċessar ta’ Materjali

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A2.008	Tagħmir ta’ kuntatt likwidu-likwidu (mixer-settlers, kolonni bil-polz, kuntatturi ċentrifugali); u distributuri tal-likwidu, distributuri tal-fwar jew kolletturi ta’ likwidu ddisinjati għal tali tagħmir fejn is-superfiċi kollha li jkunu f’kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li qed ikunu pproċessati tkun magħmula mill-azzar inossidabbli. *N.B. ara wkoll II.A2.014.* *Nota: għall-azzar inossidabbli b’aktar minn 25 % ta’ nikil u 20 % ta’ kromu f’piż ara l-annotazzjoni II.A2.014.a*	2B350.e

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A2.009	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: *N.B. ara wkoll II.A2.015.* Skambjaturi tas-sħana jew kondensaturi b’erja tal-wiċċ għat-trasferiment tas-sħana akbar minn 0,05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, pjanċi, kojls jew blokok (qlub) iddisinjati għal tali skambjaturi tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f’kuntatt dirett mal-fluwidu/i jkunu magħmula mill-azzar inossidabbli. *Nota 1: Għall-azzar inossidabbli b’aktar minn 25 % ta’ nikil u 20 % ta’ kromu f’piż ara l-annotazzjoni II.A2.015a.* *Nota 2: Din il-partita ma tkoprix ir-radjaturi tal-vetturi.* *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta’ funzjonijiet ta’ ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta’ kontroll tal-iskambjatur tas-sħana.*	2B350.d
III.A2.010	Pompi b’siġilli multipli jew mingħajr siġill, minbarra dawk speċifikati f’2B350.i, xierqa għal fluwidi korrożivi, b’rata ta’ fluss massima speċifikata mill-manifattur ta’ aktar minn 0,6 m^3/siegħa, jew pompi tal-vakwu b’rata ta’ fluss massima speċifikata mill-manifattur ta’ aktar minn 5 m^3/siegħa [imkejla taħt kondizzjonijiet ta’ temperatura standard (273 K jew 0 °C) u pressjoni standard (101,3 kPa)]; u casings (korpi tal-pompa), inforor tal-casings preformati, impellers, rotors jew żennuni tal-pompi tal-ġett iddisinjati għal tali pompi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f’kuntatt dirett mas-sustanza/i kimika/kimiċi li qed jiġu pproċessati huma magħmula mill-azzar inossidabbli. *N.B. ara wkoll II.A2.016.* *Nota:għall-azzar inossidabbli b’aktar minn 25 % ta’ nikil u 20 % ta’ kromu f’piż ara l-annotazzjoni II.A2.016a.* *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta’ funzjonijiet ta’ ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta’ kontroll tal-pompa.*	2B350.i
III.A2.017	Għodod tal-Magni għall-Elettroerożjoni (EDM - Electrical Discharge Machine) għat-tneħħija jew għall-qtugħ ta’ metalli, ċeramika jew “kompożiti”, kif ġejjin, u elettrodi tal-virga, taċ-ċomba tal-għads jew tal-wajer iddisinjati b’mod speċjali għalihom: a. Magni għall-Elettroerożjoni tal-elettrodu tal-vireg jew taċ-ċomba tal-għads; b. Magni għall-Elettroerożjoni tal-elettrodu tal-wajer. *Nota: Il-Magni għall-Elettroerożjoni huma magħrufa wkoll bħala Spark Erosion Machines jew Wire Erosion Machines.*	2B001.d
III.A2.018	Magni tal-kejl tal-koordinat (CMM) ikkontrollati minn kompjuter jew “ikkontrollati numerikament”, jew magni ta’ spezzjoni dimensjonali, li għandhom żball ta’ indikazzjoni massimu tridimensjonali (volumetriku) permissibbli (MPP_E) fi kwalunkwe punt fil-medda operattiva tal-magna (jiġifieri, fit-tul ta’ assi) daqs jew inqas (aħjar) minn (3 + L/1 000) µm (L huwa t-tul imkejjel f’mm), ittestjati skont l-ISO 10360-2 (2001), u sondi tal-kejl iddisinjati b’mod speċifiku għalihom.	2B006.a 2B206.a
III.A2.019	Magni għall-Iwweldjar b’Faxx ta’ Elettroni kkontrollati bil-kompjuter jew “ikkontrollati numerikament”, u komponenti tagħhom imfassla b’mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1.b

▼C9

A2. Ipproċessar ta’ Materjali		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A2.020	Magni għall-Iwweldjar bil-Laser u għall-Qtugħ bil-Laser kkontrollati bil-kompjuter jew “ikkontrollati numerikament”, u komponenti tagħhom imfassla b’mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1.c
III.A2.021	Magni għall-Qtugħ bil-Plasma kkontrollati bil-kompjuter jew “ikkontrollati numerikament”, u komponenti tagħhom imfassla b’mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1
III.A2.022	Tagħmir għall-Monitoraġġ tal-Vibrazzjoni ddisinjat b’mod speċjali għal skrejjen jew tagħmir u makkinarju li jdur, jiflaħ ikejjel kwalunkwe frekwenza fil-firxa ta’ 600-2 000 Hz.	2B116
III.A2.023	Pompi tal-vakwu b’ċirku tal-Likwidu, u komponenti tagħhom iddisinjati b’mod speċifiku għalihom.	2B231 2B350.i
III.A2.024	Pompi bil-Vakwu bil-qala’ li jduru, u komponenti tagħhom iddisinjati b’mod speċifiku għalihom. *Nota 1: III.A2.024 ma jikkontrollax il-pompi bil-vakwu bil-qala’ li jduru li huma ddisinjati b’mod speċifiku għal tagħmir ieħor speċifiku.* *Nota 2: L-istatus ta’ kontroll tal-pompi bil-vakwu bil-qala’ li jduru, li huma ddisinjati b’mod speċjali għal tagħmir ieħor speċifiku, huwa ddeterminat mill-kondizzjonijiet ta’ kontroll ta’ dak it-tagħmir l-ieħor.*	2B231 2B235.i 0B002.f
III.A2.025	Filtri għall-arja, kif ġejjin, li għandhom dimensjoni ta’ daqs fiżika waħda jew aktar li hija akbar minn 1 000 mm: a. Filtri ta’ Arja Partikolata Effiċjenti Ħafna (HEPA); b. Filtri ta’ Arja b’Penetrazzjoni Baxxa Ħafna (ULPA). *Nota: III.A2.025 ma jikkontrollax il-filtri tal-arja ddisinjati b’mod speċifiku għat-tagħmir mediku.*	2B352.d

A3. Elettronika		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A3.004	Spettrometri u diffrattometri, imfasslin għat-test indikattiv jew l-analiżi kwantitattiva tal-kompożizzjoni elementali tal-metalli jew il-ligi mingħajr dekompożizzjoni kimika tal-materjal.	
III.A3.005	‘Tagħmir li Jbiddel il-Frekwenza’, Ġeneraturi tal-Frekwenza u tagħmir elettriku li Jikkontrolla l-Veloċità, li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin: a. Potenza tal-output multifaża ta’ 10 W jew aktar; b. Kapaċi joperaw fuq frekwenza ta’ 600 Hz jew aktar; u c. Kontroll tal-frekwenza aħjar (anqas) minn 0,2 %. *Nota Teknika:* *‘Tagħmir li Jbiddel il-Frekwenza’ jinkludi varjaturi ta’ frekwenza u invertituri tal-frekwenza.* *Noti:* *1. Il-partita III.A3.005 ma tikkontrollax tagħmir li jbiddel il-frekwenza li jinkludi protokolli jew interfaċċi ta’ komunikazzjoni ddisinjati għal makkinarju industrijali speċifiku (bħal għodod tal-magni, makkinarju rotanti, magni li jużaw bord ta’ ċirkwit stampat) ħalli l-varjaturi tal-frekwenza ma jkunux jistgħu jintużaw għal finijiet oħrajn filwaqt li jissodisfaw il-karatteristiċi ta’ prestazzjoni ta’ hawn fuq.* *2. Il-partita III.A3.005 ma tikkontrollax it-tagħmir li jbiddel il-frekwenza ddisinjat b’mod speċjali għal vetturi u li jopera b’sekwenza ta’ kontroll li hija kkomunikata b’mod reċiproku bejn it-tagħmir li jbiddel il-frekwenza u l-unità ta’ kontroll veikolari.*	3A225 0B001.b.13

▼C9

A6. Sensuri u Lasers		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A6.012	‘Gejġes tal-pressjoni tal-vakwu’, li jaħdmu bl-elettriku u li għandhom preċiżjoni tal-kejl ta’ 5 % jew inqas (aħjar). *Nota Teknika:* *‘Gauges tal-pressjoni tal-vakwu’ jinkludu Pirani Gauges, Penning Gauges u Capacitance Manometers.*	0B001.b
III.A6.013	Mikroskopji u tagħmir u ditekters relatati, kif ġejjin: a. Mikroskopji tal-Elettroni li Jiskennjaw; b. Mikroskopji tal-Auger li Jiskennjaw; c. Mikroskopji tal-Elettroni tat-Trażmissjoni; d. Mikroskopji tal-Forza Atomika; e. Mikroskopji tal-Forza li Tiskennja; f. Tagħmir u detetturi, iddisinjati b’mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati f’III.A6.013 a) sa e) hawn fuq, u jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin: 1. Spettroskopija ta’ Ritratt b’raġġi X (XPS); 2. Spettroskopija b’raġġi X li xxerred l-enerġija (EDX, EDS); jew 3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (ESCA).	6B

A7. Navigazzjoni u Avjoniċi		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A7.002	Aċċellerometri li jkollhom element ta’ trasduttur taċ-ċeramika pjeżoelettriku, li għandu sensittività ta’ 1 000 mV/g jew aħjar (ogħla)	7A001

A9. Ajruspazju u Propulsjoni		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A9.002	‘Ċelluli ta’ tagħbija’ kapaċi li jkejlu l-imbuttatura ta’ magni rokit li għandhom kapaċità li taqbeż it-30 kN. *Nota Teknika:* *‘Ċelluli ta’ Karga’ tfisser apparati u trasdutturi li jkejlu s-saħħa tat-tensjoni u tal-kompressjoni.* *Nota: III.A9.002 ma jinkludix tagħmir, apparati jew trasdutturi, iddisinjati b’mod speċjali biex ikejlu l-piż tal-vetturi, eż. jintiżnu l-pontijiet.*	9B117

▼C9

A9. Ajruspazju u Propulsjoni		
Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.A9.003	Turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika, komponenti u tagħmir relatat kif ġejjin: a. Turbini tal-kombustjoni ddisinjati b'mod speċjali għall-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika, li għandhom output li jaqbeż il-200 MW; b. Qlugħ, stators, kompartimenti tal-kombustjoni u żennuni għall-injezzjoni tal-fjuwil, iddisinjati b'mod speċjali għat-turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika speċifikati f'III.A9.003.a; c. Tagħmir iddisinjat b'mod speċjali għall-"iżvilupp" u għall-"produzzjoni" ta' turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika speċifikati f'III. A9.003.a.	9A001 9A002 9A003 9B001 9B003 9B004

III.B. TEKNOLOĠIJA

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
III.B.001	'Teknoloġija' meħtieġa għall-użu tal-oġġetti fil-Parti III.A. (Oġġetti) hawn fuq. *Nota Teknika:* *It-terminu 'teknoloġija' jinkludi software.*	

▼M30

ANNESS III

KATEGORIJA 1 — MATERJALI SPEĊJALI U TAGĦMIR RELATAT

1A Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1A002	Strutturi jew laminati "kompożiti", li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: a. Jikkonsistu f'"matriċi" organika u materjali speċifikati f'1C010.c., 1C010.d. jew 1C010.e.; jew b. Jikkonsistu f'"matriċi" tal-metall jew tal-karbonju, u minn xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. "Materjali fibruż jew filamentari", tal-karbonju, li għandhom dan kollu li ġej: a. "Modulu speċifiku" li jeċċedi 10,15 × 106 m; kif ukoll b. "Modulu speċifiku" li jeċċedi 17,7 × 10^4 m; jew 2. Il-materjali speċifikati f'1C010.c. *Nota 1: 1A002 ma jikkontrollax strutturi jew laminati kompożiti magħmulin minn "materjali fibruż u filamentari" tal-karbonju mxappin f'reżina epossida użati għat-tiswija ta' strutturi jew laminati ta' "inġenji tal-ajru ċivili", li għandhom dan kollu li ġej:* *a. Erja ta' mhux iktar minn 1 m^2;* *b. Tul ta' mhux iktar minn 2,5 m; kif ukoll* *c. Wisa' ta' mhux iktar minn 15 mm.* *Nota 2: 1A002 ma jikkontrollax oġġetti nofshom lesti, mfasslin apposta għal applikazzjonijiet purament ċivili kif ġej:* *a. Merkanzija sportiva;* *b. Industrija awtomobilistika;* *c. Industrija tal-għodda makkinarja;* *d. Applikazzjonijiet mediċi.*	M6A1	Strutturi komposti, laminati, u manifatturi tagħhom, iddisinjati apposta għall-użu fis-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. u s-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.

	Nota 3: *1A002.b.1. ma jikkontrollax oġġetti nofshom lesti li fihom mhux aktar minn żewġ dimensjonijiet ta' filamenti minsuġin u mfassla apposta għall-applikazzjonijiet kif ġej:* *a. Fran għat-trattament ta' metalli bi sħana għall-ittemprar ta' metalli;* *b. Tagħmir għall-produzzjoni ta' boule tas-siliċju.* *Nota 4:* *1A002 ma jikkontrollax oġġetti lesti, mfassla apposta għal applikazzjoni speċifika.*		
1A102	Komponenti tal-karbonju-karbonju pirolizzati u risaturati mfasslin għal vetturi għall-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew għal rokits sonda speċifikati f'9A104.	M6A2	Komponenti pirolizzati risaturati (jiġifieri karbonju-karbonju) li għandhom dawn kollha li ġejjin: a. Iddisinjati għal sistemi tar-rokits; u b. Jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.

1B Tagħmir għall-Ittestjar, l-Ispezzjoni u l-Produzzjoni

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1B001	Tagħmir għall-produzzjoni jew l-ispezzjoni ta' strutturi jew laminati "kompożiti" speċifikati f'1A002 jew "materjali fibruži jew filamentari" speċifikati f'1C010, kif ġej, u komponenti u aċċessorji mfasslin apposta għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 1B101 U 1B201.**		
	a. Magni għat-tkebbib tal-filamenti, li l-movimenti tagħhom għall-ippożizzjonar, it-tgeżwir u t-tkebbib tal-fibri huma kkoordinati u pprogrammati fuq tliet assi jew aktar ta' "servopożizzjonament primarju", mfasslin apposta għall-manifattura ta' strutturi jew laminati "kompożiti", minn "materjali fibruži jew filamentari";	M6B1a	Magni għat-tkebbib tal-filamenti jew magni għat-tqegħid tal-fibra jew wajers li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid, it-tgeżwir u t-tkebbib ta' fibri jistgħu jiġu kkoordinati u pprogrammati fuq tliet assi jew aktar, mfasslin għall-manifattura ta' strutturi jew laminati kompożiti minn materjali fibruži jew filamentari, u kontrolli li jikkoordinaw u jipprogrammaw;
	b. "Magni għat-tqegħid tat-tejp", li l-movimenti tagħhom għall-ippożizzjonar u t-tqegħid tat-tejp huma kkoordinati u pprogrammati fuq ħames assi jew aktar ta' "servopożizzjonament primarju", mfasslin apposta għall-manifattura ta' strutturi "kompożiti" tal-oqfsa ta' inġenji tal-ajru jew ta' "missili";	M6B1b	Magni għat-tqegħid ta' tejp li l-movimenti tagħhom għall-pjazzament u t-tqegħid tat-tejp jistgħu jiġu kkoordinati u programmati f'żewġ assi jew aktar, iddisinjati għall-manifattura ta' oqfsa komposti ta' inġenji tal-ajru u strutturi missili;

▼M30

Nota: F'1B001.b., 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ. *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta' 1B001.b., "magni għat-tqegħid tat-tejp" għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa ta' filament" jew aktar b'limitu ta' wisa' ta' aktar minn 25 mm sa 305 mm jew inqas, u li jaqtgħu u jerġgħu jibdew korsiji individwali ta' "strixxi ta' filament" matul il-proċess ta' tqegħid.*		*Nota: Għall-finijiet ta' 6.B.1.a u 6.B.1.b, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:* *1. "Strixxa ta' filament" hija wisa' unika kontinwa ta' tejp, wajer, jew fibra kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina. Strixxi ta' filament kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina jinkludu dawk miksijin bi trab xott li taċċi fuq it-tiswin.* *2. "Magni għat-qegħid tal-fibra/tal-wajers" u "magni għat-tqegħid tat-tejp" huma magni li jwettqu proċessi simili li jużaw muntatura mmexxija mill-kompjuter li jqiegħdu "strixxa ta' filament" waħda jew aktar fuq forma biex joħolqu parti jew struttura. Dawn il-magni għandhom il-kapaċità li jaqtgħu u jerġgħu jibdew korsijiet individwali ta' "strixxi ta' filament" matul il-proċess ta' tqegħid.* *3. "Magni għat-tqegħid ta' fibra/tal-wajers" għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa tal-filament" waħda jew aktar b'limitu ta' wisa' ta' inqas minn jew ugwali għal 25,4 mm. Dan jirreferi għall-wisa' minima tal-materjal il-magna tista' tqiegħed, mingħajr kunsiderazzjoni l-ogħla kapaċità tal-magna.* *4. Magni għat-tqegħid tal-wajers' għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa tal-filament" waħda jew aktar b'limitu ta' wisa' ta' inqas minn jew ugwali għal 25,4 mm. Dan jirreferi għall-wisa' minima tal-materjal il-magna tista' tqiegħed, mingħajr kunsiderazzjoni l-ogħla kapaċità tal-magna.*
c. Magni tal-insiġ multidirezzjonali u multidimensjonali jew magni tad-dafar, inklużi adattaturi u kittijiet ta' modifika, mfasslin apposta jew immodifikati għall-insiġ, id-dafar jew l-immaljar ta' fibri, għal strutturi "kompożiti"; *Nota Teknika:* *Għall-iskopijiet ta' 1B001.c., it-teknika ta' dafar tinkludi l-innittjar.*	M6B1c	Magni tal-insiġ multidirezzjonali, multidimensjonali jew magni tad-dafar, inklużi adattaturi u kittijiet ta' modifika għall-insiġ, id-dafar jew l-immaljar ta' fibri għall-manifattura ta' strutturi komposti; *Nota: 6.B.1.c. ma jikkontrollax makkinarju tat-tessuti mhux modifikat għall-użi finali ddikjarati.*
d. Tagħmir imfassal apposta jew adattat għall-produzzjoni ta' fibri rinforzanti, kif ġej:		Tagħmir mfassal jew immodifikat għall-"produzzjoni" ta' materjali fibruži jew filamentari kif ġej:
1. Tagħmir għall-konverżjoni ta' fibri polimeriċi (bħal poliakrilonitril, rejon, żift jew polikarbosilan) f'fibri ta' karbonju jew fibri ta' karbur tas-siliċju, inkluż tagħmir speċjali sabiex tissikka ruħha l-fibra waqt it-tiswin;	M6B1d1	1. Tagħmir għall-konverżjoni ta' fibri polimeriċi (bħal poliakrilonitril, rejon, jew polikarbosilan) inkluż tagħmir speċjali biex jissikka l-fibra waqt it-tiswin;

	2. Tagħmir għad-depożitar kimiku f'faži ta' fwar ta' elementi jew komposti, fuq sottostrati filamentari msaħħna, għall-manifattura ta' fibri tal-karbur tas-siliċju;	M6B1d2	2. Tagħmir għad-depożitar f'faži ta' fwar ta' elementi jew komposti fuq sottostrati ta' filamenti msaħħna;
	3. Tagħmir għall-estrużjoni bl-umdità ta' ċeramika refrattarja (bħall-ossidu tal-aluminju);	M6B1d3	3. Tagħmir għall-estrużjoni bl-umdità ta' ċeramika refrattarja (bħall-ossidu tal-aluminju);
	4. Tagħmir għall-konverżjoni tal-aluminju li fih fibri prekursuri f'fibri tal-alumina permezz tat-trattament ta' sħana;	M6B1e	Tagħmir iddisinjat jew modifikat għat-trattament speċjali tal-wiċċ tal-fibri jew għall-produzzjoni ta' prepregs u preformati, inklużi rombli, tagħmir għat-tiġbid, tagħmir għall-kisi, tagħmir għall-qtugħ u punzuni tal-qtugħ.
	e. Tagħmir sabiex jipproduċi materjali mxappin bil-lest speċifikati f'1C010.e. bil-metodu ta' tidwib bis-sħana;		
	f. Tagħmir għall-ispezzjoni mhux distruttiva mfassal apposta għal materjali "kompożiti", kif ġej:		Nota: *L-eżempji ta' komponenti u aċċessorji għall-magni speċifikati f'6.B.1. huma forom, mandrini tat-torn, punzuni, tagħmir fiss u għodod għall-ippressar ta' preforma, għall-ikkurar, l-ikkastjar, it-tgħaqqid bis-sħana jew l-irbit ta' strutturi komposti, laminati u manifatturi tagħhom.*
	1. Sistemi ta' tomografija permezz tar-raġġi X għall-ispezzjoni ta' difetti tridimensjonali;		
	2. Magni tal-ittestjar ultrasoniku kkontrollati numerikament li l-movimenti tagħhom għall-ippożizzjonar tat-transmettituri jew tar-riċevituri huma koordinati u programmati simultanjament fuq erba' assi jew aktar sabiex isegwu l-kontorni tridimensjonali tal-komponent spezzjonat;		
	g. "Magni għat-tqegħid tal-wajers", li l-movimenti tagħhom għall-pożizzjonament u tqegħid ta' wajers jew ta' folji huma kkoordinati u programmati f'żewġ assi jew aktar ta' "servopożizzjonament primarju", mfasslin apposta għall-manifattura ta' strutturi "kompożiti" ta' oqfsa ta' inġenji tal-ajru jew ta' "missili".		
	Nota Teknika:		
	Għall-iskopijet ta' 1B001, "magni għat-tqegħid tal-wajers" għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa ta' filament" waħda jew aktar li jkollhom wisa' ta' 25 mm jew anqas, u li jaqtgħu u jerġgħu jibdew korsiji individwali ta' "strixxi ta' filament" matul il-proċess ta' tqegħid.		
	Nota Teknika:		
	1. Għall-iskop ta' 1B001, l-assi ta' "servopożizzjonament primarju" jikkontrollaw permezz ta' programm tal-kompjuter, il-pożizzjoni tat-tagħmir tat-tarf (jiġifieri, ir-ras) fl-ispazju apparagun tal-biċċa li qed tinħadem fl-orjentament u fid-direzzjoni korretta biex jinkiseb il-proċess mixtieq.		
	2. Għall-iskopijiet ta' 1B001, "strixxa ta' filament" hija wisa' unika kontinwa ta' tejp, wajer, jew fibra kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina.		

▼M30

1B002	Tagħmir li jipproduċi ligi tal-metall, trab ta' ligi tal-metall jew materjali tal-ligi, mfasslin apposta sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni u mfasslin apposta għall-użu f'wieħed mill-proċeduri speċifikati f'1C002.c.2. **N.B.: ARA WKOLL 1B102.**	M4B3d	'Tagħmir tal-produzzjoni' tat-trab tal-metall li jista' jintuża għall-'produzzjoni', f'ambjent ikkontrollat, ta' materjali sferiċi, sferojdali jew atomizzati speċifikati f'4.C.2.c., 4.C.2.d. jew 4.C.2.e. Nota: 4.B.3.d. jinkludi: a. Ġeneraturi tal-plażma (ġett forma ta' arka ta' frekwenza għolja) li jistgħu jintużaw sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma; b. Tagħmir ta' elettrosplużjoni li jista' jintuża sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma; c. Tagħmir li jista' jintuża għall-"produzzjoni" ta' trabijiet tal-aluminju sferiċi bil-polverizzazzjoni ta' tidwiba f'ambjent inert (p.eż. nitroġenu). Noti: 1. L-uniku tagħmir għat-taħlit, tagħmir għat-taħlit kontinwu, li jista' jintuża għal propellanti solidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'4.C., u mtieħen ġett speċifikati f'4.B., huma dak speċifikat f'4.B.3. 2. Forom ta' "tagħmir tal-produzzjoni" tat-trab tal-metall mhux speċifikati f'4.B.3.d. għandhom jiġu evalwati skont 4.B.2.
1B101	Tagħmir, minbarra dak speċifikat f'1B001, għall-"produzzjoni" ta' kompożiti strutturali kif ġej; u komponenti u aċċessorji mfasslin apposta għalih: **N.B.: ARA WKOLL 1B201.** Nota: Komponenti u aċċessorji speċifikati f'1B101 inkluż forom imħaffrin, mandrini tat-torn, forom imnaqqxin, muntaġġi u għodod għall-ippressar tal-preforma, għall-ikkurar, l-ikkastjar, it-tgħaqqid bis-sħana jew l-irbit ta' strutturi kompożiti, laminati u l-manifatturi tagħhom.		
	a. Magni għat-tkebbib tal-filamenti jew magni għat-tqegħid tal-fibri li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid, it-tgeżwir u t-tkebbib ta' fibri jistgħu jiġu kkoordinati u pprogrammati fuq tliet assi jew aktar, mfasslin għall-manifattura ta' strutturi jew laminati kompożiti minn materjali fibruži jew filamentari, u kontrolli li jikkoordinaw u jipprogrammaw;	M6B1a	Magni għat-tkebbib tal-filamenti jew magni għat-tqegħid tal-wajers li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid, it-tgeżwir u t-tkebbib ta' fibri jistgħu jiġu kkoordinati u pprogrammati fuq tliet assi jew aktar, mfasslin għall-manifattura ta' strutturi jew laminati kompożiti minn materjali fibruži jew filamentari, u kontrolli li jikkoordinaw u jipprogrammaw;

b. Magni għat-tqegħid ta' tejp li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid jew il-pjazzament tat-tejp u l-folji jistgħu jiġu kkoordinati u pprogrammati fuq żewġ assi jew aktar, mfasslin għall-manifattura ta' strutturi "kompożiti" tal-oqfsa ta' inġenji tal-ajru jew ta' "missili";	M6B1b	Magni għat-tqegħid ta' tejp li l-movimenti tagħhom għall-pjazzament u t-tqegħid tat-tejp jistgħu jiġu kkoordinati u programmati f'żewġ assi jew aktar, iddisinjati għall-manifattura ta' oqfsa komposti ta' inġenji tal-ajru u strutturi missili; *Nota:* *Għall-finijiet ta' 6.B.1.a u 6.B.1.b, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:* *1. "Strixxa ta' filament" hija wisa' unika kontinwa ta' tejp, wajer, jew fibra kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina. Strixxi ta' filament kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina jinkludu dawk miksijin bi trab xott li taċċi fuq it-tisħin.* *2. "Magni għat-qegħid tal-fibra/tal-wajers" u "magni għat-tqegħid tat-tejp" huma magni li jwettqu proċessi simili li jużaw muntatura mmexxija mill-kompjuter li jqiegħdu "strixxa ta' filament" waħda jew aktar fuq forma biex joħolqu parti jew struttura. Dawn il-magni għandhom il-kapaċità li jaqtgħu u jerġgħu jibdew korsijiet individwali ta' "strixxi ta' filament" matul il-proċess ta' tqegħid.* *3. "Magni għat-tqegħid ta' fibra/tal-wajers" għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa tal-filament" waħda jew aktar b'limitu ta' wisa' ta' inqas minn jew ugwali għal 25,4 mm. Dan jirreferi għall-wisa' minima tal-materjal il-magna tista' tqiegħed, mingħajr kunsiderazzjoni l-ogħla kapaċità tal-magna.* *4. Magni għat-tqegħid tal-wajers għandhom il-kapaċità li jqiegħdu "strixxa tal-filament" waħda jew aktar b'limitu ta' wisa' ta' inqas minn jew ugwali għal 304,8 mm iżda ma jistgħu iqiegħdu "strixxi tal-filament" ta' wisa' ta' 25,4 mm jew anqas. Dan jirreferi għall-wisa' minima tal-materjal li l-magna tista' tqiegħed, mingħajr kunsiderazzjoni l-ogħla kapaċità tal-magna.*
c. Tagħmir mfassal jew immodifikat għall-"produzzjoni" ta' "materjali fibruži jew filamentari" kif ġej: 1. Tagħmir għall-konverżjoni ta' fibri polimeriċi (bħal poliakrilonitril, rejon jew polikarbosilan) inkluż tagħmir speċjali sabiex tissikka ruħha l-fibra waqt it-tisħin; 2. Tagħmir għad-depożitar f'faži ta' fwar ta' elementi jew komposti fuq sottostrati ta' filamenti msaħħna; 3. Tagħmir għall-estrużjoni bl-umdità ta' ċeramika refrattarja (bħall-ossidu tal-aluminju);	M6B1d	Tagħmir mfassal jew immodifikat għall-"produzzjoni" ta' materjali fibruži jew filamentari kif ġej: 1. Tagħmir għall-konverżjoni ta' fibri polimeriċi (bħal poliakrilonitril, rejon, jew polikarbosilan) inkluż tagħmir speċjali biex jissikka l-fibra waqt it-tisħin; 2. Tagħmir għad-depożitar f'faži ta' fwar ta' elementi jew komposti fuq sottostrati ta' filamenti msaħħna; 3. Tagħmir għall-estrużjoni bl-umdità ta' ċeramika refrattarja (bħall-ossidu tal-aluminju);

▼M30

	d. Tagħmir mfasssal jew immodifikat għat-trattament speċjali tal-wiċċ tal-fibri jew għall-produzzjoni ta' materjali mxappin bil-lest u preforom speċifikati fil-punt 9C110. Nota: *1B101.d. tinkludi rombli, streċers tat-tensjoni, apparat għal kisi, apparat għal qtugħ u konijiet tal-clicker.*	M6B1e	Tagħmir iddisinjat jew modifikat għat-trattament speċjali tal-wiċċ tal-fibri jew għall-produzzjoni ta' prepregs u preformati, inklużi rombli, tagħmir għat-tigbid, tagħmir għall-kisi, tagħmir għall-qtugħ u punzuni tal-qtugħ. Nota: *L-eżempji ta' komponenti u aċċessorji għall-magni speċifikati f'6.B.1. huma forom, mandrini tat-torn, punzuni, tagħmir fiss u għodod għall-ippressar ta' preforma, għall-ikkurar, l-ikkastjar, it-tgħaqqid bis-sħana jew l-irbit ta' strutturi komposti, laminati u manifatturi tagħhom.*
1B102	"Tagħmir tal-produzzjoni" tat-trab tal-metall, minbarra dak speċifikat f'1B002, u l-komponenti kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 1B115.b.** a. "Tagħmir tal-produzzjoni" tat-trab tal-metall li jista' jintuża għall-"produzzjoni", f'ambjent ikkontrollat, ta' materjali sferiċi, sferojdali jew atomizzati speċifikati f'1C011.a., 1C011.b., 1C111.a.1., 1C111.a.2. jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. b. Komponenti mfassla apposta għat-"tagħmir tal-produzzjoni" speċifikat f'1B002 jew 1B102.a. Nota: *1B102 jinkludi:* *a. Ġeneraturi tal-plażma (ġett tal-ark ta' frekwenza għolja) li jistgħu jintużaw sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent tal-argon-ilma;* *b. Tagħmir ta' elettrosplużjoni li jista' jintuża sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma;* *c. Tagħmir li jista' jintuża għall-"produzzjoni" ta' trabijiet tal-aluminju sferiċi bil-polverizzazzjoni ta' tidwiba f'ambjent inert (pereż. in-nitroġenu).*	M4B3d	'Tagħmir tal-produzzjoni' tat-trab tal-metall li jista' jintuża għall-'produzzjoni', f'ambjent ikkontrollat, ta' materjali sferiċi, sferojdali jew atomizzati speċifikati f'4.C.2.c., 4.C.2.d. jew 4.C.2.e. Nota: *4.B.3.d. jinkludi:* *a. Ġeneraturi tal-plażma (ġett tal-ark ta' frekwenza għolja) li jistgħu jintużaw sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent tal-argon-ilma;* *b. Tagħmir ta' elettrosplużjoni li jista' jintuża sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma;* *c. Tagħmir li jista' jintuża għall-"produzzjoni" ta' trabijiet tal-aluminju sferiċi bil-polverizzazzjoni ta' tidwiba f'ambjent inert (pereż. in-nitroġenu).* Noti: *1. L-uniku tagħmir għat-taħlit, tagħmir għat-taħlit kontinwu, li jista' jintuża għal propellanti solidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'4.C., u mtieħen ġett speċifikati f'4.B., huma dak speċifikat f'4.B.3.* *2. Forom ta' "tagħmir tal-produzzjoni" tat-trab tal-metall mhux speċifikati f'4.B.3.d. għandhom jiġu evalwati skont 4.B.2.*

▼M30

1B115	Tagħmir, minbarra dak speċifikat f'1B002 jew 1B102, għall-produzzjoni ta' propellant u kostitwenti ta' propellant, kif ġej, u komponenti mfasslin apposta għalih:		
	a. “Tagħmir tal-produzzjoni” għall-“produzzjoni”, l-immaniġġar jew l-ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' propellanti likwidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'1C011.a., 1C011.b., 1C111 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari;	M4B1	“Tagħmir tal-produzzjoni”, u komponenti ddisinjati apposta għalih, għall-‘produzzjoni’, l-immaniġġar jew l-ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' propellanti likwidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'4.C.
	b. “Tagħmir tal-produzzjoni” għall-“produzzjoni”, l-immaniġġar, it-taħlit, l-ikkurar, l-ikkastjar, l-ippressar, il-ħidma b'makkinarju, l-estrużjoni jew l-ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' propellanti jew kostitwenti ta' propellanti solidi speċifikati f'1C011.a., 1C011.b., 1C111 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: 1B115.b. ma jikkontrollax miksers ta' taħlita f'daqqa, il-miksers kontinwi jew l-imtieħen idrawliċi. Għall-kontrolli dwar il-miksers ta' taħlita f'daqqa, il-miksers kontinwi jew l-imtieħen idrawliċi ara 1B117, 1B118 u 1B119.* *Nota 1: Għal tagħmir mfassal apposta għall-produzzjoni ta' merkanzija militari, ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.* *Nota 2: 1B115 ma jikkontrollax l-apparat għal “produzzjoni”, mmaniġġjar u l- ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' boron karbur.*	M4B2	“Tagħmir tal-produzzjoni” għajr dak deskritt f'4.B.3., u komponenti ddisinjati apposta għalih, għall-produzzjoni, l-immaniġġjar, it-taħlit, it-tnixxif, l-iffurmar, l-ippressar, il-fabbrikazzjoni bil-magna, l-estrużjoni jew l-ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' propellanti solidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'4.C.
1B116	Żennuni mfasslin apposta għall-produzzjoni ta' materjali miksubin pirolitikament ifformati fuq forma, mandrin jew sottostrat ieħor minn gassijiet prekursuri li jiddekomponu fil-firxa ta' temperatura minn 1 573 K (1 300 °C) sa 3 173 K (2 900 °C) fi pressjonijiet minn 130 Pa sa 20 kPa.	M6B2	Żennuni ddisinjati apposta għall-proċessi msemmija f'6.E.3.
1B117	Miksers ta' taħlita f'daqqa li għandhom tagħmir għat-taħlit f'vakwu fil-firxa minn żero sa 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kamra tat-taħlit, u li għandhom dawn il-komponenti li ġejjin kollha u li huma mfasslin apposta għalihom: a. Kapaċità volumetrika totali ta' 110 litri jew aktar; kif ukoll b. Ikollhom mill-inqas “xaft għat-taħlit/impastar” immuntat lil hinn miċ-ċentru. *Nota: F'1B117.b. it terminu ‘xaft għat-taħlit/impastar’ ma jirreferix għad-deagglomeraturi jew is-skieken rotattivi.*	M4B3a	Tagħmir għat-taħlit li għandu tagħmir għat-taħlit taħt vakwu fil-medda ta' bejn żero u 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kompartiment tat-taħlit u li għandu dawn kollha li ġejjin: 1. Kapaċità volumetrika totali ta' 110 litri jew aktar; kif ukoll 2. Mill-inqas xaft wieħed għat-‘taħlit/impastar’ immuntat lil hinn miċ-ċentru; *Nota: F'Punt 4.B.3.a.2. it terminu ‘xaft għat-taħlit/impastar’ ma jirreferix għad-deagglomeraturi jew knife-spindles.*

▼M30

1B118	Miksers ta' taħlita kontinwu li għandhom tagħmir għat-taħlit f'vakwu fil-firxa minn żero sa 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kamra tat-taħlit, u li għandhom xi komponent milli ġejjin u li huma mfasslin apposta għalihom: a. Ikollhom żewġ xaftijiet jew aktar għat-taħlit/l-impastar; jew b. Xaft rotattiv uniku li joxxilla u li jkollu pinnijiet/snien tal-impastar fuq ix-xaft kif ukoll ġewwa l-kejsing tal-kamra tat-taħlit.	M4B3b	Tagħmir għat-taħlit kontinwu li għandu tagħmir għat-taħlit taħt vakwu fil-medda ta' bejn żero u 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kompartiment tat-taħlit u li għandu kwalunkwe minn dawn li ġejjin: 1. Ikollhom żewġ xaftijiet jew aktar għat-taħlit/l-impastar; jew 2. Xaft li jdur uniku li joxxilla u li għandu pinnijiet/snien tal-impastar fuq ix-xaft kif ukoll fil-ġewwieni tal-kejsing tal-kompartiment tat-taħlit;
1B119	Imtieħen idrawliċi li jistgħu jintużaw għat-tisħiq jew għat-tħin tas-sustanzi speċifikati f'1C011.a., 1C011.b., 1C111 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, u l-komponenti mfasslin apposta għalihom.	M4B3c	Imtieħen ġett li jistgħu jintużaw għat-tħin u l-maċinazzjoni tas-sustanzi speċifikati f'4.C.;

1C Materjali

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1C001	Materjali mfasslin apposta għal użu bħala assorbituri ta' mewġ elettromanjetiku, jew polimeri intrinsikament konduttivi, kif ġej: N.B.: ARA WKOLL 1C101. a. Materjali sabiex jassorbu frekwenzi li jeċċedu 2×10^8 Hz iżda huma inqas minn 3×10^{12} Hz; *Nota 1:* *1C001.a. ma jikkontrollax:* *a. Assorbituri f'forma ta' fili, magħmula minn fibri naturali jew sintetiċi, miżjudin b'materjal nonmanjetiku sabiex jipprovdi l-assorbiment;* *b. Assorbituri li ma għandhom l-ebda telf manjetiku u li l-wiċċ inċidenti huwa ta' forma mhux ċatta, inklużi piramidi, konijiet, priżmi u wċuħ spiraliformi;* *c. Assorbituri ċatti, li għandhom dan kollu li ġej:* *1. Magħmula minn xi wieħed minn dawn li ġejjin:* *a. Materjali tal-fowm plastiku (flessibli jew mhux flessibli) miżjudin bil-karbonju, jew materjali organiċi, inklużi għaqqada, li jipprovdu aktar minn 5 % eku kkomparat mal-metall*	M17C1	Materjali għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettibbiltà tar-radar, is-sinjali karatteristiċi tal-ultravjola/infraħmar u s-sinjali karatteristiċi akustiċi (jiġifieri t-teknoloġija stealth), għall-applikazzjonijiet li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. *Noti:* *1. 17.C.1. jinkludi l-materjali strutturali u l-kisjiet (inklużi ż-żebgħat), iddisinjati apposta għal riflettività jew emissività mnaqqsa jew imfassla apposta fl-ispettri tal-mikroraġġi, ir-raġġi infraħomor jew ir-raġġi ultravjola.* *2. 17.C.1. ma jikkontrollax il-kisjiet (inklużi ż-żebgħat) meta jintużaw apposta għall-kontroll termiku tas-satelliti.*

fuq wisa' ta' banda li tiskorri l-± 15 % tal-frekwenza ċentrali tal-enerġija inċidentali, u mhux kapaċi jirreżistu temperaturi ogħla minn 450 K (177 °C); jew

b. Materjali taċ-ċeramika li jipprovdu aktar minn 20 % eku kkomparat mal-metall f'faxxa tal-frekwenzi li teċċedi ± 15 % tal-frekwenza ċentrali tal-enerġija inċidentali, u mhux kapaċi jirreżistu temperaturi ogħla minn 800 K (527 °C);

Nota Teknika:

Kampjuni għall-ittestjar tal-assorbiment għal 1C001.a. Nota: 1.c.1. għandu jkunu kwadru b'tal-inqas 5 tulijiet ta' mewġ tal-frekwenza ċentrali fuq naħa u pożizzjonati fil-kamp imbiegħed tal-element radjanti.

2. Saħħa tensili ta' inqas minn 7 × 10^6 N/m^2; kif ukoll

3. Saħħa tensili ta' inqas minn 14 × 10^6 N/m^2;

d. Assorbituri ċatti magħmulin minn ferrite sinterizzata, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Gravità speċifika ogħla minn 4,4; kif ukoll

2. Temperatura operattiva massima ta' 548 K (275 °C).

Nota 2: Xejn min-Nota 1 sa1C001.a. ma jeskludi lill-materjali manjetiċi sabiex jipprovdu assorbiment meta jkunu jinsabu fiż-żebgħa.

b. Materjali sabiex jassorbu frekwenzi li jeċċedu 1,5 × 10^{14} Hz iżda huma inqas minn 3,7 × 10^{14} Hz u mhumiex trasparenti għad-dawl viżibbli;

Nota: 1C001.b. ma jkoprix il-kontrolli fuq materjali, mfasslin apposta jew ifformulati għal xi wieħda minn dawn l-applikazzjonijiet li ġejjin:

a. Immarkar bil-laser ta' polimeri; jew

b. Iwweldjar bil-laser ta' polimeri.

c. Materjali polimeriċi intrinsikament konduttivi b'"konduttività elettrika tal-volum" ogħla minn 10 000 S/m (Siemens kull metru) jew "reżistività tal-wiċċ" ta' inqas minn 100 ohm/kwadrat, ibbażati fuq xi wieħed mill-polimeri li ġejjin:

▼M30

	1. Polianilin; 2. Polipirrol; 3. Politijofen; 4. Polifenilen-vinilen; jew 5. Politijenilen-vinilen. *Nota: 1C001.c. ma jkoprix il-kontrolli fuq materjali f'forma likwida.* *Nota Teknika:* *"Konduttività elettrika tal-volum" u "reżistività tal-wiċċ" għandhom jiġu ddeterminati bl-użu tal-ASTM D-257 jew l-ekwivalenti nazzjonali.*		
1C007	Trab taċ-ċeramika, materjali taċ-ċeramika mhux "kompożiti", materjali "kompożiti" tal-"matriċi" taċ-ċeramika u materjali prekursuri, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 1C107.** a. Trab taċ-ċeramika ta' boruri tat-titanju singoli jew kumplessi, li jkollhom impuritajiet metalliċi totali, esklużi żidiet intenzjonali, ta' inqas minn 5 000 ppm, biddaqs ta' partiċella medja daqs jew inqas minn 5 μm u mhux iktar minn 10 % tal-partiċelli li jkunu ikbar minn 10 μm; b. Materjali taċ-ċeramika mhux "kompożiti" fil-forma grezzi jew semi-fabbrikati, magħmula minn boruri tat-titanju b'densità ta' 98 % jew aktar tad-densità teoretika; *Nota: 1C007.b. ma jikkontrollax il-barraxa (ħruxija).* c. Materjali "kompożiti" taċ-ċeramika-ċeramika b'"matriċi" ta' ħġieġ jew ossidu u rinfurzati b'fibri li għandhom dan kollu li ġej: 1. Magħmulin minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Si-N; b. Si-C; c. Si-Al-O-N; jew d. Si-O-N; kif ukoll 2. Li jkollu "saħħa tensili speċifika" li teċċedi 12,7 × 10^3 m;	M6C5 M6C6	Materjali komposti taċ-ċeramika (kostant dielettriku anqas minn 6 f'kull frekwenza minn 100 MHz sa 100 GHz) għall-użu f'radomes tal-missili li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1. Materjali tal-karbur tas-silikon kif ġej: a. Ċeramika fi kwantità rinfurzata bil-karbur tas-silikon mhix moħmija u li tista' tinħadem b'magna li tista' tintuża għall-ponot ta' quddiem li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.; Komposti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-silikon li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, il-vetturi ta' dħul mill-ġdid u l-flaps taż-żennuni, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.

	d. Materjali “kompożiti” ċeramika-ċeramika, b'faži metallika kontinwa jew mingħajrha, li jinkorporaw partiċelli, whiskers jew fibri, fejn il-“matriċi” hija ffurmata minn karburi jew nitridi ta' siliċju, żirkonju jew boron; e. Materjali prekursuri (jiġifieri materjali polimeriċi jew metallo-organiċi għal użu speċjali) sabiex tkun prodotta kwalunkwe faži jew fażijiet tal-materjali speċifikati f'1C007.c., kif ġej: 1. Polidijorganosilani (għall-produzzjoni tal-karbur tas-siliċju); 2. Polisilażani (għall-produzzjoni tan-nitrid tas-silikon); 3. Polikarbosilażani (għall-produzzjoni ta' ċeramika b'komponenti ta' silikon, karbonju u nitroġenu); f. Materjali “kompożiti” ċeramika-ċeramika b'“matriċi” ta' ħġieġ jew ossidu rinfurzata b'fibri kontinwi minn xi waħda mis-sistemi li ġejjin: 1. Al_2O_3 (CAS 1344-28-1); jew 2. Si-C-N. *Nota: 1C007.f. ma jikkontrollax “taħlitiet” li jkollhom fibri minn dawn is-sistemi b'fibra tar-reżistenza tal-qawwa tal-materjal ta' inqas minn 700 MPa b'1 273 K (1 000 °Ċ) jew fibra b'reżistenza tal-qawwa tal-materjal ta' aktar minn 1 % pressjoni qawwija (tal-biża') b'tagħbija ta'100 MPa u 1 273 K (1 000 °Ċ) għal mitt siegħa.*		
1C010	“Materjali fibrużi jew filamentari”, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 1C210 U 9C110.** a. “Materjali fibrużi jew filamentari” organiċi, li jkollhom dan kollu li ġej: 1. “Modulu speċifiku” li jeċċedi $12,7 \times 10^6$ m; kif ukoll 2. “Saħħa tensili speċifika” li teċċedi $23,5 \times 10^4$ m; *Nota: 1C010.a. ma jikkontrollax politilin.*		

b. “Materjali fibruži jew filamentari”, tal-karbonju, li għandhom dan kollu li ġej:

1. “Modulu speċifiku” li jeċċedi $14,65 \times 10^6$ m; kif ukoll
2. “Saħħa tensili speċifika” li teċċedi $26,82 \times 10^4$ m;

Nota: 1C010.b. ma jikkontrollax:

a. “Materjali fibruži jew filamentari” għat-tiswija ta' strutturi jew laminati ta' “inġenji tal-ajru ċivili”, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Erja ta' mhux iktar minn 1 m^2;

2. Tul ta' mhux iktar minn 2,5 m; kif ukoll

3. Wisa' ta' mhux iktar minn 15 mm.

b. “Materjali fibruži jew filamentari” tal-karbonju mqattgħin jew miħunin mekkanikament b'tul ta' 25,0 mm jew inqas.

c. “Materjali fibruži jew filamentari” inorganiċi, li għandhom dan kollu li ġej:

1. “Modulu speċifiku” li jeċċedi $2,54 \times 10^6$ m; kif ukoll
2. Punt ta' tidwib, trattib, dekompożizzjoni jew sublimazzjoni ta' aktar minn 1 922 K (1 649 °C) f'ambjent inert;

Nota: 1C010.c. ma jikkontrollax:

a. Fibri tal-ossidu tal-aluminju polikristallin, multifaži, diskontinwu fil-forma ta' fibri mqattgħin jew ta' pjastri każwali, li fihom piż ta' 3 % jew aktar ta' siliċe, b'“modulu speċifiku” ta' inqas minn 10×10^6 m;

b. Fibri tal-molibdenu u tal-ligi tal-molibdenu;

c. Fibri tal-boron;

d. Fibri ta' ċeramiki diskontinwi b'punt ta' tidwib, trattib, dekompożizzjoni jew sublimazzjoni aktar baxx minn 2 043 K (1 770 °C) f'ambjent inert.

Noti Tekniċi:

1. Għall-finijiet tal-ikkalkular tas-“reżistenza taħt tensjoni speċifika”, il-“modulu speċifiku” jew it toqol speċifiku ta' “materjali fibruži jew filamentari” f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c., ir-reżistenza taħt tensjoni u l-modulu għandhom jiġu determinati bl-użu tal-Metdou A deskritt f' ISO 10618 (2004) jew ekwivalenti nazzjonali.

2. Il-valutazzjoni tas-"reżistenza taħt tensjoni speċifika", il-"modulu speċifiku" jew it-toqol speċifiku ta' "materjali fibruż jew filamentarji" mhux unidirezzjonali (pereżempju tessuti, twapet żgħar random jew malji f'1C010 għandha tkun ibbażata fuq il-proprjetajiet mekkaniċi tal-monofilamenti unidirezzjonali kostitwenti (pereżempju monofilamenti, ħjut, rovings jew wajers) qabel l-ipproċessar f'"materjali fibruż jew filamentarji" mhux unidirezzjonali.		
d. "Materjali fibruż jew filamentari", li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:		
1. Magħmula minn xi wieħed minn dawn li ġejjin:		
a. Polieterimidi speċifikati f'1C008.a.; jew		
b. Materjali speċifikati f'1C008.b. sa 1C008.f.; jew		
2. Magħmula mill-materjali speċifikati f'1C010.d.1.a. jew 1C010.d.1.b. u "mħallta" ma' fibri oħrajn speċifikati f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c.;		
e. "Materjali fibruż jew filamentari" kompletament jew parzjalment imxappin fir-resina jew fiż-żift (materjali mxappin bil-lest), "materjali fibruż jew filamentari" miksija bil-metall jew bil-karbonju (preforom) jew "preforom tal-fibri tal-karbonju", li għandhom dan kollu li ġej:	M6C1	Prepregs bil-fibri impregnati bir-reżina u preformati bil-fibri miksijin bil-metall, għall-oġġetti speċifikati f'6.A.1., magħmulin b'matriċi organika jew b'matriċi metallika li jużaw rinforzi fibruż jew bil-filamenti li għandhom reżistenza għat-tensjoni speċifika akbar minn $7{,}62 \times 10^4$ m u modulu speċifiku akbar minn $3{,}18 \times 10^6$ m. *Nota: L-uniċi prepregs bil-fibri impregnati bir-reżina speċifikati f'6.C.1. huma dawk li jużaw reżini b'temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (Tg), wara t-trattament, ogħla minn 145 °C kif determinat mill-ASTM D4065 jew l-ekwivalenti nazzjonali.* *Noti Tekniċi:* *1. F'Punt 6.C.1. Ir-'reżistenza għat-tensjoni speċifika' hija l-limitu ta' reżistenza għat-tensjoni fi N/m^3 diviż bil-piż speċifiku fi N/m^3, imkejjel f'temperatura ta' (296 ± 2)K ((23 ± 2)°C) u umdità relattiva ta' (50 ± 5) %.* *2. F'Punt 6.C.1. Il-'modulu speċifiku' huwa l-modulu ta' Young fi N/m^2 diviż bil-piż speċifiku fi N/m^3, imkejjel f'temperatura ta' (296 ± 2)K ((23 ± 2)°C) u umdità relattiva ta' (50 ± 5) %.*
1. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:		
a. "Materjali fibruż jew filamentari" inorganiċi speċifikati f'1C010.c.; jew		
b. "Materjali fibruż jew filamentari" organiċi jew tal-karbonju, li għandhom dan kollu li ġej:		
1. "Modulu speċifiku" li jeċċedi $10{,}15 \times 10^6$ m; kif ukoll		
2. "Saħħa tensili speċifika" li teċċedi $17{,}7 \times 10^4$ m; kif ukoll		
2. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:		
a. Reżina jew żift speċifikati f'1C008 jew 1C009.b.;		
b. "Temperatura ta' transizzjoni tal-ħġieġ bl-Analiżi Mekkanika Dinamika (DMA Tg)" ta' 453 K (180 °C) jew aktar u b'reżina fenolika; jew		

	c. “Temperatura ta' transizzjoni tal-ħġieġ bl-Analiżi Mekkanika Dinamika (DMA Tg)” ta' 505 K (232 °C) jew aktar u b'reżina jew żift, mhux speċifikati f'1C008 jew 1C009.b., u lo mhumiex reżina fenolika; *Nota 1:* *“Materjali fibrużi jew filamentari” miksija bil-metall jew bil-karbonju (preforom) jew “preforom tal-fibri tal-karbonju”, mhux imxappin fir-resina jew fiż-żift, huma speċifikati bħala “materjali fibrużi jew filamentari” f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c.* *Nota 2:* *1C010.e. ma jikkontrollax:* *a. “materjali fibrużi jew filamentari” tal-karbonju mxappin f'“matriċi” ta' reżina epossida (materjali mxappin bil-lest) għat-tiswija ta' strutturi jew laminati ta' “inġenji tal-ajru ċivili”, li għandhom dan kollu li ġej:* *1. Erja ta' mhux iktar minn 1 m^2;* *2. Tul ta' mhux iktar minn 2,5 m; kif ukoll* *3. Wisa' ta' mhux iktar minn 15 mm.* *b. “Materjali fibrużi jew filamentari” tal-karbonju mekkanikament imqattgħin biċċiet, mitħunin jew maqtugħin, imxappin kompletament jew parzjalment fir-reżina jew fiż-żift, ta' 25,0 mm jew inqas mit-tul meta jintużaw ir-reżina jew iż-żift minbarra dawk speċifikati f'1C008 jew 1C009.b.* *Nota Teknika:* *It-“temperatura ta' transizzjoni tal-ħġieġ bl-Analiżi Mekkanika Dinamika (DMA T_g)” għall-materjali speċifikati f'1C010.e. tiġi ddeterminata bl-użu tal-metodu deskritt fl-ASTM D 7028-07, jew l-istandard nazzjonali ekwivalenti, fuq kampjun ta' test fil-prattika. Fil-każ ta' materjali termosolidifikati, il-grad ta' kkurar ta' kampjun ta' test fil-prattika jkun il-minimu ta' 90 % kif definit fl-ASTM E 2160-04 jew fl-istandard nazzjonali ekwivalenti.*		
1C011	Metalli u komposti, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 1C111.** a. Metalli f'daqs ta' partiċelli ta' inqas minn 60 μm kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, immanifatturati minn materjal li jikkonsisti minn 99 % jew aktar ta' żirkonju, manjeżju u l-ligi tagħhom;	M4C2d	Trabijiet tal-metall magħmula minn xi wieħed minn dawn li ġejjin: żirkonju (CAS 7440-67-7), berillju (CAS 7440-41-7), manjeżju (CAS 7439-95-4) jew liegi ta' dawn, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont

	Nota Teknika: *Il-kontenut naturali tal-afnju fiż-żirkonju (tipikament minn 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.* *Nota: Il-metalli jew il-ligi speċifikati f'1C011.a. huma koperti bil-kontrolli kemm jekk il-metalli jew il-ligi huma inkapsulati fl-aluminju, fil-manjeżju, fiż-żirkonju jew fil-berillju kif ukoll jekk ma humiex.*		it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar bil-piż ta' xi wieħed mill-metalli msemmija hawn fuq; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.* *Nota Teknika:* *Il-kontenut naturali tal-afnju (CAS 7440-58-6) fiż-żirkonju (tipikament 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*
	b. Boron jew ligi tal-boron, b'daqs ta' partiċella ta' 60 μm jew inqas, kif ġej; 1. Boron b'purezza ta' 85 % skont il-piż jew aktar; 2. Ligi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % skont il-piż jew aktar; *Nota: Il-metalli jew il-ligi speċifikati f'1C011.b. huma koperti bil-kontrolli kemm jekk il-metalli jew il-ligi huma inkapsulati fl-aluminju, il-manjeżju, iż-żirkonju jew il-berillju kif ukoll jekk ma humiex.* c. Nitrat tal-gwanidin (CAS 506-93-4); d. Nitrogwanidin (NQ) (CAS 556-88-7). *N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għat-trabijiet tal-metalli mħalltin ma' sustanzi oħra biex jifformaw taħlita fformulata għal finijiet militari.*	M4C2e	Trab tal-metall tal-boron (CAS 7440-42-8) jew liegi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % jew aktar skont il-piż, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.*
1C101	Materjali u apparat għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettività ta' radar, karatteristiċi ultravjola/infraħomor u karatteristiċi akustiċi, minbarra dawk speċifikati f'1C001, li jistgħu jintużaw f'"missili", sottosistemi ta' "missili" jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a. *Nota 1: 1C101 tinkludi:* *a. Materjali strutturali u kisjiet mfasslin apposta għat-tnaqqis tar-riflettività radar;* *b. Kisjiet, inkluż żebgħa, mfasslin apposta għat-tnaqqis jew l-adattament tar-riflettività jew l-emissività fil-partijiet microwave, infraħomor jew ultravjola tal-ispettru elettromanjetiku.*	M17A1	Apparat għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettibbiltà tar-radar, is-sinjali karatteristiċi tal-ultravjola/infraħmar u s-sinjali karatteristiċi akustiċi (jiġifieri t-teknoloġija stealth), għall-applikazzjonijiet li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.
		M17C1	Materjali għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettibbiltà tar-radar, is-sinjali karatteristiċi tal-ultravjola/infraħmar u s-sinjali karatteristiċi akustiċi (jiġifieri t-teknoloġija stealth), għall-applikazzjonijiet li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. *Noti:* *1. 17.C.1. jinkludi l-materjali strutturali u l-kisjiet (inklużi ż-żebgħat), iddisinjati apposta għal riflettività jew emissività mnaqqsa jew imfassla apposta fl-ispettri tal-mikroraġġi, ir-raġġi infraħomor jew ir-raġġi ultravjola.*

▼M30

	Nota 2: 1C101 ma jinkludix kisi meta wżat speċifikament għall-kontroll termali tas-satelliti. *Nota Teknika:* *F'1C101 "missila" tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li kapaċi jkopru medda ta' aktar minn 300 km.*		*2. 17.C.1. ma jikkontrollax il-kisjiet (inklużi ż-żebgħat) meta jintużaw apposta għall-kontroll termiku tas-satelliti.*
1C102	Materjali tal-karbonju-karbonju risaturati u pirolizzati mfasslin għal vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew rokits sonda speċifikati f'9A104.	M6C2	Materjali pirolizzati risaturati (jiġifieri karbonju-karbonju) li għandhom dawn kollha li ġejjin: a. Iddisinjati għal sistemi tar-rokits; u b. Jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.
1C107	Grafit u materjali taċ-ċeramika, minbarra dawk speċifikati f'1C007, kif ġej:		
	a. Grafiti fi frak fin b'densità tal-massa ta' 1,72 g/cm^3 jew ikbar, imkejla f'temperatura ta' 288 K (15 °C), u li għandhom id-daqs tal-frak ta' 100 µm jew inqas, li jistgħu jintużaw għaż-żennuni tar-rokits u l-ponot ta' quddiem ta' vetturi għad-dħul fl-atmosfera, li jistgħu jiġu mmaxinjati f'xi wieħed mill-prodotti li ġejjin: 1. Ċilindri b'dijametru ta' 120 mm jew iktar u tul ta' 50 mm jew iktar; 2. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew 3. Blokok li għandhom daqs ta' 120 mm × 120 mm × 50 mm jew aktar; *N.B.: Ara wkoll 0C004*	M6C3	Partikuli fini ta' grafiti b'densità tal-massa ta' mill-anqas 1,72 g/cc, imkejlin f'temperatura ta' 15 °C u li għandhom daqs ta' partikula ta' 100 × 10^{-6} m (100 µm) jew anqas, li jistgħu jintużaw għaż-żennuni ta' rokits u l-ponot ta' quddiem ta' vetturi ta' dħul mill-ġdid, li jistgħu jitwaħħlu permezz ta' magna ma' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin: a. Ċilindri b'dijametru ta' 120 mm jew iktar u tul ta' 50 mm jew iktar; b. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew c. Blokok li għandhom daqs ta' 120 mm × 120 mm × 50 mm jew aktar;
	b. Grafiti pirolitiċi jew fibruži rinfurzati, li jistgħu jintużaw għaż-żennuni tar-rokits u l-ponot ta' quddiem ta' vetturi tad-dħul fl-atmosfera li jintużaw f' "missili", vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew rokits sonda speċifikati f'9A104; *N.B.: Ara wkoll 0C004*	M6C4	Grafiti pirolitiċi jew fibruži rinfurzati li jistgħu jintużaw għaż-żennuni ta' rokits u l-ponot ta' quddiem ta' vetturi ta' dħul mill-ġdid li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.
	c. Materjali kompożiti taċ-ċeramika (kostant dielettriku ta' inqas minn 6 f'kull frekwenza minn 100 MHz sa 100 GHz) għall-użu f'randomes li jintużaw fil-"missili", fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew fir-rokits sonda speċifikati f'9A104;	M6C5	Materjali komposti taċ-ċeramika (kostant dielettriku anqas minn 6 f'kull frekwenza minn 100 MHz sa 100 GHz) għall-użu f'radomes tal-missili li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.

▼M30

	d. Ċeramika fi kwantità rinfurzata bil-karbur tas-siliċju mhix moħmija u li tista' tiġi mmaxinjata, li tista' tintuża għall-ponot ta' quddiem li jistgħu jintużaw f'"missili", f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew f'rokits sonda speċifikati f'9A104;	M6C6a	Ċeramika fi kwantità rinfurzata bil-karbur tas-silikon mhix moħmija u li tista' tinħadem b'magna li tista' tintuża għall-ponot ta' quddiem li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.;
	e. Kompożiti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-siliċju, li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, għall-vetturi għad-dħul fl-atmosfera u l-flaps taż-żennuni li jistgħu jintużaw fil-"missili", fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew fir-rokits sonda speċifikati f'9A104.	M6C6b	Komposti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-silikon li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, il-vetturi ta' dħul mill-ġdid u l-flaps taż-żennuni, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.
1C111	Propellanti u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti, minbarra dawk speċifikati f'1C011, kif ġej: a. Sustanzi propulsivi:		
	1. Trab sferiku jew sferojdali tal-aluminju, minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, bid-daqs tal-partiċelli inqas minn 200 μm u kontenut ta' aluminju ta' 97 % skont il-piż jew aktar, jekk mill-inqas 10 % tal-piż totali jkun magħmul minn partiċelli iżgħar minn 63 μm, skont l-ISO 2591:1988 jew l-ekwivalenti nazzjonali; *Nota Teknika:* *Id-daqs ta' partiċella ta' 63 μm (ISO R-565) jikkorrispondi għal 250 mesh (Tyler) jew 230 mesh (l-istandard ASTM E-11).*	M4C2c	Trab sferiku jew sferojdali tal-aluminju (CAS 7429-90-5) bid-daqs tal-partiċelli inqas minn 200×10^{-6} m (200 μm) u kontenut ta' aluminju ta' 97 % bil-piż jew aktar, jekk mill-inqas 10 % tal-piż totali huwa magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 63 μm, skont l-ISO 2591-1:1988 jew ekwivalenti nazzjonali; *Nota Teknika:* *Daqs ta' partiċella ta' 63 μm (ISO R-565) jikkorrispondi għal 250 mesh (Tyler) jew 230 mesh (ASTM standard E-11).*
	2. Trab tal-metall, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, kif ġej:		
	a. Trab tal-metall taż-żirkonju, tal-berillju jew tal-manjeżju, jew tal-ligi ta' dawn il-metalli jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (iddeterminat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skannjar ottiku), kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar skont il-piż ta' xi wieħed minn dan li ġej: 1. Żirkonju; 2. Berillju; jew 3. Manjeżju;	M4C2d	Trabijiet tal-metall magħmula minn xi wieħed minn dawn li ġejjin: żirkonju (CAS 7440-67-7), berillju (CAS 7440-41-7), manjeżju (CAS 7439-95-4) jew liegi ta' dawn, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar bil-piż ta' xi wieħed mill-metalli msemmija hawn fuq; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.*

Nota Teknika: *Il-kontenut naturali tal-afnju fiż-żirkonju (tipikament minn 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*		*Nota Teknika:* *Il-kontenut naturali tal-afnju (CAS 7440-58-6) fiż-żirkonju (tipikament 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*
b. It-trab tal-metall tal-boron jew tal-ligi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % aktar skont il-piż, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn inqas minn 60 μm (iddeterminat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skannjar ottiku), kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna; *Nota: 1C111.a.2.a. u 1C111a.2.b. jikkontrollaw taħlitiet ta' trab b'distribuzzjoni ta' partiċelli multimodali (pereżempju taħlitiet ta' daqsijiet differenti tal-partikuli) jekk jiġi kkontrollat mod wieħed jew iktar.*	M4C2e	Trab tal-metall tal-boron (CAS 7440-42-8) jew liegi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % jew aktar skont il-piż, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.*
3. Sustanzi ossidanti li jistgħu jintużaw f'magni ta' rokits bi propellant likwidu kif ġej: a. Triossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-73-7); b. Diossidu tan-nitroġenu (CAS 10102-44-0) /tetrossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-72-6); c. Pentossidu tad-dinitroġenu (CAS 10102-03-1); d. Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON); *Nota Teknika:* *Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON) huma soluzzjonijiet ta' Ossidu Nitriku (NO) fit-Tetrossidu tad-Dinitroġenu/Diossidu tan-Nitroġenu (N_2O_4/NO_2) li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' missili. Hemm firxa ta' kompożizzjonijiet li jistgħu jiġu indikati bħala MONi jew MONij, fejn i u j huma numri sħaħ li jirrappreżentaw il-persentaġġ ta' Ossidu Nitriku fit-taħlita (pereż., MON3 fih 3 % ta' Ossidu Nitriku, MON25 fih 25 % ta' Ossidu Nitriku. Limitu ogħla huwa MON40, piż ta' 40 %).*	M4C4a	Sustanzi ossidanti li jistgħu jintużaw f'magni ta' rokits bi propellant likwidu kif ġej: 1. Triossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-73-7); 2. Diossidu tan-nitroġenu (CAS 10102-44-0) /tetrossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-72-6); 3. Pentossidu tad-dinitroġenu (CAS 10102-03-1); 4. Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON); Nota Teknika: Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON) huma soluzzjonijiet ta' Ossidu Nitriku (NO) fit-Tetrossidu tad-Dinitroġenu/Diossidu tan-Nitroġenu (N_2O_4/NO_2) li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' missili. Hemm firxa ta' kompożizzjonijiet li jistgħu jiġu indikati bħala MONi jew MONij, fejn i u j huma numri sħaħ li jirrappreżentaw il-persentaġġ ta' Ossidu Nitriku fit-taħlita (pereż., MON3 fih 3 % ta' Ossidu Nitriku, MON25 fih 25 % ta' Ossidu Nitriku. Limitu ogħla huwa MON40, piż ta' 40 %).

e. ARA L-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI FIR-RIGWARD TA' Aċidu Nitriku Daħna Ħamra (aħmar nar) ta' Inibizzjoni(IRFNA); f. ARA KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI U 1C238 GĦAL Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħrajn, ossiġnu jew nitroġenu;		5. Aċidu Nitriku Fumanti Aħmar Inibit (IRFNA) (CAS 8007-58-7); 6. Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħra, ossiġenu jew nitroġenu; Nota: *Punt 4.C.4.a.6. ma jikkontrollax it-Trifluworur tan-Nitroġenu (NF_3) (CAS 7783-542) fi stat gassuż peress li ma jistax jintuża għal applikazzjonijiet ta' missili.*
4. Derivattivi tal-idrażina, kif ġej: *N.B.: ARA WKOLL IL-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI.* a. Trimetilidrażina (CAS 1741-01-1); b. Tetrametilidrażina(CAS 6415-12-9); c. N,N diallilidrażina (CAS 5164-11-4); d. Allilidrażina (CAS 7422-78-8); e. Etilen-diidrażina; f. Dinitrat tal-monometilidrażina; g. Nitrat tad-dimetilidrażina asimmetriku; h.Ażid tal-idrażinju (CAS 14546-44-2); i.Ażid tad-dimetilidrażinju; j. Dinitrat tal-idrażinju (CAS 13464-98-7); k. Diidrażina tal-aċidu diimmido-ossaliku (CAS 3457-37-2); l. Nitrat ta' 2-idrossietilidrażina (HEHN); m. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-Perklorat tal-Idrażinju; n. Diperklorat tal-idrażinju (CAS 13812-39-0); o. Nitrat tal-metilidrażina (MHN) (CAS 29674-96-2);	M4C2b	Derivattivi tal-idrażina, kif ġej: 1. Monometilidrażina (MMH) (CAS 60-34-4); 2. Dimetilidrażina asimmetrika (UDMH) (CAS 57-14-7); 3. Idrażina mononitrat (CAS 13464-97-6); 4. Trimetilidrażina (CAS 1741-01-1); 5. Tetrametilidrażina(CAS 6415-12-9); 6. N,N diallilidrażina (CAS 5164-11-4); 7. Allilidrażina (CAS 7422-78-8); 8. Etilen diidrażina; (CAS 6068-98-0); 9. Dinitrat tal-monometilidrażina; 10. Nitrat tad-dimetilidrażina asimmetriku; 11.Ażid tal-idrażinju (CAS 14546-44-2); 12.Ażid ta' 1,1-dimetilidrażinju; (CAS 227955–52–4) /Ażid ta' 1,2-dimetilidrażinju; (CAS 299177–50–7); 13. Dinitrat tal-idrażinju (CAS 13464-98-7); 14. Diidrażina tal-aċidu diimmido-ossaliku (CAS 3457-37-2); 15. Nitrat ta' 2-idrossietilidrażina (HEHN); 16. Perklorat tal-idrażinju (CAS 27978-54-7);

p. Nitrat tad-dietilidrażina (DEHN); q. Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina (Nitrat ta' 1,4-diidrażina) (DHTN);		17. Diperklorat tal-idrażinju (CAS 13812-39-0); 18. Nitrat tal-metilidrażina (MHN) (CAS 29674-96-2); 19. Nitrat ta' 1,1-dietilidrażina (DEHN) /Nitrat ta' 1,2-dietilidrażina (DEHN) (CAS 363453-17-2); 20. Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina (DHTN); Nota teknika: *Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina huwa magħruf ukoll bħala nitrat ta' 1,4-diidrażina*
5. Materjali b'densità ta' enerġija għolja, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, utilizzabbli f'"missili" jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a.; a. Fjuwil imħallat li jinkludi fjuwils kemm solidi kif ukoll likwidi, pereżempju bħas-sospensjoni tal-boron, b'densità ta' enerġija bbażata fuq il-massa ta' 40×10^6 J/kg jew iktar; b. Karburanti oħra u addittivi ta' karburanti b'densità ta' enerġija għolja (pereż., kuban, soluzzjonijiet joniċi, JP-10) li għandhom densità ta' enerġija bbażata fuq il-volum ta' $37,5 \times 10^9$ J/m^3 jew iktar, f'temperatura ta' 20 °C u pressjoni ta' atmosfera waħda (101 325 kPa); Nota: *1C111.a.5.b ma jikkontrollax fjuwils fossili raffinati u bijofjuwils prodotti minn ħxejjex, inkluż fjuwils għal magni ċċertifikati biex jintużaw fl-avjazzjoni ċivili, sakemm mhux ifformulati għal "missili" jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a.* Nota Teknika: *F'1C111.a.5. 'missila' 'tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M4C2f	Materjali b'densità ta' enerġija għolja, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A., kif ġej: 1. Karburanti mħallta li jinkludu karburanti kemm solidi kif ukoll likwidi, pereżempju suspensjoni tal-boron, b'densità ta' enerġija bbażata fuq il-massa ta' 40×10^6 J/kg jew aktar; 2. Fjuwils oħra b'densità ta' enerġija għolja u addittivi ta' fjuwils (pereż., kuban, soluzzjonijiet joniċi, JP-10) li għandhom densità ta' enerġija bbażata fuq il-volum ta' $37,5 \times 10^9$ J/m^3 jew iktar, f'temperatura ta' 20°C u bi pressjoni atmosferika waħda (101,325 kPa); Nota: *Punt 4.C.2.f.2. ma jikkontrollax karburanti fossili raffinati u bijokarburanti prodotti minn ħxejjex, inkluż karburanti għal magni ċċertifikati biex jintużaw fl-avjazzjoni ċivili, sakemm ma jkunux ifformulati speċifikament għal sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.*
6. Fjuwils li jissostitwixxu l-idrażin kif ġej: a. 2-Dimetilamminoetilażid (DMAZ) (CAS 86147-04-8).	M4C2g	Fjuwils li jissostitwixxu l-idrażin kif ġej: 1. 2-Dimetilamminoetilażid (DMAZ) (CAS 86147-04-8).

b. Sustanzi polimeriċi: 1. Polibutadjen bit-terminali tal-karbossi (inkluż il-polibutadjen bit-terminali tal-karbossil) (CTPB); 2. Polibutadjen bit-terminali tal-idrossi (inkluż il-polibutadjen bit-terminali tal-idrossil) (HTPB), minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari; 3. Polibutadjen-aċidu akriliku (PBAA); 4. Polibutadjen-aċidu akriliku-akrilonitril (PBAN); 5. Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG); *Nota Teknika:* *Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG) huwa kopolimeru blokk ta' poli 1,4-Butanedjol (CAS 110-63-4) u polietilen glikol (PEG) (CAS 25322-68-3).* 6. Nitrat tal-poliglicidil (PGN jew poly-GLYN) (CAS 27814-48-8).	M4C5	Sustanzi polimeriċi, kif ġej: a. Polibutadjen b'radikali karbossiċi terminali (inkluż il-polibutadjen b'radikali karbossiliċi terminali) (CTPB); b. Polibutadjen b'radikali ossidriċi terminali (inkluż il-polibutadjen b'radikali ossidriliċi terminali) (HTPB); c. Polimeruażid gliċidil (GAP); d. Polibutadjen — Aċidu Akriliku (PBAA); e. Polibutadjen — Aċidu Akriliku — Akrilonitril (PBAN) (CAS 25265-19-4 / CAS 68891-50-9); f. Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG); Nota Teknika: Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG) huwa kopolimeru blokk ta' poli 1,4-Butanedjol (CAS 110-63-4) u polietilen glikol (PEG) (CAS 25322-68-3). g. Nitrat tal-poliglicidil (PGN jew poly-GLYN) (CAS 27814-48-8).
c. Addittivi u aġenti oħrajn tal-propellant:		
1. **ARA L-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI FIR-RIGWARD TA'** **Karborani, dekarborani, pentaborani u derivattivi tagħhom;**	M4C6c1	Karborani, dekarborani, pentaborani u derivattivi tagħhom;
2. Dinitrat tat-trietilen-glikol (TEGDN) (CAS 111-22-8);	M4C6d1	Dinitrat tat-trietilen-glikol (TEGDN) (CAS 111-22-8);
3. 2-Nitrodifenilamin (CAS 119-75-5);	M4C6e1	2-Nitrodifenilamin (CAS 119-75-5);
4. Trinitrat tat-trimetiloletan (TMETN) (CAS 3032-55-1);	M4C6d2	Trinitrat tat-trimetiloletan (TMETN) (CAS 3032-55-1);
5. Dinitrat tad-dietilen glikol (DEGDN) (CAS 693-21-0);	M4C6d4	Dinitrat tad-dietilen glikol (DEGDN) (CAS 693-21-0);
6. Derivattivi tal-ferroċen kif ġej: a. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-katoċen; b. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-etil; c. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-propil; d. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen n-butil; e. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-pentil;	M4C6c2	Derivattivi tal-ferroċen, kif ġej: a. Katoċen (CAS 37206-42-1); b. Etil ferroċen (CAS 1273-89-8); c. Propil ferroċen; d. n-Butil ferroċen (CAS 31904-29-7); e. Pentil-ferroċen (CAS 1274-00-6);

	f. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diċiklopentil; g. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diċikloessil; h. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dietil; i. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dipropil; j. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dibutil; k. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diessil; l. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-aċetil / 1,1′-ferroċen tad-diaċetil; m. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-aċidi karbossiliċi tal-ferroċen; n. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-butaċen; o. Derivattivi oħrajn tal-ferroċen li jistgħu jintużaw bħala modifikaturi tar-rata ta' ħruq tal-propellant tar-rokits, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: 1C111.c.6.o. ma jkoprix il-kontrolli fuq derivattivi tal-ferroċen li fihom grupp funzjonali aromatiku ta' sitt atomi ta' karbonju marbut mal-molekula tal-ferroċen.*		f. Diċiklopentil-ferroċen (CAS 125861-17-8); g. Diċikloessil ferroċen; h. Dietil ferroċen (CAS 1273-97-8); i. Dipropil ferroċen; j. Dibutil ferroċen (CAS 1274-08-4); k. Diessil ferroċen (CAS 93894-59-8); l. Aċetil ferroċen (CAS 1271-55-2) / 1,1′- diaċetil ferroċen (CAS 1273-94-5); m. Aċidu karbossiliku tal-ferroċen (CAS 1271-42-7) / 1,1′- acidu dikarbossiliku tal-ferroċen (CAS 1293-87-4); n. Butaċen (CAS 125856-62-4); o. Derivattivi oħrajn tal-ferroċen li jistgħu jintużaw bħala modifikaturi tar-rata tal-ħruq tal-propellant rokit; *Nota: Punt 4.C.6.c.2.o. ma jikkontrollax derivattivi tal-ferroċen li fihom grupp funzjonali aromatiku ta' sitt atomi ta' karbonju marbut mal-molekula tal-ferroċen.*
	7. 4,5 diażidometil-2-metil-1,2,3-triażol (iso-DAMTR), minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: Għall-propellanti u s-sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti mhux speċifikati f'1C111, ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.*	M4C6d5	4,5 diażidometil-2-metil-1,2,3-triażol (iso- DAMTR);
1C116	Azzar maraging, li jista' jintuża f'"missili", li għandu dan kollu li ġej: *N.B.: ARA WKOLL 1C216.*	M6C8	Azzar maraging, li jista' jintuża fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1., li għandu dawn kollha li ġejjin: a. Għandu limitu ta' reżistenza għat-tensjoni, imkejjel f'20 °C, daqs jew akbar minn: 1. 0,9 GPa fl-istadju ta' soluzzjoni ttemprata; jew 2. 1,5 GPa fl-istadju ta' twebbis bi preċipitazzjoni; kif ukoll b. Kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: 1. Folji, pjanċi jew tubi bi ħxuna tal-ġnub jew tal-pjanċa daqs jew inqas minn 5,0 mm; jew

▼M30

			2. Forom tubulari bi ħxuna tal-ħajt ta' 50 mm jew anqas u b'dijametru intern ta' 270 mm jew aktar. Nota Teknika: *Azzar maraging huwa liga tal-ħadid:* *a. Ġeneralment ikkaratterizzat minn kontenut għoli ta' nikil, kontenut baxx ħafna ta' karbonju u l-użu ta' elementi ta' sostituzjoni jew preċipitati sabiex jipproduċu t-tisħiħ u t-twebbis biż-żmien tal-liga; kif ukoll* *b. Suġġett għal ċikli ta' trattament sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' trasformazzjoni martensitiku (stadju ta' soluzzjoni ttemprata) u sussegwentement imwebbes biż-żmien (stadju ta' twebbis bi preċipitazzjoni).*
1C117	Materjali għall-produzzjoni ta' komponenti ta' "missili" kif ġej: a. Tungstenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' tungstenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50 × 10^{-6} m (50 μm) jew inqas; b. Molibdenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50 × 10^{-6} m (50 μm) jew inqas; c. Materjali tat-tungstenu f'forma solida li għandhom dan kollu li ġej: 1. Kwalunkwe waħda mill-kompożizzjonijiet materjali li ġejjin: a. Tungstenu jew ligi li fihom 97 % f'piż jew aktar ta' tungstenu; b. Ramm infiltrat bit-tungstenu li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; jew c. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; kif ukoll 2. Jistgħu jitwaħħlu permezz ta' magna ma' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin: a. Ċilindri b'dijametru ta' 120 mm jew iktar u tul ta' 50 mm jew iktar; b. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew c. Blokok b'daqs ta' 120 mm b'120 mm b'50 mm jew iktar. Nota Teknika: *F'1C117 "missila" tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li kapaċi jkopru medda ta' aktar minn 300 km.*	M6C7	Materjali għall-fabbrikazzjoni ta' komponenti ta' missili fis-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2, kif ġej:. a. Tungstenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' tungstenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50 × 10^{-6} m (50 μm) jew inqas; b. Molibdenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50 × 10^{-6} m (50 μm) jew inqas; c. Materjali tat-tungstenu f'forma solida li għandhom dan kollu li ġej: 1. Kwalunkwe waħda mill-kompożizzjonijiet materjali li ġejjin: i. Tungstenu u ligi li fihom 97 % skont il-piż jew aktar ta' tungstenu; ii. Ramm infiltrat bit-tungstenu li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; jew iii. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih 80 % f'piż jew aktar ta' tungstenu. kif ukoll 2. Jistgħu jitwaħħlu permezz ta' magna ma' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin: i. Ċilindri li għandhom dijametru ta' 120 mm jew akbar u tul ta' 50 mm jew akbar; ii. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew iii. Blokok li għandhom daqs ta' 120 mm × 120 mm × 50 mm jew aktar;

▼M30

1C118	Azzar inossidabbli dupleks stabilizzat bit-titanju (Ti-DSS) li għandu dan kollu li ġej: a. Li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li fih piż ta' 17,0 - 23,0 fil-mija ta' kromju u piż ta' 4,5 - 7,0 fil-mija ta' nikil; 2. Li għandu kontenut ta' titanju ta' aktar minn 0,10 fil-mija skont il-piż; kif ukoll 3. Mikrostruttura ferritika-awstenitika (imsejħa wkoll bħala mikrostruttura ta' żewġ fażijiet) li mill-inqas 10 fil-mija tal-volum tagħha huwa awstenitku (skont l-ASTM E-1181-87 jew l-ekwivalenti nazzjonali); kif ukoll b. Li għandu xi waħda mill-forom li ġejjin: 1. Ingotti jew żbarri li għandhom daqs ta' 100 mm jew aktar f'kull dimensjoni; 2. Folji li għandhom wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' 3 mm jew inqas; jew 3. Tubi li għandhom dijametru estern ta' 600 mm jew aktar u ħxuna tal-ħajt ta' 3 mm jew anqas.	M6C9	Azzar inossidabbli dupleks stabbilizzat bit-titanju (Ti-DSS) li jista' jintuża fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1. u li għandu dawn kollha li ġejjin: a. Li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li fih piż ta' 17,0 - 23,0 fil-mija ta' kromju u piż ta' 4,5 - 7,0 fil-mija ta' nikil; 2. Li għandu kontenut ta' titanju ta' aktar minn 0,10 fil-mija skont il-piż; kif ukoll 3. Mikrostruttura ferritika-awstenitika (imsejħa wkoll bħala mikrostruttura ta' żewġ fażijiet) li mill-anqas 10 % tagħha hija awstenita skont il-volum (skont l-ASTM E-1181-87 jew ekwivalenti nazzjonali); kif ukoll b. Kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: 1. Ingotti jew żbarri li għandhom daqs ta' 100 mm jew aktar f'kull dimensjoni; 2. Folji li għandhom wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' 3 mm jew inqas; jew 3. Tubi li għandhom dijametru estern ta' 600 mm jew aktar u ħxuna tal-ħajt ta' 3 mm jew anqas.
1C238	Trifluworur tal-kloru (ClF_3).	M4C4a6	Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħra, ossiġenu jew nitroġenu; Nota: Punt 4.C.4.a.6. ma jikkontrollax it-Trifluworur tan-Nitroġenu (NF_3) (CAS 7783-542) fi stat gassuż peress li ma jistax jintuża għal applikazzjonijiet ta' missili.

1D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1D001	"Softwer" mfassal apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir speċifikat minn1B001 sa 1B003.	M6D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni tat-tagħmir speċifikat f'6.B.1.
1D101	"Softwer" mfassal apposta jew immodifikat għat-tħaddim jew il-manutenzjoni tal-oġġetti speċifikati f'1B101, 1B102, 1B115, 1B117, 1B118 jew 1B119.	M4D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni ta' tagħmir speċifikat f'4.B. għall-'produzzjoni' u l-immaniġġjar ta' materjali speċifikati f'4.C.
		M6D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni tat-tagħmir speċifikat f'6.B.1.

▼M30

1D103	“Softwer” iddisinjat apposta għall-analiżi ta' karatteristiċi osservabbli mnaqqsa bħar-riflettività tar-radar karatteristiċi ultravjola/infra-aħmar u karatteristiċi akustiċi.	M17D1	“Softwer” iddisinjat apposta għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettibbiltà tar-radar, is-sinjali karatteristiċi tal-ultravjola/infraħmar u s-sinjali karatteristiċi akustiċi (jiġifieri t-teknoloġija stealth), għall-applikazzjonijiet li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. Nota: 17.D.1. jinkludi ‘software’ iddisinjat apposta għall-analiżi tat-tnaqqis tas-sinjali.

1E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1E001	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta' tagħmir jew materjali speċifikati f'1A001.b., 1A001.c., 1A002 sa 1A005, 1A006.b., 1A007, 1B jew 1C.	M	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir jew ‘software’ speċifikat f'1.A., 1.B., jew 1.D.
1E101	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“użu” tal-oġġetti speċifikati f'1A102, 1B001, 1B101, 1B102, minn 1B115 sa 1B119, 1C001, 1C101, 1C107, minn 1C111 sa 1C118, 1D101 jew 1D103.	M	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir jew ‘software’ speċifikat f'1.A., 1.B., jew 1.D.
1E102	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” ta' “softwer” speċifikat f'1D001, 1D101 jew 1D103.	M6E1	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir, materjali jew ‘software’ speċifikati fi 6.A., 6.B., 6.C. or 6.D.
		M17E1	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir, materjali jew ‘software’ speċifikati fi 17.A., 17.B., 17.C. or 17.D. Nota: 17.E.1. jinkludi bażijiet tad-data iddisinjati apposta għall-analiżi tat-tnaqqis tas-sinjali karatteristiċi.
1E103	[M6E2]“Teknoloġija” għar-regolazzjoni tat-temperatura, il-pressjoni jew l-atmosfera f'awtoklavi jew idroklavi, meta jkunu użati għall-“produzzjoni” ta' “kompożiti” jew “kompożiti” ipproċessati parzjalment.	M6E2	“Dejta teknika” (inklużi kundizzjonijiet ta' pproċessar) u proċeduri għar-regolament tat-temperatura, il-pressjoni jew l-atmosfera f'awtoklavi jew idroklavi meta jintużaw għall-produzzjoni ta' komposti jew komposti pproċessati parzjalment, li jistgħu jintużaw għat-tagħmir u l-materjali speċifikati f'6.A. jew 6.C.

▼M30

1E104	"Teknoloġija" relatata mal-"produzzjoni" ta' materjali derivati pirolitikament imsawra fuq forma, mandarin jew sottostrat ieħor minn gassijiet prekursuri li jiddekomponu fil-medda ta' temperaturi minn 1 573 K (1 300 °C) sa 3 173 K (2 900 °C) u pressjoni ta' 130 Pa sa 20 kPa. *Nota: 1E104 jinkludi "teknoloġija" għal komposizzjoni ta' gassijiet prekursuri, veloċità tal-fluss u skedi għal kontroll tal-proċess u l-parametri relatati.*	M6E1	

KATEGORIJA 2 — L-IPPROĊESSAR TA' MATERJALI

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2A001	Berings antifrizzjoni u sistemi ta' berings, kif ġej, u l-komponenti għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 2A101.** *Nota: 2A001 ma jirregolax boċċi b'tolleranza ta' grad 5 jew inqas imsemmija mill-fabbrikant skont ISO 3290.* a. Bolberings u berings bir-rombli solidi, li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati mill-manifattur skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 4 (jew l-ekwivalenti nazzjonali), jew aħjar, u li għandhom kemm ċrieki u elementi li jduru (ISO 5593), magħmulin mill-monel jew mill-berillju; *Nota: 2A001.a. ma jirregolax berings bir-rombli bil-ponta.* b. Mhux użat; c. Sistemi ta' berings manjetiċi attivi li jużaw xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Materjali b'densitajiet ta' fluss ta' 2,0 T jew aktar u b'reżistenza għall-forza ta' aktar minn 414 MPa; 2. Id-disinji kollha għall-polarizzazzjoni omopolari ta' elettromanjeti 3D għall-attwaturi; jew 3. Sensuri li jagħtu l-pożizzjonament f'temperatura għolja (450 K (177 °C) u ogħla).	M3A7	Kuxxinetti bir-rombli radjali li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 u 50 mm; b) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 u 100 mm; kif ukoll c) Wisa' ta' bejn 10 u 20 mm.

▼M30

2A101	Bolberings radjali, minbarra dawk speċifikati f'2A001, li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar, u li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin: a. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 mm u 50 mm; b. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 mm u 100 mm; kif ukoll c. Wisgħa ta' bejn 10 mm u 20 mm.	M3A7	Kuxxinetti bir-rombli radjali li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 u 50 mm; b) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 u 100 mm; kif ukoll c) Wisa' ta' bejn 10 u 20 mm.
2B004	"Preses iżostatiċi" li jaħarqu li għandhom il-komponenti kollha li ġejjin, u l-komponenti u l-aċċessorji mfasslin apposta għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 2B104 u 2B204.** a. Ambjent termiku kkontrollat fil-kavità magħluqa, u kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 406 mm jew aktar; kif ukoll b. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Pressjoni massima ta' tħaddim ta' aktar minn 207 MPa; 2. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: jew 3. Faċilità għat-tixpip bl-idrokarburi u l-eliminazzjoni ta' prodotti li jirriżultaw mid-degradazzjoni ta' gassijiet. *Nota Teknika:* *Id-daqs intern tal-kamra huwa dak tal-kamra fejn jintlaħqu kemm it-temperatura ta' tħaddim kif ukoll il-pressjoni ta' tħaddim, u ma jinkludix il-muntaġġi. Dik id-dimensjoni tkun daqs id-dijametru intern tal-kompartiment ta' pressjoni jew id-dijametru intern tal-kompartiment tal-fran insulati, skont liema jkun l-iżgħar, li jiddependi fuq liema miż-żewġ kompartimenti jinsab fl-ieħor.* *N.B.: Għal forom imnaqqxin, forom u għodod mfasslin apposta ara 1B003, 9B009 u l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.*	M6B3	Pressi iżostatiċi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew akbar; b) Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 600 °C jew aktar; kif ukoll c) Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.
2B009	Magni tat-tornitura bit-tidwir u magni tat-tornitura bi fluss, li skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'unitajiet ta' "kontroll numeriku" jew b'kontroll minn kompjuter u li għandhom dawn kollha li ġejjin: **N.B.: ARA WKOLL 2B109 U 2B209.**	M3B3	Magni flow-forming, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li: a) Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifatturi b'unitajiet b'kontroll numeriku jew b'kontroll minn kompjuter, anke meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet meta jiġu konsenjati; kif ukoll

▼M30

	a. Tliet assi jew aktar li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-“kontroll tal-kontorn”; kif ukoll b. Forza tar-romblu ta' aktar minn 60 kN. *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta' 2B009, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' tornitura bit-tidwir u ta' tornitura bi fluss huma meqjusa bħala magni tat-tornitura bi fluss.*		b) Għandhom aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn. *Nota: Dan il-punt ma jinkludix magni li ma jistgħux jintużaw fil-‘produzzjoni’ ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi speċifikati f'1.A.* *Nota Teknika:* *Għall-fini ta' dan il-punt, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni flow-forming.*
2B104	“Preses iżostatiċi”, minbarra dawk speċifikati fi 2B004, li għandhom dan kollu li ġej: **N.B.: ARA WKOLL 2B204.** a. Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew aktar; b. Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 873 K (600 °C) jew aktar; kif ukoll c. Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.	M6B3	Pressi iżostatiċi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew akbar; b) Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 600 °C jew aktar; u c) Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.
2B105	Fran għad-depożizzjoni kimika f'fażi ta' fwar (CVD), minbarra dawk speċifikati fi 2B005.a., mfasslin jew immodifikati għad-densifikazzjoni ta' kompożiti ta' karbonju-karbonju.	M6B4	Fran għad-depożitar kimiku f'fażi ta' fwar iddisinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni ta' komposti ta' karbonju-karbonju.
2B109	Magni ta' tornitura bi fluss, minbarra dawk speċifikati fi 2B009, u l-komponenti mfasslin apposta kif ġej: N.B.: ARA WKOLL 2B209. a. Magni ta' tornitura bi fluss, li għandhom dan kollu li ġej: 1. Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, b'unitajiet b'“kontroll numeriku” jew b'kontroll minn kompjuter, ukoll meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet; kif ukoll 2. B'aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-“kontroll tal-kontorn”. b. Komponenti mfasslin apposta għall-magni tat-tornitura bi fluss, speċifikati minn 2B009 sa 2B109.a.	M3B3	Magni flow-forming, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li: a) Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifatturi b'unitajiet b'kontroll numeriku jew b'kontroll minn kompjuter, anke meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet meta jiġu konsenjati; kif ukoll b) Għandhom aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn. *Nota: Dan il-punt ma jinkludix magni li ma jistgħux jintużaw fil-‘produzzjoni’ ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi speċifikati f'1.A.*

	Nota: 2B109 ma jirregolax magni li ma jistawx jintużaw fil-produzzjoni ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi msemmija f'9A005, 9A007.a. jew 9A105.a. *Nota Teknika:* *Magni li jgħaqqdu l-funzjoni tat-tornitura bit-tidwir u t-tornitura bi fluss huma meqjusin bħala magni tat-tornitura bi fluss għall-iskop ta' 2B109.*		*Nota Teknika:* *Għall-fini ta' dan il-punt, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni flow-forming.*
2B116	Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni, tagħmir u komponenti għalihom, kif ġej: a. Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' feedback jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'"mejda vojta"; b. Kontrolluri diġitali, flimkien ma' software tal-ittestjar tal-vibrazzjoni mfassal apposta, b'"wisa" tal-banda ta' kontroll f'ħin reali' ta' aktar minn 5 kHz mfasslin għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.; *Nota Teknika:* *F'2B116.b., 'wisa' tal-banda ta' kontroll f'ħin reali' tfisser ir-rata massima li fiha kontrollur jista' jesegwixxi ċikli kompluti ta' teħid ta' kampjuni, ipproċessar ta' dejta u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b'"mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u l-unitajiet elettroniċi mfasslin sabiex jikkombinaw unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kkombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'"mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.	M15B1	Tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni, li jista' jintuża għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew is-subsistemi speċifikati f'2.A. jew 20.A., u l-komponenti għalihom, kif ġej: a) Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' feedback jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'"mejda vojta"; b) Kontrolluri diġitali, flimkien ma' "softwer" tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ddisinjat apposta, b'"faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali" ta' aktar minn 5 kHz u ddisinjati għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.; *Nota Teknika:* *"Faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali" hija ddefinita bħala r-rata massima fejn kontrollur jista' juża ċikli ta' kampjuni, ipproċessar ta' data u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c) Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajrhom, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b' "mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.; d) Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema kompleta ta' vibrazzjoni li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' "mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.

▼M30

	Nota Teknika: *Fi 2B116, 'mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ ċatt, mingħajr muntaġġi jew fittings.*		*Nota Teknika:* *Is-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni li jinkorporaw kontrollur diġitali huma dawk is-sistemi, li l-funzjonijiet tagħhom huma, parzjalment jew kompletament, awtomatikament ikkontrollati minn sinjali elettriċi maħżuna u diġitalment kodifikati.*
2B117	Kontrolli ta' tagħmir u ta' proċessi, minbarra dawk speċifikati fi 2B004, 2B005.a., 2B104 jew 2B105, mfasslin jew immodifikati għad-densifikazzjoni u l-piroliżi taż-żennuni ta' rokits kompożiti strutturali u tal-ponot ta' quddiem ta' vetturi għad-dħul fl-atmosfera.	M6B5	Kontrolli ta' tagħmir u ta' proċessi, minbarra dawk speċifikati f'6.B.3. jew 6.B.4., iddisinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni u l-piroliżi taż-żennuni ta' rokits komposti strutturali u tal-ponot ta' quddiem ta' vetturi ta' dħul mill-ġdid.
2B119	Magni tal-ibbilanċjar u t-tagħmir relatat, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 2B219.** a. Magni tal-ibbilanċjar li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Ma jifilħux jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; kif ukoll 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa tar-rotor; *Nota: 2B119.a. ma jirregolax magni tal-bilanċ imfassla jew modifikati għall-apparat dentali jew apparat mediku ieħor.*	M9B2a	It-tagħmir kif ġej: 1. Magni tal-ibbilanċjar li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Ma jifilħux jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; kif ukoll 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa tar-rotor;
	b. Indikaturi mfasslin jew immodifikati għall-użu mal-magni speċifikati fi 2B119.a. *Nota Teknika:* *Irjus indikaturi huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	M9B2b	Irjus indikaturi (xi kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar) iddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'9.B.2.a.;
2B120	Is-simulaturi tal-moviment jew l-imwejjed ta' veloċità li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; b. Mfasslin jew immodifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tassinjali, jew it-tnejn; kif ukoll	M9B2c	Simulaturi tal-moviment/imwejjed rotatorji (tagħmir kapaċi jisimula l-moviment) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Żewġ assi jew aktar;

▼M30

	c. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Għal kull assi uniku li għandu dan kollu li ġej: a. Kapaċi jilħaq rati ta' 400 grad/s jew aktar, jew 30 grad/s jew anqas; kif ukoll b. Riżoluzzjoni ta' rata ta' 6 gradi/s jew anqas u preċiżjoni ta' 0,6 gradi/s jew anqas; 2. Li għandu stabbilità ta' veloċità fl-aġħar sitwazzjoni daqs jew aħjar (inqas) minn bejn wieħed u ieħor 0,05 %, ikkalkolati bħala medja fuq 10 gradi jew aktar; jew 3. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark. *Nota 1: 2B120 ma jirregolax twavel b'moviment rotatorju imfassla jew modifikati għal għodod tal-magni jew apparat mediku. Għal kontrolli fuq imwejjed rotatorji għall-għodda makkinarja ara 2B008.* *Nota 2: Simulaturi tal-moviment jew imwejjed rotatorji speċifikati f'2B120 jibqgħu kkontrollati sew jekk fil-ħin tal-esportazzjoni dawn ikunu mgħammra bi ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt, u sew jekk le.*		2. Iddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew apparat integrat mhux tal-kuntatt li huma kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn; kif ukoll 3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Għal kull assi uniku li għandu dan kollu li ġej: 1. Kapaċi jilħaq rati ta' 400 grad/s jew aktar, jew 30 grad/s jew anqas; kif ukoll 2. Riżoluzzjoni ta' rata ta' 6 gradi/s jew anqas u preċiżjoni ta' 0,6 gradi/s jew anqas; b. Li għandu stabbilità ta' veloċità fl-aġħar sitwazzjoni daqs jew aħjar (inqas) minn bejn wieħed u ieħor 0,05 %, ikkalkolati bħala medja fuq 10 gradi jew aktar; jew c. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark.
2B121	Imwejjed tal-ippożizzjonar (tagħmir kapaċi jagħmel pożizzjonament rotatorju preċiż fi kwalunkwe ass) ħlief: dawk speċifikati fi 2B120, li għandhom il-karatterisitiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; kif ukoll b. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark. *Nota: 2B121 ma jirregolax twavel b'moviment rotatorju imfassla jew modifikati għal għodod tal-magni jew apparat mediku. Għal kontrolli fuq imwejjed rotatorji għall-għodda makkinarja ara 2B008.*	M9B2d	Imwejjed tal-ippożizzjonar (tagħmir kapaċi jagħmel pożizzjonament rotatorju preċiż fi kwalunkwe ass) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Żewġ assi jew aktar; kif ukoll 2. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark.
2B122	Ċentrifugi kapaċi li jagħtu aċċellerazzjoni 'l fuq minn 100 g u mfasslin jew immodifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn li huma. *Nota: Ċentrifugi speċifikati fi 2B122 jibqgħu kkontrollati sew jekk fil-ħin tal-esportazzjoni dawn ikunu mgħammra bi ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt, u sew jekk le*	M9B2e	Ċentrifugi kapaċi jagħtu aċċellerazzjoni 'l fuq minn 100 g u ddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li huma kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn.

▼M30

2D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2D001	"Softwer" minbarra dak speċifikat fi 2D002, kif ġej: a. "Softwer" imfassal apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat fi 2A001 jew 2B001 b. "Softwer" mfassal jew immodifikat apposta għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat fi 2A001.c, 2B001 jew minn 2B003 sa 2B009. Nota: *2D001 ma jikkontrollax "softwer" ta' ipprogrammar parzjali li jiġġenera kodiċijiet ta' "kontroll numeriku biex jinħadmu bil-magni diversi partijiet".*	M3D	SOFTWER
2D101	"Softwer" imfassal jew immodifikat għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fi 2B104, 2B105, 2B109, 2B116, 2B117 jew minn 2B119 sa 2B122. **N.B.: ARA WKOLL 9D004.**	M3D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' ta' 'faċilitajiet tal-produzzjoni' u magni flow forming speċifikati fi 3.B.1. jew 3.B.3.
		M6D2	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għat-tagħmir speċifikat f'6.B.3., 6.B.4. jew 6.B.5.
		M15D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' ta' tagħmir speċifikat fi 15.B. li jista' jintuża għas-sistemi tal-ittestjar speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.

2E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2E001	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "software" speċifikati fi 2A, 2B jew 2D. Nota: *2E001 jinkludi "teknoloġija" għall-integrazzjoni ta' sistemi ta' tteħid ta' kampjuni f'magni ta' kejl ta' koordinati kif speċifikat f'2B006.a.*	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.

▼M30

2E002	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"produzzjoni" ta' appart speċifika f'2A jew 2B.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.
2E101	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir jew "software" speċifikat fi 2B004, 2B009, 2B104, 2B109, 2B116, minn2B119 sa 2B122 jew 2D101.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.

KATEGORIJA 3 — ELETTRONIKA

3A Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
3A001	Komponenti elettroniċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej: a. Ċirkwiti integrati bi skop ġenerali, kif ġej: Nota 1: *L-istatus ta' kontroll ta' pjastrini (mitmuma jew mhux mitmuma), fejn il-funzjoni ġiet determinata, għandu jiġi evalwat skont il-parametri ta' 3A001.a.* Nota 2: *Ċirkwiti integrati jinkludi t-tipi li ġejjin:* — *"Ċirkwiti integrati monolitiċi";* — *"Ċirkwiti integrati ibridi";* — *"Ċirkwiti integrati multichip";* — *"Ċirkwiti integrati tat-tip tal-pellikola", inklużi ċirkwiti integrati tas-silikon fuq iż-żaffir;* — *"Ċirkwiti integrati ottiċi";* — *"Ċirkwiti integrati tridimensjonali".*		

	1. Ċirkwiti integrati ddisinjati jew previsti bħala reżistenti għar-radjazzjoni sabiex jifilħu għal kwalunkwe milli ġej: a. Doża totali ta' 5×10^3 Gy (silikju) jew ogħla; b. Varjazzjoni fir-rata tad-doża ta' 5×10^6 Gy (silikju)/s jew ogħla; jew c. Fluwenza (fluss integrat) ta' newtroni (ekwivalenti 1 MeV) ta' 5×10^{13} n/cm^2 jew ogħla fuq is-silikju, jew l-ekwivalenti tiegħu għal materjali oħrajn;	M18A1	"Mikroċirkwiti" "reżistenti għar-radjazzjoni" li jistgħu jintużaw fil-protezzjoni tas-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettromanjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A.
	Nota: 3A001.a.1.c. ma jikkontrollax Semikondutturi Iżolaturi tal-Metall (MIS).	M18A2	"Rilevaturi" ddisinjati jew modifikati apposta biex jipproteġu s-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettromanjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *"Rilevatur" huwa definit bħala apparat mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li awtomatikament jidentifika u jirrekordja, jew jirreġistra stimulu bħal bidla ambjentali fil-pressjoni jew fit-temperatura, sinjal elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'operazzjoni ta' darba jew bi ħsara.*
3A101	Tagħmir, apparat u komponenti elettroniċi, minbarra dawk speċifikati fi 3A001, kif ġej: a. Konvertituri minn analoġiku għal diġitali, li jistgħu jintużaw f'"missili", iddisinjati sabiex jissodisfaw speċifikazzjonijiet militari għal tagħmir rinfurzat;	M14A1	Konvertituri minn analogu għal diġitali, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A., li għandhom waħda jew aktar mill-karatteristiċi li ġejjin: a) Iddisinjati biex jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet militari għal tagħmir rinfurzat; jew b) Iddisinjat jew modifikat għal użu militari u li jkun xi wieħed mit-tipi li ġejjin:
		M14A1b1	1. "Mikroċirkwiti" ta' konvertituri minn analogu għal diġitali, li huma 'reżistenti għar-radjazzjoni' jew għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Valutati għal operazzjoni fil-medda ta' temperaturi li tibda minn inqas minn – 54 °C għal aktar minn + 125 °C; kif ukoll b. Issiġillati ermetikament jew

▼M30

		M14A1b2	2. Unitajiet jew moduli ta' ċirkwit stampat tat-tip input bl-elettriku b'konvertitur minn analogu għal diġitali, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Valutati għal operazzjoni fil-medda ta' temperaturi li tibda minn inqas minn – 45 °C għal aktar minn + 80 °C; kif ukoll b. Li jinkorporaw "mikroċirkwiti" speċifikati f'14.A.1.b.1.
	b. Aċċelleraturi li kapaċi jwasslu radjazzjoni elettromanjetika prodotta permezz ta' bremsstrahlung minn elettroni aċċellerati ta' 2 MeV jew akbar, u sistemi li fihom dawn l-aċċelleraturi. *Nota: 3A101.b. t'hawn fuq ma jispeċifikax tagħmir iddisinnjat b'mod speċjali għal skopijiet mediċi.*	M15B5	Aċċelleraturi li kapaċi jipproduċu radjazzjoni elettromanjetika prodotta bi bremss-trahlung minn elettroni aċċellerati ta' 2 MeV jew aktar, u tagħmir li fih dawk l-aċċelleraturi, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. or 19.A.2. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A. *Nota: 15.B.5. ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta għal skopijiet mediċi.* *Nota Teknika:* *Fil-Punt 15.B. "mejda vojta" tfisser mejda ċatta, jew wiċċ, mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.*
3A102	"Batteriji termiċi" ddisinjati jew immodifikati għall-'missili'. *Noti Tekniċi:* *1. Fi 3A102 "batteriji termiċi" huma batteriji li jintużaw darba li fihom melħ inorganiku solidu nonkonduttiv bħala l-elettrolit. Dawn il-batteriji jinkorporaw materjal pirolitiku li, meta jitqabbad, idewweb l-elettrolit u jattiva l-batterija.* *2. Fi 3A102 "missila"tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi għal inġenji tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M12A6	Batteriji termiċi ddisinjati jew modifikati għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. *Nota: Il-Punt 12.A.6. ma jikkontrollax batteriji termiċi ddisinjati apposta għal sistemi rokit jew vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li mhumiex kapaċi jwettqu 'medda' ta' 300 km jew aktar.* *Nota Teknika:* *Il-batteriji termiċi huma batteriji li jintużaw darba biss li fihom melħ inorganiku solidu mhux konduttiv bħala elettrolit. Dawn il-batteriji jinkorporaw materjal pirolitiku li, meta jitqabbad, idewweb l-elettrolit u jattiva l-batterija.*

▼M30

3D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
3D101	"Softwer" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat fi 3A101.b.	M15D1	"Softwer" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat fi 3A101.b.

3E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
3E001	"Teknoloġija", skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"iżvilupp" jew "il-produzzjoni" ta' tagħmir jew materjali speċifikati fi 3A, 3B jew 3C; *Nota 1: 3E001 ma jikkontrollax "teknoloġija" għall-"produzzjoni" ta' tagħmir jew komponenti kkontrollati minn 3A003.* *Nota 2: 3E001 ma jikkontrollax "teknoloġija" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" taċ-ċirkwiti integrati speċifikati fi 3A001.a.3. sa 3A001.a.12., li għandhom dan kollu li ġej:* *a. Li jużaw "teknoloġija" ta' jew 'il fuq minn 0,130 µm, kif ukoll* *b. Li jinkorporaw strutturi b'għadd ta' saffi li jkollhom tliet saffi ta' metall jew inqas.*	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.
3E101	"Teknoloġija", skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"użu" ta' tagħmir jew "software" speċifikat fi 3A001.a.1. jew 2., 3A101, 3A102 jew 3D101.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.
3E102	"Teknoloġija", skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"iżvilupp" ta' "software" speċifikat fi 3D101.	M15E1	"Teknoloġija", skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir jew is-"softwer" speċifikati fi 15.B. jew 15.D.

▼M30

KATEGORIJA 4 — KOMPJUTERS

4A Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
4A001	Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin, u "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti ddisinjati apposta għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 4A101.**		
	a. Iddisinjati apposta sabiex ikollhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Klassifikati għal tħaddim f'temperatura ambjentali taħt 228 K (– 45 °C) jew iktar minn 358 K (85 °C); jew *Nota: 4A001.a.1. ma jikkontrollax kompjuters iddisinjati apposta għal applikazzjonijiet għal karozzi, ferroviji ċivili jew "inġenji tal-ajru ċivili".* 2. Reżistenti għal radjazzjoni ogħla mill-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: a. Doża Totali 5×10^3 Gy (siliċju); b. Varjazzjoni fir-Rata ta' Doża 5×10^6 Gy (siliċju); jew c. Varjazzjoni minn Avveniment Uniku 1×10^{-8} Żball/bit/jum; *Nota: 4A001.a.1. ma jikkontrollax kompjuters iddisinjati apposta għal applikazzjonijiet għal "inġenji tal-ajru ċivili".* b. Mhux użat.	M13A1	Kompjuters analogi, kompjuters diġitali jew analizzaturi differenzjali diġitali, iddisinjati jew modifikati għal użu fis-sistemi speċifikati f'1.A., li għandhom waħda jew aktar mill-karatteristiċi li ġejjin: a) Valutati għal operazzjoni kontinwa f'temperaturi li jibdew minn inqas minn – 45 °C sa aktar minn + 55 °C; jew b) Iddisinjat bħala rinfurzat jew 'reżistenti għar-radjazzjoni'.
4A003	"Kompjuters diġitali", "assemblaġġi elettroniċi", u tagħmir relatat għalihom, kif ġej u komponenti ddisinjati apposta għalihom: *Nota 1: 4A003 jinkludi dan li ġej:* — *"Proċessuri vettorjali";* — *Proċessuri matriċjali;* — *Proċessuri tas-sinjali diġitali;*		

	— *Proċessuri loġiċi;* — *Tagħmir iddisinjat għat-"titjib fil-kwalità tal-immaġini";* — *Tagħmir iddisinjat għall-"ipproċessar tas-sinjali".* *Nota 2: L-istatus ta' kontroll tal-"kompjuters diġitali" u t-tagħmir relatat deskritt f'4A003 huwa determinat mill-istatus ta' kontroll ta' tagħmir jew sistemi oħrajn sakemm:* *a. Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat huma essenzjali għat-tħaddim tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn;* *b. Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat mhumiex "element prinċipali" tat-tagħmir jew tas-sistemi l-oħrajn; kif ukoll* *N.B. 1: L-istatus tal-kontroll ta' "proċessuri ta' sinjali" jew tagħmir għat-"titjib tal-kwalità ta' l-immaġni" li jkun iddisinjat speċifikament għal tagħmir ieħor b'funzjonijiet limitati għal dawk meħtieġa għat-tagħmir l-ieħor huwa determinat mill-istatus tal-kontroll tat-tagħmir l-ieħor anke jekk dan jaqbeż il-kriterju tal-"element prinċipali".* *N.B. 2: Għall-istatus ta' kontroll ta' "kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat għal tagħmir tat-telekomunikazzjoni, ara l-Kategorija 5, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet).* *c. It-"teknoloġija" għall-"kompjuters diġitali" u t-tagħmir relatat hija determinata minn 4E.* d. Mhux użat;		
	e. Tagħmir li jwettaq konverżjonijiet minn analoġiku għal diġitali li jaqbeż il-limiti speċifikati fi 3A001.a.5.;	M14A1b2	Unitajiet jew moduli ta' ċirkwit stampat tat-tip input bl-elettriku b'konvertitur minn analogu għal diġitali, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Valutati għal operazzjoni fil-medda ta' temperaturi li tibda minn inqas minn – 45 °C għal aktar minn + 80 °C; kif ukoll b) Li jinkorporaw "mikroċirkwiti" speċifikati f'14.A.1.b.1.
4A101	Kompjuters analoġiċi, "kompjuters diġitali" jew analizzaturi differenzjali diġitali, minbarra dawk speċifikati f'4A001.a.1., li huma rinfurzati u ddisinjati jew modifikati għall-użu f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew rokits sonda speċifikati f'9A104.	M13A1b	Iddisinjat bħala rinfurzat jew 'reżistenti għar-radjazzjoni'.

▼M30

4A102	“Kompjuters ibridi” ddisinjati apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-integrazzjoni tad-disinn tal-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew ir-rokits sonda speċifikati f'9A104. *Nota: Dan il-kontroll japplika biss meta t-tagħmir ikollu s-“software” speċifikat f'7D103 jew 9D103.*	M16A1	Kompjuters ibridi (analogi/diġitali kkombinati) ddisinjati apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-integrazzjoni tad-disinn tas-sistemi speċifikati f'1.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. *Nota:* Dan il-kontroll japplika biss meta t-tagħmir ikollu s-‘software’ speċifikat f'16.D.1.

4E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
4E001	a. “Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta' tagħmir jew “software” speċifikat f'4A jew 4D. b. “Teknoloġija”, minbarra dik speċifikata f'4E001.a., iddisinjata apposta jew modifikata għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta' tagħmir kif ġej: 1. “Kompjuters diġitali” li għandhom “l-Ogħla Prestazzjoni Aġġustata” (“APP”) ta' aktar minn 1,0 TeraFLOPS Ponderati (WT); 2. “Assemblaġġi elettroniċi” ddisinjati apposta jew modifikati sabiex itejbu l-prestazzjoni permezz tal-aggregazzjoni ta' proċessuri sabiex l-“APP” tal-aggregazzjoni taqbeż il-limitu speċifikat f'4D001.b.1. c. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” tas-“software ta' intrużjoni”.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.

▼M30

KATEGORIJA 5 — TELEKOMUNIKAZZJONI U “SIGURTA TAL-INFORMAZZJONI”

Parti 1 — Telekomunikazzjoni

5A1 Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
5A101	Tagħmir ta' telemetrija u telekontroll, inkluż tagħmir fuq l-art, iddisinjat jew immodifikat għal ‘missili’. *Nota Teknika:* *Fi 5A101 ‘missila’ tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu skala ta' aktar minn 300 km.* *Nota: 5A101 ma jikkontrollax:* *a. Tagħmir iddisinjat jew modifikat għal inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ jew satelliti;* *b. Tagħmir ibbażat għall-art iddisinjat jew modifikat għal applikazzjonijiet terrestri jew marittimi;* *c. Tagħmir iddisinjat għal servizzi GNSS kummerċjali, ċivili jew għas-‘Sikurezza tal-Ħajja’ (eż. l-integrità tad-dejta, is-sikurezza tat-titjira);*	M12A4	Tagħmir ta' telemetrija u telekontroll, inkluż tagħmir fuq l-art, iddisinjat jew modifikat għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. Noti: 1. 12.A.4. ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat jew modifikat għal inġenji tal-ajru b'ekwipaġġ jew satelliti. 2. 12.A.4. ma jikkontrollax tagħmir ibbażat fuq l-art iddisinjat jew modifikat għal applikazzjonijiet terrestri jew marittimi. 3. 12.A.4. ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat għal servizzi GNSS kummerċjali, ċivili jew ta' ‘Sikurezza tal-Ħajja’ (eż. integrità tad-data, sikurezza tat-titjir).

5D1 Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
5D101	“Softwer” iddisinjat apposta jew immodifikat għall-“użu” ta' tagħmir speċifikat f'5A101.	M12D3	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' tagħmir speċifikat fi 12.A.4. jew 12.A.5., li jista' jintuża għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2.

02012R0267 — MT — 01.08.2026 — 041.001 — 110

▼M30

5E1 Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
5E101	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"uzu" ta' apparat speċifikat f'5A101.	M12E1	"Teknoloġija", skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir jew is-"softwer" speċifikati fi 12.A. jew 12.D.

KATEGORIJA 6 — SENSURI U LASERS

6 A Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
6A002	Sensuri jew tagħmir ottiku u l-komponenti għalihom, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 6A102.** a. Detetturi ottiċi kif ġej: 1. Detetturi fi stat solidu "kkwalifikati għall-użu spazjali" kif ġej: *Nota: Għall-fini ta' 6A002.a.1., detetturi fi stat solidu jinkludu "matriċijiet fuq il-pjan fokali".* a. Rilevaturi semikondutturi "kkwalifikati għall-użu spazjali" li għandhom dan kollu li ġej: 1. Rispons massimu fil-medda tat-tul ta' mewġ ta' iktar minn 10 nm iżda mhux iktar minn 300 nm; kif ukoll 2. Rispons ta' inqas minn 0,1 % imqabbel mar-reazzjoni massima f'tul ta' mewġ ta' iktar minn 400 nm;	M18A2	"Rilevaturi" ddisinjati jew modifikati apposta biex jipproteġu s-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettro-manjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *"Rilevatur" huwa definit bħala apparat mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li awtomatikament jidentifika u jirrekordja, jew jirreġistra stimulu bħal bidla ambjentali fil-pressjoni jew fit-temperatura, sinjal elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'ope-razzjoni ta' darba jew bi ħsara.*

▼M30

	b. Rilevaturi semikondutturi “kkwalifikati għall-użu spazjali” li għandhom dan kollu li ġej: 1. Rispons massimu fil-medda tat-tul ta' mewġ ta' iktar minn 900 nm iżda mhux iktar minn 1 200 nm; kif ukoll 2. “Kostanti tal-ħin” tar-rispons ta' 95 ns jew inqas; c. Rilevaturi semikondutturi “kkwalifikati għall-użu spazjali” li għandhom dan kollu li ġej: d. “Kwalifikati għall-użu spazjali” “matriċi fuq pjan fokali” b'aktar minn 2 048 element għal kull matriċi u bl-ogħla rispons fil-medda tat-tul ta' mewġ ta' iżjed minn 300 nm iżda mhux iżjed minn 900 nm.	M11A2	Sensuri passivi biex jiġu determinati l-berings għal sorsi elettromanjetiċi speċifiċi (tagħmir għas-sejbien ta' direzzjoni) jew karatteristiċi tal-art, iddisinjati jew modifikati għall-użu fis-sistemi speċifikati f'1.A.
6A006	“Manjetometri”, “gradjometri manjetiċi”, “gradjometri manjetiċi instrinsiċi”, sensuri ta' kamp elettriku taħt wiċċ l-ilma, “sistemi ta' kumpens”, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 7A103.d.** *Nota: 6A006 ma jikkontrollax strumenti ddisinjati apposta għal applikazzjoniet fis-sajd jew kejl biomanjetiku għad-dianjostika medika.* a. “Manjetometri” u sottosistemi kif ġej: 1. “Manjetometri” li jużaw “teknoloġija” “superkonduttiva” (SQUID) u b'xi wieħed minn dan li ġej: a. Sistemi SQUID iddisinjati għat-tħaddim stazzjonarju, mingħajr sottosistemi ddisinjati apposta sabiex inaqqsu l-ħsejjes waqt iċ-ċaqliq, u b'‘sensittività’ daqs jew inqas (aħjar) minn 50 fT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenza ta' 1 Hz; jew b. Sistemi SQUID li għandhom ‘sensittività’ tal-manjetometru waqt ċaqliq li hu inqas (aħjar) minn 20 pT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenza ta' 1 Hz u ddisinjati apposta sabiex inaqqsu l-ħsejjes waqt il-mixi;	M9A8	Sensuri tad-direzzjoni manjetiċi ta' tliet assi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a) Kumpens intern għall-inklinazzjoni fl-assi tax-xengil (+/– 90 grad) u li għandhom assi tal-irrolljar (+/– 180 grad). b) Kapaċi jipprovdu preċiżjoni tal-ażimut aħjar (inqas) minn 0,5 gradi rms f'latitudni ta' ± 80 grad, referenza għall-kamp manjetiku lokali. kif ukoll c) Iddisinjati jew modifikati biex jiġu integrati f'sistemi ta' kontroll tat-titjir u dawk ta' navigazzjoni. Nota: Is-sistemi ta' kontroll tat-titjir u dawk ta' navigazzjoni f'Punt 9.A.8. jinkludu ġirostabbilizzaturi, piloti awtomatiċi u sistemi ta' navigazzjoni inerzjali.

	2. “Manjetometri” li jużaw “teknoloġija” ta' ppumpjar ottiku jew preċessjoni nukleari (protoni/Overhauser) b'‘sensittività’ inqas (aħjar) minn 20 pT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenza ta' 1 Hz; 3. “Manjetometri” li jużaw “teknoloġija” fluxgate b'‘sensittività’ daqs jew inqas (aħjar) minn 10 pT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenza ta' 1 Hz; 4. “Manjetometri” ta' kojl ta' induzzjoni b'‘sensittività’ inqas (aħjar) minn xi wieħed minn dan li ġej: a. 0,05 nT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenzi ta' inqas minn 1 Hz; b. 1×10^{-3} nT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz fi frekwenzi ta' 1 Hz jew iżjed iżda li ma jaqbżux l-10 Hz; jew c. 1×10^{-4} nT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz li jaqbżu l-10 Hz; 5. “Manjetometri” tal-fibra ottika b'‘sensittività’ inqas (aħjar) minn 1 nT (rms) kull għerq kwadrat ta' Hz; b. Sensuri ta' kamp elettriku taħt wiċċ l-ilma b'‘sensittività’ inqas (aħjar) minn 8 nanovolt kull metru kull għerq kwadrat Hz meta mkejjel f'1 Hz; c. “Gradjometri manjetiċi” kif ġej: 1. “Gradjometri manjetiċi” li jużaw “manjetometri” multipli speċifikati f'6A006.a.; 2. “Gradjometri manjetiċi instrinsiċi” tal-fibra ottika b'“sensittività” tal-gradjent tal-kamp manjetiku inqas (aħjar) minn 0,3 nT/m rms kull għerq kwadrat ta' Hz; 3. “Gradjometri manjetiċi instrinsiċi” li jużaw “teknoloġija” li mhix “teknoloġija” tal-fibra ottika, b'“sensittività” tal-gradjent tal-kamp manjetiku inqas (aħjar) minn 0,015 nT/m rms kull għerq kwadrat ta' Hz; d. “Sistemi ta' kumpens” għal sensuri ta' kamp elettriku manjetiċi jew ta' taħt wiċċ l-ilma li jirriżultaw fi prestazzjoni ugwali għal jew aħjar mill-parametri speċifikati ta' 6A006.a., 6A006.b. jew 6A006.c.;		
6A007	Gravimetri u gradjometri tal-gravità, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 6A102.** a. Gravimetri ddisinjati jew modifikati għall-użu fuq l-art u li għandhom preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn 10 μGal;	M12A3	Miters tal-gravità (gravimetri) u gradjometri tal-gravità, iddisinjati jew modifikati għall-użu fl-ajru u dak marin, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A., kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a) Miters tal-gravità li għandhom dan kollu li ġej: 1. Preċiżjoni statika jew operazzjonali ta' 0,7 milligal (mgal) jew anqas (aħjar); kif ukoll

▼M30

	Nota: *6A007.a. ma jikkontrollax miters tal-gravità għall-użu fl-art tat-tip bl-element tal-kwartz (Worden).* b. Gravimetri ddisinjati għal pjattaformi mobbli u li għandhom dan kollu li ġej: 1. Preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn 0,7 mGal; kif ukoll 2. Preċiżjoni fil-ħidma (operattiva) ta' inqas (aħjar) minn 0,7 mGal, b'ħin ta' reġistrazzjoni ta' valur stabbli' ta' inqas minn 2 minuti taħt kwalunkwe kombinazzjoni ta' kumpensi u influwenzi dinamiċi preżenti; *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta' 6A007.b., 'ħin ta' reġistrazzjoni ta' valur stabbli' (imsemmi wkoll il-ħin ta' rispons tal-gravimentri) huwa l-ħin li matulu jitnaqqsu l-effetti disturbanti tal-aċċelerazzjonijiet indotti mill-pjattaforma (ħoss ta' frekwenza għolja).* c. Gradjometri tal-gravità.		2. Ħin ta' tlugħ għal stat stabbli ta' żewġ minuti jew anqas; b) Gradjometri tal-gravità.
6A008	Sistemi, tagħmir u assemblaġġi tar-radar, li għandhom xi wieħed minn dan li ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 6A108.** *Nota:* *6A008 ma jikkontrollax:* — *Radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR);* — *Radar Awtomobilistiku Ċivili;* — *Mezzi viżivi jew monitors użati għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC);* — *Radar meteoroloġiku (tat-temp);* — *Tagħmir ta' radar ta' approċċ ta' preċiżjoni (PAR) konformi mal-istandards tal-ICAO u li juża arranġamenti lineari ((1) unidimensjonali) diriġibbli elettronikament jew antenni passivi ppożizzjonati mekkanikament.*	M11A1	Sistemi ta' radar u sistemi ta' radar bil-laser, inklużi altimetri, iddisinjati jew modifikati għall-użu fis-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *Is-sistemi ta' radar bil-laser jinkludu tekniki speċjalizzati ta' trasmissjoni, skennjar, riċeviment u pproċessar ta' sinjali għall-użu ta' lasers għad-determinazzjoni tad-distanza u d-direzzjoni ta' oġġett b'eku, is-sejbien ta' direzzjoni u d-diskriminazzjoni ta' miri permezz tal-post, il-veloċità radjali u l-karatteristiċi tar-riflessjoni ta' korp.*

▼M30

	a. Jaħdmu fi frekwenzi minn 40 GHz sa 230 GHz u għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Saħħa tal-ħruġ medja li taqbeż il-100 mW; jew 2. Preċiżjoni ta' lokalizzazzjoni ta' 1 m jew inqas (aħjar) fil-medda u 0,2 gradi jew inqas (aħjar) fl-ażimut; b. Medda tal-frekwenza intonabbli li teċċedi ± 6,25 % tal-'frekwenza operattiva ċentrali'; *Nota Teknika:* *Il-'frekwenza operattiva ċentrali' hija nofs is-somma tal-ogħla u l-inqas frekwenzi operattivi speċifikati.* c. Kapaċi jaħdmu fl-istess ħin fuq aktar minn żewġ frewkenzi portanti;	M12A5b	Strumentazzjoni radar għall-kejl tad-distanza inkluż insegwituri ottiċi/infraħmar bil-kapaċitajiet kollha li ġejjin: 1. Riżoluzzjoni angulari ta' aħjar minn 1,5 mrad; 2. Medda ta' 30 km jew akbar b'riżoluzzjoni tal-medda aħjar minn 10 m rms; u 3. Riżoluzzjoni tal-veloċità aħjar minn 3 m/s.
6A102	"Detetturi" reżistenti għar-radjazzjoni, għajr dawk speċifikati f'6A002, iddisinjati jew modifikati apposta għall-protezzjoni mill-effetti nukleari (pereż. impulsi elettromanjetiċi (EMP), raġġi-X, effetti kombinati ta' splużjoni u sħana) u li jistgħu jintużaw għal "missili", iddisinjati jew previsti li jirreżistu livelli ta' radjazzjoni ugwali għal jew ogħla minn doża ta' radjazzjoni totali ta' 5 × 5 rads (silikon). *Nota Teknika:* *F'6A102, "rilevatur" huwa definit bħala apparat mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li awtomatikament jidentifika u jirrekordja, jew jirreġistra stimulu bħal bidla ambjentali fil-pressjoni jew fit-temperatura, sinjal elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'operazzjoni ta' darba jew bi ħsara.*	M18A2	"Rilevaturi" ddisinjati jew modifikati apposta biex jipproteġu s-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettromanjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *"Rilevatur" huwa definit bħala apparat mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li awtomatikament jidentifika u jirrekordja, jew jirreġistra stimulu bħal bidla ambjentali fil-pressjoni jew fit-temperatura, sinjal elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'operazzjoni ta' darba jew bi ħsara.*
6A107	Gravimetri u komponenti għall-gravimetri u gradjometri tal-gravità, kif ġej: a. Gravimetri, għajr dawk speċifikati f'6A007.b, iddisinjati jew modifikati għall-użu fl-ajru jew fil-baħar, u li għandhom preċiżjoni statika jew operattiva ta' 0,7 milligal (mgal) jew inqas (aħjar), u b'ħin ta' reġistrazzjoni ta' valur stabbli ta' żewġ minuti jew inqas; b. Komponenti ddisinjati apposta għall-gravimetri speċifikati f'6A007.b. jew 6A107.a. u gradjometri tal-gravità speċifikati f'6A007.c.	M12A3	Miters tal-gravità (gravimetri) u gradjometri tal-gravità, iddisinjati jew modifikati għall-użu fl-ajru u dak marin, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A., kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a) Miters tal-gravità li għandhom dan kollu li ġej: 1. Preċiżjoni statika jew operazzjonali ta' 0,7 milligal (mgal) jew anqas (aħjar); kif ukoll 2. Ħin ta' tlugħ għal stat stabbli ta' żewġ minuti jew anqas; b) Gradjometri tal-gravità.

▼M30

6A108	Sistemi ta' radar u sistemi ta' insegwiment, għajr dawk speċifikati f'6A008, kif ġej: a. Sistemi ta' radar u sistemi ta' radar bil-laser iddisinjati jew modifikati għall-użu f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew rokits sonda speċifikati f'9A104; *Nota: 6A108.a. jinkludi dawn li ġejjin:* *a. Sensuri għat-tagħmir segwenti:* *b. Tagħmir ta' detezzjoni ta' immaġni;* *c. Tagħmir għall-kartografija u l-korrelazzjoni (diġitali kif ukoll analoġika) tax-xeni;* *d. Tagħmir tar-radar għan-navigazzjoni Doppler.*	M11A1	Sistemi ta' radar u sistemi ta' radar bil-laser, inklużi altimetri, iddisinjati jew modifikati għall-użu fis-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *Is-sistemi ta' radar bil-laser jinkludu tekniki speċjalizzati ta' trasmissjoni, skennjar, riċeviment u pproċessar ta' sinjali għall-użu ta' lasers għad-determinazzjoni tad-distanza u d-direzzjoni ta' oġġett b'eku, is-sejbien ta' direzzjoni u d-diskriminazzjoni ta' miri permezz tal-post, il-veloċità radjali u l-karatteristiċi tar-riflessjoni ta' korp.*
9A111	Magni b'pulsoreatturi, li jistgħu jintużaw f'“missili” jew vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a., u komponenti ddisinjati apposta għalihom. **N.B.: ARA WKOLL 9A011 u 9A118.**	M3A2	Awtoreatturi/awtoreatturi supersoniċi/pulsi reatturi/‘magni b'ċiklu kkombinat’, inkluż tagħmir li jirregola l-kombustjoni, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.2. *Nota Teknika:* *Fil-punt 3.A.2., ‘magni b'ċiklu kkombinat’ huma l-magni li jużaw żewġ ċikli jew aktar tat-tipi ta' magni li ġejjin: magna b'turbina tal-gass (turbojet, turboprop, turboreatturi u turboxaft), awtoreatturi, awtoreatturi supersoniċi, pulsi reatturi, magna ta' detonazzjoni bil-puls, mutur rokit (propellant likwidu/solidu u ibridu).*

▼M30

9A112	"Vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs"), minbarra dawk speċifikati f' 9A012, kif ġej: a. "Vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs") li kapaċi jilħqu medda ta' 300 km; b. "Vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs") li għandhom dan kollu li ġej: 1. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: a. Kapacità awtonoma tal-kontroll tat-titjir u tan-navigazzjoni; jew b. Kapaċità ta' titjir ikkontrollat barra firxa tal-vista diretta li tinvolvi operatur uman; kif ukoll 2. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: a. Jinkorporaw sistema/mekkaniżmu li jippropagaw l-aerosol b'kapaċità akbar minn 20 litru; jew b. Iddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw sistema/mekkaniżmu għad-distribuzzjoni tal-aerosols b'kapaċità ta' aktar minn 20 litru. *Noti Tekniċi:* *1. Aerosol jikkonsisti f'materjal partikolat jew likwidi ħlief għal komponenti ta' karburant, minn prodotti jew additivi, bħala parti mit-"tagħbija" li jiġu rilaxxati fl-atmosfera. Eżempji ta' aerosol jinkludu pesticidi għall-bexx fuq l-uċuħ tar-raba' u kimiki nexfin għall-kondensazzjoni artifiċjali tas-sħab.* *2. Sistema/mekkaniżmu għad-distribuzzjoni tal-aerosols fih dak l-apparat kollu (mekkaniku, elettriku, idrawliku, eċċ.), li huwa meħtieġ għall-ħżin u t-tixrid ta' aerosol fl-atmosfera. Dan jinkludi l-possibbiltà ta' injezzjoni tal-aerosol fil-fwar mill-egżost tal-kombustjoni u fil-islipstream tal-iskrun.*	M19A2 M19A3	Sistemi ta' inġenji tal-ajru kompleti mingħajr ekwipaġġ (inklużi sistemi ta' missili tal-kruċiera, drones bersall u drones ta' rikonjizzjoni), mhux speċifikati f'1.A.2., li kapaċi jkollhom 'medda' ta' 300 km jew aktar. Sistemi ta' inġenji tal-ajru kompleti mingħajr ekwipaġġ, mhux speċifikati f'1.A.2. jew 19.A.2., li għandhom dan kollu li ġej: a. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Kapacità awtonoma tal-kontroll tat-titjir u tan-navigazzjoni; jew 2. Kapaċità ta' titjir ikkontrollat barra firxa tal-vista diretta li tinvolvi operatur uman; kif ukoll b. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Jinkorporaw sistema/mekkaniżmu li jippropagaw l-aerosol b'kapaċità akbar minn 20 litru; jew 2. Iddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw sistema/mekkaniżmu għad-distribuzzjoni tal-aerosols b'kapaċità ta' aktar minn 20 litru. *Nota: Il-Punt 19.A.3. ma jikkontrollax il-mudelli ta' inġenji tal-ajru, iddisinjati apposta għal skopijiet rikreattivi jew kompetittivi.* *Noti Tekniċi:* *1. Aerosol jikkonsisti minn partikolat jew likwidi minbarra komponenti tal-karburant, prodotti sekondarji jew addittivi, bħala parti mit-'tagħbija' li għandha tinxtered fl-atmosfera. Eżempji ta' aerosol jinkludu pesticidi għall-bexx fuq l-uċuħ tar-raba' u kimiki nexfin għall-kondensazzjoni artifiċjali tas-sħab.*
9A115	Tagħmir ta' sostenn għall-varar kif ġej: a. Tagħmir u apparat għall-immaniġġar, kontroll, attivazzjoni jew varar, iddisinjat jew modifikat għal vetturi ta' varar fl-ispazju speċifikati f'9A004, rokits ta' skandaljar speċifikati f'9A012 jew vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ speċifikati f'9A104.; b. Vetturi għat-trasport, l-immaniġġar, il-kontroll, l-attivazzjoni jew il-varar, iddisinjati jew modifikati għal vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew rokits ta' skandaljar speċifikati f'9A104.	M12A1 M12A2	Tagħmir u apparat, iddisinjati jew modifikati għall-immaniġġjar, il-kontroll, l-attivazzjoni u l-varar tas-sistemi speċifikati fi 1.A., 19.A.1., jew 19.A.2. Vetturi ddisinjati jew modifikati għat-trasport, l-immaniġġjar, il-kontroll, l-attivazzjoni u l-varar tas-sistemi speċifikati f'1.A.

▼M30

9A116	Vetturi tad-dħul lura, li jistgħu jintużaw f'"missili", u tagħmir iddisinjat jew modifikat għalihom, kif ġej: a. Vetturi tad-dħul lura; b. Tarki tas-sħana, u komponenti għalihom, iffabbrikati miċ-ċeramika jew minn materjali ablattivi; c. Dissipaturi tas-sħana (heat sinks) u komponenti għalihom, iffabbrikati b'materjali ħfief ta' kapaċità termika għolja; d. Tagħmir elettroniku ddisinjat apposta għall-vetturi tad-dħul lura.	M2A1b	Vetturi ta' dħul mill-ġdid, u tagħmir iddisinjat jew modifikat għalihom, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A., kif ġej, ħlief kif previst fin-Nota taħt 2.A.1. għal dawk li huma ddisinjati għal tagħbijiet li mhumiex armi: 1. Tarki tas-sħana, u komponenti għalihom, iffabbrikati miċ-ċeramika jew minn materjali ablattivi; 2. Dissipaturi tas-sħana (heat sinks) u komponenti għalihom, iffabbrikati b'materjali ħfief ta' kapaċità termika għolja; 3. Tagħmir elettroniku ddisinjat apposta għal vetturi ta' dħul mill-ġdid;
9A117	Mekkaniżmi ta' separazzjoni fi stadji, mekkaniżmi ta' separazzjoni, u stadji intermedji, li jistgħu jintużaw f'"missili". **N.B.: ARA WKOLL 9A121.**	M3A4	Mekkaniżmi ta' separazzjoni fi stadji, mekkaniżmi ta' separazzjoni u stadji intermedji għalihom, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota: Ara wkoll il-Punt 11.A.5.* *Nota Teknika:* *Mekkaniżmi ta' separazzjoni fi stadji u speċifikati fi 3.A.4. jista' jkun fihom xi wħud mill-komponenti li ġejjin:* — *pirotekniċi boltijiet, skorfini u manetti;* — *Ball is-serraturi;* — *Apparat li jaqta' — ċirkulari;* — *f'forma lineari flessibbli (flsc).*
9A118	Apparat sabiex jirregola l-kombustjoni li jista' jintuża fil-magni, li jistgħu jintużaw fil-"missili" jew il-vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a., speċifikati f'9A011 jew 9A111.	M3A2	Awtoreatturi/awtoreatturi supersoniċi/pulsi reatturi/'magni b'ċiklu kkombinat', inkluż tagħmir li jirregola l-kombustjoni, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.2. *Nota Teknika:* *Fil-punt 3.A.2., 'magni b'ċiklu kkombinat' huma l-magni li jużaw żewġ ċikli jew aktar tat-tipi ta' magni li ġejjin: magna b'turbina tal-gass (turbojet, turboprop, turboreatturi u turboxaft), awtoreatturi, awtoreatturi supersoniċi, pulsi reatturi, magna ta' detonazzjoni bil-puls, mutur rokit (propellant likwidu/solidu u ibridu).*

▼M30

9A119	Stadji individwali ta' rokits, li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' rokits kompluti jew ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ, li kapaċi jilħqu medda ta' 300 km, minbarra dawk speċifikati f'9A005, 9A007, 9A009, 9A105, 9A107 u 9A109.	M2A1a M20A1a	Stadji individwali ta' rokit li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A.; Subsistemi kompleti kif ġej: a. Stadji individwali ta' rokit, mhux speċifikati fi 2.A.1., li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati fi 19.A.
9A120	Tankijiet ta' propellant likwidu, minbarra dawk speċifikati f'9A006, iddisinjati apposta għall-propellanti speċifikati f'1C111 jew "propellanti likwidi oħrajn", użati f'sistemi rokit li kapaċi jġorru tagħbija ta' mill-inqas 500 kg għal medda ta' mill-inqas 300 km.	M3A8	Tankijiet bi propellant likwidu ddisinjati apposta għall-propellanti kkontrollati f'Punt 4.C. jew propellanti likwidi oħrajn li jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A.1.
9A121	Konnetturi elettriċi umbilikali u interstadjali ddisinjati apposta għal "missili", vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew ir-rokits ta' skandaljar speċifikati f'9A104. *Nota Teknika:* *Il-konnetturi interstadjali msemmija f'9A121 jinkludu wkoll konnetturi elettriċi installati bejn il-"missila", il-vettura tal-varar fl-ispazju jew ir-rokit ta' skandaljar u t-tagħbija tagħhom.*	M11A5	Konnetturi elettriċi umbilikali u interstadji ddisinjati apposta għas-sistemi speċifikati f'1.A.1. jew 19.A.1. *Nota Teknika:* *Il-konnetturi interstadji msemmija fi 11.A.5 jinkludu wkoll konnetturi elettriċi installati bejn is-sistemi speċifikati f'1.A.1. jew 19.A.1 u t-'tagħbija' tagħhom.*

9B Tagħmir għall-Ittestjar, l-Ispezzjoni u l-Produzzjoni

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
9B005	Sistemi ta' kontroll onlajn (fil-ħin reali), strumentazzjoni (inkluż sensuri) jew tagħmir awtomatizzat għall-akkwist u l-ipproċessar tad-data, iddisinjati apposta għall-użu ma' xi wieħed minn dan li ġej: **N.B.: ARA WKOLL 9B105.** a. Mini tar-riħ iddisinjati għal veloċità ta' Mach 1,2 jew aktar; *Nota: 9B005.a. ma tikkontrollax mini tar-riħ iddisinjati apposta għal skopijiet edukattivi u li għandhom 'daqs tas-sezzjoni tal-ittestjar' (imkejjel lateralment) ta' inqas minn 250 mm.*	M15B2	"Faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku" għal veloċitajiet ta' Mach 0,9 jew aktar, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A. Nota: Punt 15.B.2 ma jikkontrollax il-mini tar-riħ għal veloċitajiet ta' Mach 3 jew inqas b'dimensjoni tad-"daqs tas-sezzjoni trasversali għat-test" ta' 250 mm jew inqas. *Noti Tekniċi:* *1. "Faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku" jinkludi mini tar-riħ u mini tax-xokk għall-istudju tal-fluss tal-arja fuq l-oġġetti.*

▼M30

	Nota Teknika: *'Daqs tas-sezzjoni tal-ittestjar' tfisser id-dijametru taċ-ċirku, jew il-ġenb tal-kwadru, jew l-itwal ġenb tar-rettangolu, fil-post bl-ikbar dimensjoni fis-sezzjoni tal-ittestjar.* b. Apparati għas-simulazzjoni ta' ambjenti ta' fluss f'veloċitajiet ogħla minn Mach 5, inkluż mini b'impuls termiku, mini b'arka tal-plażma, tubi tax-xokk, mini tax-xokk, mini tal-gass u pistoli ta' gass ħafif; jew c. Mini tar-riħ jew apparat, minbarra sezzjonijiet ta' żewġ dimensjonijiet, li kapaċi jissimulaw flussi bin-numru ta' Reynolds ogħla minn 25×10^6.		*2. "Daqs tas-sezzjoni trasversali għat-test" ifisser id-dijametru taċ-ċirku, jew il-ġenb tal-kaxxa, jew l-itwal ġenb tar-rettangolu, jew l-assi maġġur tal-ellissi fl-ikbar lokazzjoni tas-"sezzjoni trasversali għat-test". Is-"sezzjoni trażversali għat-test" hija s-sezzjoni perpendikolari għad-direzzjoni tal-fluss.*
9B006	Tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni akustika li kapaċi jipproduċi livelli ta' pressjoni ta' ħoss ta' 160 dB jew aktar (referenzat għal 20 μPa) b'qawwa tal-ħruġ nominali ta' 4 kW jew aktar f'temperatura taċ-ċellola tal-ittestjar ogħla minn 1 273 K (1 000 °C), u tagħmir tat-tisħin kwarz iddisinjat apposta għalih. **N.B.: ARA WKOLL 9B106.**	M15B4b	Kompartimenti ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kundizzjonijiet tat-titjir kollha li ġejjin: 1. Ambjenti akustiċi b'livell ta' ħoss totali ta' 140 dB jew aktar (referenzat għal 2×10^{-5} N/m^2) jew bi produzzjoni ta' qawwa akustika nominali totali ta' 4 kW jew aktar; kif ukoll 2. Xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew b. Medda ta' temperaturi minn inqas minn – 50 °C sa aktar minn 125 °C.
9B105	"Faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku"għal veloċitajiet ta' Mach 0,9 jew aktar, li jistgħu jintużaw għal "missili" u s-sottosistemi tagħhom. **N.B.: ARA WKOLL 9B005.** *Nota: 9B105 ma jikkontrollax il-mini tar-riħ għal veloċitajiet ta' Mach 3 b'dimensjoni tad-"daqs tas-sezzjoni trażversali għat-test" ta' 250 mm jew inqas.* *Noti Tekniċi:* *1. F'9B105 "faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku'"tinkludi mini tar-riħ u mini tax-xokk għall-istudju tal-fluss tal-arja fuq l-oġġetti.* *2. Fin-Nota għal 9B105, "id-daqs tas-sezzjoni trażversali għat-test" tfisser id-dijametru taċ-ċirku, jew il-ġenb tal-kaxxa, jew l-itwal ġenb tar-rettangolu, jew l-assi maġġur tal-ellissi fl-ikbar lokazzjoni tas-"sezzjoni trażversali għat-test". Is-"sezzjoni trażversali għat-test" hija s-sezzjoni perpendikolari għad-direzzjoni tal-fluss.*	M15B2	"Faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku" għal veloċitajiet ta' Mach 0,9 jew aktar, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A. *Nota: Punt 15.B.2 ma jikkontrollax il-mini tar-riħ għal veloċitajiet ta' Mach 3 jew inqas b'dimensjoni tad-"daqs tas-sezzjoni trasversali għat-test" ta' 250 mm jew inqas.* *Noti Tekniċi:* *1. "Faċilitajiet ta' ttestjar ajrudinamiku" jinkludi mini tar-riħ u mini tax-xokk għall-istudju tal-fluss tal-arja fuq l-oġġetti.* *2. "Daqs tas-sezzjoni trasversali għat-test" ifisser id-dijametru taċ-ċirku, jew il-ġenb tal-kaxxa, jew l-itwal ġenb tar-rettangolu, jew l-assi maġġur tal-ellissi fl-ikbar lokazzjoni tas-"sezzjoni trasversali għat-test". Is-"sezzjoni trażversali għat-test" hija s-sezzjoni perpendikolari għad-direzzjoni tal-fluss.*

	3. F'9B105 "missila" tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.		
9B106	Kompartimenti ambjentali u kompartimenti anekoiċi, kif ġej: a. Kompartimenti ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kundizzjonijiet tat-titjir kollha li ġejjin: 1. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: a. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew b. Medda ta' temperatura ta' minn inqas minn 223 K (– 50 °C) sa 'l fuq minn 398 K (+ 125 °C). kif ukoll 2. Jinkorporaw, jew "iddisinjati jew immodifikati" biex jinkorporaw, unità ta' vibrazzjoni jew tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ieħor biex jipproduċu ambjenti ta' vibrazzjoni ta' 10 g rms jew ogħla, imkejlin b'"mejda vojta", bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħmlu forzi ta' 5 kN jew ogħla; *Noti Tekniċi:* *1. 9B106.a.2. jiddeskrivi sistemi li kapaċi jiġġeneraw ambjent ta' vibrazzjoni b'mewġa unika (eż., mewġa sinusojdali) u sistemi li kapaċi jiġġeneraw vibrazzjoni każwali ta' medda wiesgħa (jiġifieri, spettru ta' qawwa).* *2. F'9B106.a.2., "iddisinjati jew modifikati" tfisser li l-kompartimenti ambjentali jipprovdu interfaċċi adatti (pereżempju apparat li jissiġilla) biex jinkorporaw unità ta' vibrazzjoni jew tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni oħrajn kif speċifikat fi 2B116.* *3. F'9B106.a.2. "mejda vojta" tfisser mejda ċatta, jew wiċċ, mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.* b. Kompartimenti ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kundizzjonijiet tat-titjir li ġejjin:	M15B4	Kompartimenti ambjentali kif ġej, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.: a. Kmamar ambjentali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Kapaċi jissimulaw xi waħda mill-kundizzjonijiet tat-titjir li ġejjin: a. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew b. Medda ta' temperaturi minn inqas minn – 50 °C sa aktar minn 125 °C; kif ukoll 2. Jinkorporaw, jew "iddisinjati jew immodifikati" biex jinkorporaw, unità ta' vibrazzjoni jew tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ieħor biex jipproduċu ambjenti ta' vibrazzjoni ta' 10 g rms jew ogħla, imkejlin b'"mejda vojta", bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħmlu forzi ta' 5 kN jew ogħla; *Noti Tekniċi:* *1. Punt 15.B.4.a.2. jiddeskrivi sistemi li kapaċi jiġġeneraw ambjent ta' vibrazzjoni b'mewġa unika (pereżempju mewġa sinusojdali) u sistemi li kapaċi jiġġeneraw vibrazzjoni każwali ta' medda wiesgħa (jiġifieri spettru ta' qawwa).* *2. Fil-Punt 15.B.4.a.2., 'iddisinjat jew modifikat' ifisser li l-kompartiment ambjentali jipprovdi interfaċċi adatti (pereżempju apparat li jissiġilla) biex jinkorpora unità ta' vibrazzjoni jew tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ieħor kif speċifikat f'dan il-Punt.* b. Kompartimenti ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kundizzjonijiet tat-titjir kollha li ġejjin: 1. Ambjenti akustiċi b'livell ta' ħoss totali ta' 140 dB jew aktar (referenzat għal 2×10^{-5} N/m^2) jew bi produzzjoni ta' qawwa akustika nominali totali ta' 4 kW jew aktar; kif ukoll

▼M30

	1. Ambjenti akustiċi b'livell ta' ħoss totali ta' 140 dB jew aktar (b'referenza ta' 20 μPa) jew bi produzzjoni ta' qawwa akustika nominali totali ta' 4 kW jew aktar; kif ukoll 2. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew 3. Medda ta' temperatura ta' minn inqas minn 223 K (– 50 °C) sa 'l fuq minn 398 K (+ 125 °C).		2. Xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew b. Medda ta' temperatura ta' minn inqas minn – 50 °C sa 'l fuq minn + 125 °C
9B115	“Tagħmir ta' produzzjoni” ddisinjat apposta għas-sistemi, sottosistemi u komponenti speċifikati f'minn 9A005 sa 9A009, 9A011, 9A101, 9A102, minn 9A105 sa 9A109, 9A111, minn 9A116 sa 9A120.	M2B2	“Tagħmir tal-produzzjoni” ddisinjat apposta għas-subsistemi speċifikati f'2.A.
		M3B2	“Tagħmir tal-produzzjoni” ddisinjat apposta għal tagħmir jew materjali speċifikati fi 3.A.1., 3.A.2., 3.A.3., 3.A.4., 3.A.5., 3.A.6., 3.A.8., 3.A.9., 3.A.10. jew 3.C.
		M20B2	“Tagħmir tal-produzzjoni” ddisinjat apposta għas-subsistemi speċifikati f'20.A.
9B116	“Faċilitajiet ta' produzzjoni” ddisinjati apposta għall-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004, jew is-sistemi, is-sottosistemi, u l-komponenti speċifikati f'minn 9A005 sa 9A009, 9A011, 9A101, 9A102, 9A104 sa 9A109, 9A111, minn 9A116 sa 9A120 jew “missili”. Nota Teknika: *F'9B116 “missila” tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M1B1	“Faċilitajiet tal-produzzjoni” ddisinjati apposta għas-sistemi speċifikati f'1.A.
		M2B1	“Faċilitajiet tal-produzzjoni” ddisinjati apposta għas-subsistemi speċifikati fi 2.A.
		M3B1	“Faċilitajiet tal-produzzjoni” ddisinjati apposta għal tagħmir jew materjali speċifikati fi 3.A.1., 3.A.2., 3.A.3., 3.A.4., 3.A.5., 3.A.6., 3.A.8., 3.A.9., 3.A.10. jew 3.C.
		M19B1	“Faċilitajiet tal-produzzjoni” ddisinjati apposta għas-sistemi speċifikati fi 19.A.1 jew 19.A.2.
		M20B1	“Faċilitajiet tal-produzzjoni” ddisinjati apposta għas-subsistemi speċifikati fi 20.A.

▼M30

9B117	Bankijiet u postazzjonijiet tal-ittestjar għal rokits jew muturi ta' rokits bi propellant solidu jew likwidu, li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Jifilħu għal spinta ogħla minn 68 kN; jew b. Kapaċi jkejlu fl-istess ħin it-tliet komponenti assjali ta' spinta.	M15B3	Bankijiet/postazzjonijiet tal-ittestjar, li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. or 20.A., li kapaċi jimmaniġġjaw rokits, muturi jew magni bi propellant solidu jew likwidu li għandhom spinta akbar minn 68 kN, jew li kapaċi jkejlu simultanjament il-tliet komponenti assjali tal-ispinta.

9C Materjali

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
9C108	Materjal ta' "iżolazzjoni" fi kwantità u "kisi intern", minbarra dak speċifikat f'9A008, għal korpi ta' konteniment ta' muturi ta' rokits li jistgħu jintużaw f'"missili" jew iddisinjati apposta għal "missili". *Nota Teknika:* *F'9C108 "missila" tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M3C1	'Kisi intern' li jista' jintuża għal konteniturі ta' muturi rokit fis-subsistemi speċifikati f'2.A.1.c.1. jew iddisinjati apposta għal sistemi speċifikati f'20.A.1.b.1. *Nota Teknika:* *Fi 3.C.1. 'kisi intern' adatt għall-interfaċċa ta' bejn il-propellant solidu u l-kontenitur jew il-kisja li tiżola normalment ikun dispersjoni ta' materjali refrattorji jew ta' iżolazzjoni bbażat fuq polimeru likwidu, pereżempju HTPB mimli bil-karbonju jew polimeru ieħor b'aġenti li jnixxfu li għandhom jiġu sprejjati jew mifruxa fuq l-intern ta' kontenitur.*
		M3C2	Materjal ta' "iżolazzjoni" f'forma bl-ingrossa li jista' jintuża għal konteniturі ta' muturi rokit fis-subsistemi speċifikati f'2.A.1.c.1. jew iddisinjati apposta għal sistemi speċifikati f'20.A.1.b.1. *Nota Teknika:* *Fi 3.C.2. 'iżolazzjoni' maħsuba biex tiġi applikata għall-komponenti ta' mutur rokit, jiġifieri l-kontenitur, bokki taż-żennuna, għeluq tal-konteniturі, u jinkludi gomma mħallta mwebbsa jew semi-mwebbsa li tinkludi folja li fiha materjal ta' iżolazzjoni jew refrattorju. Jista' wkoll jiġi inkorporat bħala kaver jew flap għat-tnaqqis tal-istress speċifikat fi 3.A.3.*

▼M30

9C110	Preimpregnati bil-fibri impregnati bir-reżina u preformati bil-fibri miksijin bil-metall għalihom, għal strutturi kompożiti, laminati u prodotti maħdumin minnhom speċifikati f'9A110, magħmulin b'matriċi organika jew b'matriċi metallika li jużaw rinforzi fibruż jew bil-filamenti li għandhom "reżistenza għat-tensjoni speċifika" ogħla minn $7,62 \times 10^4$ m u "modulu speċifiku" ogħla minn $3,18 \times 10^6$ m. **N.B.: ARA WKOLL 1C010 U 1C210.** *Nota: L-uniċi preimpregnati bil-fibri impregnati bir-reżina speċifikati f'9C110 huma dawk li jużaw reżini b'temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (T_g), wara t-trattament, ogħla minn 418 K (145 °C) kif determinat mill-ASTM D4065 jew l-ekwivalenti.*	M6C1	Prepregs bil-fibri impregnati bir-reżina u preformati bil-fibri miksijin bil-metall, għall-oġġetti speċifikati f'6.A.1., magħmulin b'matriċi organika jew b'matriċi metallika li jużaw rinforzi fibruż jew bil-filamenti li għandhom reżistenza għat-tensjoni speċifika akbar minn $7,62 \times 10^4$ m u modulu speċifiku akbar minn $3,18 \times 10^6$ m. *Nota: L-uniċi prepregs bil-fibri impregnati bir-reżina speċifikati f'6.C.1. huma dawk li jużaw reżini b'temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (Tg), wara t-trattament, ogħla minn 145 °C kif determinat mill-ASTM D4065 jew l-ekwivalenti nazzjonali.* *Noti Tekniċi:* *1. F'Punt 6.C.1. Ir-'reżistenza għat-tensjoni speċifika' hija l-limitu ta' reżistenza għat-tensjoni fi N/m^3 diviż bil-piż speċifiku fi N/m^3, imkejjel f'temperatura ta' (296 ± 2)K ((23 ± 2)°C) u umdità relattiva ta' (50 ± 5) %.* *2. F'Punt 6.C.1. Il-'modulu speċifiku' huwa l-modulu ta' Young fi N/m^2 diviż bil-piż speċifiku fi N/m^3, imkejjel f'temperatura ta' (296 ± 2)K ((23 ± 2)°C) u umdità relattiva ta' (50 ± 5)%.*

9D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
9D001	"Softwer" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "teknoloġija", speċifikat f'minn 9A001 sa 9A119, 9B jew 9E003.	M3D3	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'iżvilupp' ta' tagħmir speċifikat fi 3.A.2., 3.A.3. jew 3.A.4.
9D002	"Softwer" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat f'9A001 sa 9A119 jew 9B.	M2D2	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' ta' muturi rokit jew magni speċifikati fi 2.A.1.c.
9D004	"Softwer" ieħor kif ġej: a. "Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "teknoloġija", speċifikata f'9A001 sa 9A119, 9B jew 9E003.	M19D1	"Softwer" li jikkoordina l-funzjoni ta' aktar minn subsistema waħda, iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' fis-sistemi speċifikati fi 19.A.1. jew 19.A.2.

▼M30

	b. “Softwer” għall-ittestjar ta' magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass, assemblaġġi jew komponenti, iddisinjati apposta sabiex jiġbru, inaqqsu u janalizzaw data fil-ħin reali u li kapaċi jikkontrollaw ir-retroazzjoni, inkluż l-aġġustament dinamiku tal-oġġetti ttestjati jew il-kundizzjonijiet tal-ittestjar, waqt li jkun għaddej it-test; c. “Softwer” iddisinjat apposta sabiex jikkontrolla s-solidifikazzjoni direzzjonali jew tkabbir monokristallin f'tagħmir speċifikat f'9B001.a. jew 9B001.c;d. d. Mhux użat; e. “Softwer” imfassal apposta jew modifikat għall-“operazzjoni” tal-oġġetti speċifikat f'9A012; f. “Softwer” iddisinjat apposta għall-iddisinjar ta' passaġġi interni għat-tkessiħ ta' pali, paletti u “karenaturi tat-tarf” ta' turbini tal-gass ajrunawtiċi; g. “Softwer” li għandu dan kollu li ġej: 1. Iddisinjat apposta sabiex jipprevedi l-kundizzjonijiet ajrutermiċi, ajrumekkaniċi u tal-kombustjoni f'magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass; kif ukoll 2. Mudelli teoretiċi ta' previżjonijiet tal-kundizzjonijiet ajrutermiċi, ajrumekkaniċi u tal-kombustjoni, li ġew validati b'data tal-prestazzjoni ta' magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass (sperimentali jew tal-produzzjoni).		
9D101	“Softwer” iddisinjat apposta jew modifikat għall-“użu” ta' oġġetti speċifikati f'9B105, 9B106, 9B116 jew 9B117.	M1D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' ‘faċilitajiet tal-produzzjoni’ speċifikati f'1.B.
		M2D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' ‘faċilitajiet tal-produzzjoni’ speċifikati fi 2.B.1.
		M3D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' ‘faċilitajiet tal-produzzjoni’ u magni flow forming speċifikati fi 3.B.1. jew 3.B.3.
		M12D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' tagħmir speċifikat fi 12.A.1.
		M15D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' tagħmir speċifikat fi 15.B. li jista' jintuża għas-sistemi tal-ittestjar speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.

▼M30

		M20D1	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għas-sistemi speċifikati f'20.B.1.
9D103	“Softwer” iddisinjat apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-integrazzjoni tad-disinn tal-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004, rokits ta' skandaljar speċifikati f'9A104 jew “missili”, jew is-sottosistemi speċifikati f'9A005, 9A007, 9A105, 9A106.c., 9A107, 9A108.c., 9A116 jew 9A119. *Nota: “Softwer” speċifikat f'9D103 jibqa' kkontrollat meta jkun ma' ħardwer iddisinjat apposta speċifikat f'4A102.*	M16D1	“Softwer” iddisinjat apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-integrazzjoni tad-disinn tas-sistemi speċifikati f'1.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A jew 20.A. *Nota Teknika:* *L-immudellar jinkludi b'mod partikolari l-analiżi ajrudinamika u termodinamika tas-sistemi.*
9D104	“Softwer” iddisinjat apposta jew modifikat għall-“użu” tal-oġġetti speċifikati f'9A001, 9A005, 9A006.d., 9A006.g., 9A007.a., 9A008.d., 9A009.a., 9A010.d., 9A011, 9A101, 9A102, 9A105, 9A106.c., 9A106.d., 9A107, 9A108.c., 9A109, 9A111, 9A115.a., 9A116.d., 9A117 jew 9A118.	M2D2 M2D4 M3D2 M2D5 M20D2	“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ ta' muturi rokit jew magni speċifikati fi 2.A.1.c. “Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni ta' subsistemi jew tagħmir speċifikat f'2.A.1.b.3. “Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-“użu” ta' tagħmir speċifikat fi 3.A.1., 3.A.2., 3.A.4., 3.A.5., 3.A.6. jew 3.A.9. *Noti:* *1. “Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-“użu” ta' magni speċifikati fi 3.A.1. jista' jiġi esportat bħala parti minn inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ jew bħala ‘software’ ta' sostituzzjoni għalihom.* *2. “Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-“użu” ta' sistemi ta' kontroll għal propellanti speċifikati fi 3.A.5. jista' jiġi esportat bħala parti minn satellita jew bħala ‘software’ ta' sostituzzjoni għalihom.*

▼M30

			“Softwer” iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni ta' subsistemi f'2.A.1.e. “Softwer”, mhux speċifikat f'2.D.2., iddisinjat jew modifikat apposta għall-“użu” ta' muturi rokit jew magni speċifikati f'20.A.1.b.
9D105	“Softwer” li jikkoordina l-funzjoni ta' aktar minn sottosistema waħda, barra dak imsemmi f'9D003.e. iddisinjat apposta jew modifikat għall-“użu” fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew ir-rokits ta' skandaljar speċifikati f'9A104. jew “missili” *Nota Teknika:* *F'9B105 “missila” tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M1D2 M19D1	“Softwer” iddisinjat apposta jew modifikat sabiex jikkoordina l-funzjoni ta' aktar minn sottosistema waħda fis-sistemi speċifikati f' 1.A. “Softwer” li jikkoordina l-funzjoni ta' aktar minn subsistema waħda, iddisinjat jew modifikat apposta għall-‘użu’ fis-sistemi speċifikati fi 19.A.1. jew 19.A.2.

9E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
9E001	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” ta' tagħmir	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.
9E002	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“produzzjoni” ta' tagħmir materjali, ara l-1E002.f.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.
9E101	a. “Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” tal-oġġetti speċifikati f'9A101, 9A102, minn 9A104 sa 9A111, 9A112.a. jew minn 9A115 sa 9A121. b. “Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“produzzjoni” tal-‘UAV’s speċifikati f'9A012 jew l-oġġetti speċifikati f'9A101, 9A102, 9A104 sa 9A111, 9A112.a. jew 9A115 sa 9A121.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.

▼M30

	Nota Teknika: *F'9E101.b. 'UAV' tfisser sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' 300 km.*		
9E102	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" tal-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004, l-oġġetti speċifikati f'9A005 sa 9A011, il-'UAV's speċifikati f'9A012 jew l-oġġetti speċifikati f'9A101, 9A102, 9A104 sa 9A111, 9A112.a., 9A115 sa 9A119, 9B105, 9B106, 9B115, 9B116, 9B117, 9D101 jew 9D103. *Nota Teknika:* *F'9E102 'UAV' tfisser sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' iktar minn 300 km.*	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.

▼M24

▼**M49**

ANNESS IV

Lista ta' "żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi" msemmija fl-Artikolu 11 u 31(1)

Kodiċi SA	Deskrizzjoni
2709 00	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi, grezzi.
2710	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi, għajr dawk grezz; preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom skont il-piż 70 % jew aktar żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; iż-żjut ta' skart (ħlief għax-xiri, fl-Iran, ta' pitrolju fjuwil tal-ġettijiet kodiċi NM 27101921 li mhuwiex projbit, sakemm ikun hemm l-intenzjoni, u jkun se jintuża biss, għall-iskop tal-kontinwazzjoni tal-operazzjoni ta' titjir tal-inġenju tal-ajru li mgħobbi fih).
2712	Jelly tal-petroleum; xama' bajda, xama' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le.
2713	Kokk tal-petroleum, bitum tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjut tal-petroleum jew taż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi.
2714	Bitum u asfalt, naturali; shale bituminuż jew taż-żejt u ramel tal-qatran; asfaltiti u blat asfaltiku.
2715 00 00	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitum naturali, fuq il-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali (eż. il-mastiċi bituminużi, il-cut-backs).

▼**M52**

▼**C9**

ANNESS IVa

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 14a u fl-Artikolu 31(1) il-gass naturali u idrokarburi gassużi oħra

Kodiċi SA	Deskrizzjoni
2709 00 10	Kondensati tal-gass naturali
2711 11 00	Gass naturali – fi stat likwifikat
2711 21 00	Gass naturali - fi stat gassuż
2711 12	Propan
2711 13	Butani
2711 19 00	Gassijiet likwifikati miż-żejt oħrajn

▼M52

▼C9

ANNESS V

Lista ta' "prodotti petrokimiċi" msemmija fl-Artikolu 13 u fl-Artikolu 31(1)

Kodiċi SA	Deskrizzjoni
2812 11 00	Fosġene (klorur karbonili)
2814	Ammonijaka
2901 21 00	Etilen
2901 22 00	Propin (propilen)
2902 20 00	Benżen
2902 30 00	Toluwen
2902 41 00	*o*-Ksilen
2902 42 00	*m*-Ksilen
2902 43 00	*p*-Ksilen
2902 44 00	Isomeri mħallta tal-ksilen
2902 50 00	Stiren
2902 60 00	Etilbenżen
2902 70 00	Kumen
2903 11 00	Klorometanu (klorur tal-metile) u kloroetanu (klorur tal-etile)
2903 29 00	Derivattivi mhux saturati klorinati tal-idrokarburi aċikliċi - oħrajn
2903 81 00	1,2,3,4,5,6-Eksakloroċikloeksan (HCH (ISO)), inkluż il-lindanu (ISO, INN)
2903 82 00	Aldrin (ISO), chlordane (ISO) u heptachlor (ISO)
2903 89 70	-Derivattivi aloġenati ta' idrokarboni ċiklaniċi, ċikliniċi jew ċikloterpiniċi; – Oħrajn; — Oħrajn
2903 91 00	Klorobenżen, o-diklorobenżen u p-diklorobenżen
2903 92 00	Hexachlorobenzene (ISO) u DDT (ISO) [klofenotan (INN), 1,1,1-trikloro-2,2-bis(p-klorofenil)etan]
2903 99 80	- Derivattivi aloġenati ta' idrokarburi aromatiċi; –Oħrajn; —Oħrajn
2905 11 00	Metanol (alkoħol metiliku)
2905 12 00	Propan-1-ol (alkoħol propiliku) u propan-2-ol (alkoħol isopropiliku)
2905 13 00	Butan-1-ol (alkoħol n-butiliku)
2905 31 00	Glikol etileniku (etandiol)
2907 11 – 2907 19	Fenoli
2909	Eter-alkoħols, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi tal-alkoħol, perossidi tal-etere, perossidi aċetali u emiaċetali, perossidi tal-keton (kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le), u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2909 41 00	2,2'-ossidietanol (glikol tad-dietilen, digol)
2909 43 00	Eteri tal-monobutil tal-glikol tal-etilen jew tal-glikol tad-dietilen
2909 44 00	Monoalkileteri oħrajn tal-glikol tal-etilen jew tal-glikol tad-dietilen
2909 49	Eterealkoħols u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom oħrajn

▼C9

Kodiċi SA	Deskrizzjoni
2910 10 00	Ossiran (ossidu tal-etilen)
2910 20 00	Metilossiran (ossidu tal-propilen)
2914 11 00	Aċeton
2917 14 00	Anidride malejka (MA)
2917 35 00	Anidride ftalika (PA)
2917 36 00	Aċidu tereftaliku u mlieħ tiegħu
2917 37 00	Tereftalat tad-dimetil (DMT)
2926 10 00	Akrilonitril
ex 2929 10 00	Metilendifenildiisoċjanat (MDI)
ex 2929 10 00	Eżametilendiisoċjanat (HDI)
ex 2929 10 00	Toluwendiisoċjanat (TDI)
3102 30	Nitrat tal-Ammonju
3901	Polimeri tal-etilen, fil-forom primarji

Kodiċi SA	Deskrizzjoni
2707 10 00	Benżol (benżen)
2707 20 00	Toluol (toluwen)
2707 30 00	Ksilol (ksileni)
2707 40 00	Naftalen
2707 99 80	Fenoli
2711 14 00	Etilen, propilen, butadien

▼M52

▼C9

ANNESS VI

Lista ta' tagħmir u teknoloġija ewlenin msemmija fl-Artikoli 8 u 31(1)

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-projbizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness m'għandux jiġi nnewtralizzat mill-esportazzjoni ta' kwalunkwe merkanzija mhux ipprojbita (inkluż impjant) li fihom komponent wieħed jew aktar li huma pprojbiti meta l-komponent jew il-komponenti pprojbiti jkunu l-element prinċipali tal-merkanzija u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal finijiet oħrajn.

N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien teknoloġiku u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew il-komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-merkanzija li qed jiġu akkwistati.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti singoli' jinsabu f'nota teknika għall-oġġett rilevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

1. It-"teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodotti pprojbiti tibqa' pprojbita anki meta tkun applikabbli għal prodotti mhux ipprojbiti.

2. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ipprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007, ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 jew dan ir-Regolament.

3. Il-projbizzjonijiet fuq it-trasferiment tat-"teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "fid-dominju pubbliku", għar-"riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-privattivi.

ESPLORAZZJONI U PRODUZZJONI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM U L-GASS NATURALI

1.A *Tagħmir*

1. Tagħmir, vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru għall-analiżi ġeofiżika li ġew iddisinjati jew adattati b'mod speċjali sabiex jiksbu data għall-esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass flimkien mal-komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

2. Sensuri ddisinjati b'mod speċjali għal operazzjonijiet fi ħdan il-bjar taż-żejt u tal-gass, inklużi sensuri użati għall-kejl matul it-tħaffir u t-tagħmir assoċjat iddisinjat b'mod speċjali sabiex tinkiseb u tinħażen data minn tali sensuri.

3. Tagħmir ta' tħaffir iddisinjat għat-tħaffir ta' formazzjonijiet tal-blat, b'mod speċifiku għall-finijiet ta' esplorazzjoni għal, jew il-produzzjoni taż-żejt, gass u materjali idrokarburi oħrajn ta' oriġini naturali.

4. Golji, pajpijiet għat-tħaffir, kullari tal-golja għat-tħaffir, ċentralizzaturi u tagħmir ieħor iddisinjat b'mod speċjali għall-użu fit-tagħmir għat-tħaffir tal-bjar taż-żejt u tal-gass u miegħu.

▼C9

5. L-istruttura fir-ras tal-bir (Drilling wellheads), tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi (‘blowout preventers’), u muntaġġ ta’ tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi (‘Christmas jew production trees’) u l-komponenti tagħhom iddisinjati b’mod speċjali, li jissodisfaw ‘l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO’ għall-użu mal-bjar taż-żejt u tal-gass.

Nota Teknika:

a. Tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi (‘blowout preventer’) huwa apparat li normalment jintuża mal-livell tal-art (jew jekk isir tħaffir taħt l-ilma, mal-livell ta’ qiegħ il-baħar) matul it-tħaffir sabiex jiġi pprevenut il-ħruġ mhux ikkontrollat taż-żejt u/jew tal-gass mill-bir.

b. Muntaġġ ta’ tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi (‘Christmas tree jew production tree’) huwa apparat li normalment jintuża sabiex jikkontrolla l-fluss ta’ fluwidi mill-bir meta dan jitlesta u tkun bdiet il-produzzjoni taż-żejt u/jew tal-gass.

c. Għall-finijiet ta’ din il-partita, l-‘ispeċifikazzjoni tal-API u tal-ISO’ tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet 6A, 16A, 17D u 11IW tal-American Petroleum Institute u/jew l-ispeċifikazzjonijiet 10423 u 13533 tal-Korp Internazzjonali ta’ Standardizzazzjoni għal tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi, l-istruttura fir-ras tal-bir u muntaġġ ta’ tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi għall-użu fuq il-bjar taż-żejt u/jew tal-gass.

6. Pjattaformi għat-tħaffir u għall-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali.

7. Bastimenti u braken li jinkorporaw tagħmir għat-tħaffir u/jew għall-ipproċessar taż-żejt, tali tagħmir jintuża għall-produzzjoni taż-żejt, gass u materjal ieħor li jieħu n-nar ta’ oriġini naturali.

8. Separaturi ta’ likwidu/gass li jissodisfaw l-ispeċifikazzjoni 12J tal-API, iddisinjati b’mod speċjali sabiex jipproċessaw il-produzzjoni minn bir taż-żejt jew tal-gass, sabiex jisseparaw il-likwidi taż-żejt naturali minn kwalunkwe ilma jew kwalunkwe gass mil-likwidi.

9. Kumpressuri tal-gass bi pressjoni ddisinjata ta’ 40 bar (PN 40 u/jew ANSI 300) jew aktar u b’kapaċità ta’ volum ta’ ġbid ta’ 300 000 Nm^3/siegħa jew aktar, għall-ipproċessar inizjali u għat-trażmissjoni ta’ gass naturali, eskluži kumpressuri tal-gass għall-pompi tal-mili ta’ CNG (Gass Naturali Kkompressat), u l-komponenti ddisinjati b’mod speċjali għalihom.

10. Tagħmir għall-kontroll tal-produzzjoni ta’ taħt il-baħar u l-komponenti għalih li jissodisfaw ‘l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO’ għall-użu fi bjar taż-żejt u tal-gass.

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta’ din l-iskrizzjoni, ‘l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO’ tirreferi għall-ispeċifikazzjoni 17 F tal-American Petroleum Institute u/jew għall-ispeċifikazzjoni 13268 tal-Korp Internazzjonali ta’ Standardizzazzjoni għas-sistemi ta’ kontroll tal-produzzjoni ta’ taħt il-baħar.

11. Pompi, kapaċità tipikament għolja u/jew pressjoni għolja (iżjed minn 0,3 m^3 kull minuta u/jew 40 bar), iddisinjati b’mod speċjali għall-ippumpjar ta’ tajn u/jew siment tat-tħaffir fi bjar taż-żejt jew tal-gass.

1.B *Tagħmir għall-ittestjar u l-ispezzjoni tat-tagħmir*

1. Tagħmir iddisinjat b’mod speċjali sabiex jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet u analiżi tal-proprjetajiet tat-tajn tat-tħaffir, tas-siment għall-bir taż-żejt u materjali oħrajn iddisinjati b’mod speċjali u/jew ifformulati għall-użu fil-bjar taż-żejt u tal-gass.

2. Tagħmir iddisinjat b’mod speċjali sabiex jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet u analiżi tal-proprjetajiet tal-kampjuni tal-blat, kampjuni f’forma likwida u f’forma ta’ gass u materjali oħrajn meħuda minn bir taż-żejt u/jew tal-gass jew matul u wara t-tħaffir, jew mill-faċilitajiet għall-ipproċessar inizjali marbuta magħhom.

3. Tagħmir iddisinjat b’mod speċjali għall-ġbir u l-interpretazzjoni ta’ informazzjoni dwar il-kondizzjoni fiżika u mekkanika ta’ bir taż-żejt u/jew tal-gass, u sabiex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet *in situ* tal-formazzjoni tal-blat u tal-ġibjun.

▼C9

1.C *Materjali*

1. Tajn tat-ħaffir, addittivi tat-tajn tat-ħaffir u l-komponenti tagħhom li ġew ifformulati b'mod speċjali sabiex jiġu stabbilizzati l-bjar taż-żejt u tal-gass matul it-ħaffir, sabiex jittella' t-terrapien imħaffer (drill cuttings) għal fuq l-art u sabiex jiġi llubrifikat u jitkessaħ it-tagħmir ta' ħaffir fil-bir.

2. Simenti u materjali oħrajn li jissodisfaw l-'ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO' għall-użu fil-bjar taż-żejt u tal-gass.

Nota Teknika:

'L-ispeċifikazzjoni tal-API u tal-ISO' tirreferi għall-ispeċifikazzjoni 10A tal-American Petroleum Institute jew għall-ispeċifikazzjoni 10426 tal-Korp Internazzjonali ta' Standardizzazzjoni għas-siment għall-bir taż-żejt u materjali oħrajn li huma fformulati b'mod speċjali għall-użu fl-issimentar tal-bjar taż-żejt u tal-gass.

3. Aġenti għat-twaqqif tal-korrużjoni, għat-trattament ta' emulsjoni, għal kontra r-ragħwa, u kimiki oħrajn li huma fformulati b'mod speċjali għall-użu fit-ħaffir għal u l-ipproċessar inizjali taż-żejt naturali prodott minn bir taż-żejt u/jew tal-gass.

1.D *Software*

1. "Software" ddisinjat b'mod speċjali għall-ġbir u l-interpretazzjoni tad-data miksuba minn analiżi sismika, elettromanjetika, manjetika jew tal-gravità għall-fini li tiġi stabbilita l-prospettività taż-żejt jew tal-gass.

2. "Software" ddisinjat b'mod speċjali għaż-żamma, l-analiżi u l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miksuba matul it-ħaffir u l-produzzjoni sabiex jiġu vvalutati l-karatteristiċi fiżiċi u l-imġiba tal-ġibjuni taż-żejt jew tal-gass.

3. "Software" ddisinjat b'mod speċjali għall-"użu" tal-faċilitajiet għall-produzzjoni u l-ipproċessar tal-petroleum jew subunitajiet speċifiċi ta' tali faċilitajiet.

1.E *Teknoloġija*

1. "Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" u l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'1.A.01 - 1.A.11.

IR-RAFFINAR TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM U L-LIKWIFIKAZZJONI TAL-GASS NATURALI

2.A *Tagħmir*

1. Skambjaturi tas-sħana kif ġej u l-komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom:

   a. Skambjaturi tas-sħana b'aletti bi proporzjon superfiċe/volum akbar minn 500 m^2/m^3, iddisinjati b'mod speċjali sabiex il-gass naturali jitkessaħ minn qabel;

   b. Skambjaturi tas-sħana b'koljaturi ddisinjati b'mod speċjali għal-likwefazzjoni jew għas-sottotkessiħ tal-gass naturali.

2. Pompi krijoġeniċi għat-trasport tal-materja f'temperatura ta' inqas minn -120 °C li jkollhom kapaċità ta' trasport għal aktar minn 500 m^3/h u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

3. "Coldbox" u tagħmir għall-"coldbox" mhux speċifikat minn 2.A.1.

Nota Teknika:

It-tagħmir għall-'coldbox' jirreferi għal kostruzzjoni ddisinjata b'mod speċjali, li hija speċifika għall-impjanti tal-LNG u li tinkorpora l-istadju tal-proċess tal-likwefazzjoni. Il-'coldbox' tinkorpora skambjaturi tas-sħana, sistemi ta' pajpjiet, strumentazzjoni oħra u iżolaturi termiċi. It-temperatura ġewwa l-'coldbox' hija taħt - 120 °C (kondizzjonijiet għall-kondensazzjoni tal-gass naturali). Il-funzjoni tal-'coldbox' hija l-iżolazzjoni termika tat-tagħmir imsemmi hawn fuq.

▼C9

4. Tagħmir għat-terminals tat-trasport bil-baħar ta' gassijiet likwifikati li jkollhom temperatura inqas minn – 120 °C u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

5. Linja flessibbli u mhux flessibbli ta' trasferiment li għandha dijametru akbar minn 50 mm għat-trasport tal-materja li jkollha temperatura inqas minn - 120 °C.

6. Bastimenti marittimi ddisinjati b'mod speċjali għat-trasport tal-LNG.

7. Unitajiet li jneħħu l-melħ bi proċess elettrostatiku ddisinjati b'mod speċjali sabiex ineħħu kontaminanti bħal imluħ, solidi u ilma miż-żejt mhux maħdum u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

8. Il-crackers kollha (tagħmir għall-qsim tal-molekoli), inklużi l-hydrocrackers (tagħmir għall-qsim tal-molekoli tal-idrokarburi), u l-cokers, iddisinjati b'mod speċjali għall-bidla ta' żjut tal-gass ta' vakum jew ta' residwu ta' vakum, u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

9. Idrotrattaturi ddisinjati b'mod speċjali għad-desulfurizzazzjoni tal-petrol, minn terrapien imħaffer ta' diżil u mill-pitrolju u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

10. Riformaturi katalitiċi ddisinjati b'mod speċjali għall-konverżjoni ta' petrol desulfurizzat f'petrol b'livell għoli ta' ottanu, u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

11. Unitajiet ta' raffinerija għall-iżomerizzazzjoni ta' terrapien imħaffer ta' tip C5-C6, u unitajiet ta' raffinerija għall-alkilazzjoni ta' olefini ħfief, biex jittejjeb l-indiċi tal-ottan tat-terrapien imħaffer tal-idrokarbur.

12. Pompi ddisinjati b'mod speċjali għat-trasport ta' żejt mhux maħdum u karburanti, li għandhom kapaċità ta' 50 m^3/h jew aktar u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

13. Tubi b'dijametru ta' barra ta' 0,2 m jew aktar u magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin:

   a. Azzar inossidabbli bi 23 % ta' kromu jew aktar f'piż;

   b. Azzar inossidabbli u ligi fuq bażi ta' nikil b'numru ta' 'fattur ekwivalenti tar-reżistenza għat-tħaffir' ogħla minn 33.

Nota Teknika:

*In-numru tal-'fattur ekwivalenti tar-reżistenza għat-tħaffir' (Pitting resistance equivalent-PRE) jikkaratterizza r-reżistenza tal-korrużjoni tal-azzar inossidabbli u tal-ligi tan-nikil meta mqabbla mal-korrużjoni li tħaffer jew dik interstizzjali. Ir-reżistenza għat-tħaffir tal-azzar inossidabbli u tal-ligi tan-nikil hija ddeterminata primarjament bil-kompożizzjonijiet tagħhom, primarjament: kromu, molibdenu, u nitroġenu. Il- formula sabiex jiġi kkalkulat in-numru tal-PRE hija: PRE = % Cr +3,3 * % Mo + 30 * % N*

14. 'Pigs' (Pipeline inspection gauge(s)) u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

15. 'Pig' launchers u 'pig' catchers għall-integrazzjoni jew it-tneħħija tal-'pigs'.

Nota Teknika:

Il-'pig' huwa apparat li normalment jintuża fuq in-naħa ta' ġewwa tal-pipeline għat-tindif jew l-ispezzjoni (l-istat tal-korrużjoni jew il-formazzjoni ta' xi qasma) u jiġi mbuttat bil-pressa tal-prodott ta' ġol-pipeline.

16. Tankijiet għall-ħażna ta' żejt mhux maħdum u karburanti b'volum akbar minn 1 000 m^3 (1 000 000 litru) kif ġejjin, u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom:

   a. tankijiet b'saqaf fiss;

   b. tankijiet b'saqaf li jżomm fil-wiċċ.

▼C9

17. Pajpijiet flessibbli għal taħt il-baħar iddisinjati b'mod speċjali għat-trasport ta' idrokarburi u fluwidi ta' injezzjoni, ilma jew gass, b'dijametru ta' aktar minn 50 mm.

18. Pajpijiet flessibbli sabiex jintużaw għal pressjoni għolja għal applikazzjoni ta' fuq u taħt il-baħar.

19. Tagħmir ta' iżomerizzazzjoni ddisinjat b'mod speċjali għall-produzzjoni ta' petrol b'livell għoli ta' ottan abbażi ta' idrokarburi ħfief u l-komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom.

2.B *Tagħmir għall-ittestjar u l-ispezzjoni tat-tagħmir*

1. Tagħmir iddisinjat b'mod speċjali għall-ittestjar u l-analiżi tal-kwalità (proprjetajiet) taż-żejt mhux maħdum u karburanti.

2. Sistemi ta' kontroll tal-interfaċċa ddisinjati b'mod speċjali sabiex jiġi kkontrollat u sabiex isir l-aħjar użu mill-proċess għat-tneħħija tal-melħ.

2.C *Materjali*

1. Dietileneglikol (CAS 111-46-6), Trietilene glikol (CAS 112-27-6)

2. N-Metilpirrolidon (CAS Nru: 872-50-4), Sulfolane (CAS 126-33-0)

3. Żeoliti, ta' oriġini naturali jew sintetiku, iddisinjati b'mod speċjali għall-ikkrekkjar katalitiku fluwidu jew għall-purifikazzjoni u/jew id-deidratazzjoni ta' gassijiet, inklużi gassijiet naturali.

4. Katalisti għall-ikkrekkjar u għall-bidla ta' idrokarburi kif ġejjin:

   a. Metall singolu (grupp tal-platinu) fuq tip ta' alumina jew fuq żeolit, iddisinjat b'mod speċjali għall-proċess ta' riformar katalitiku;

   b. Speċijiet ta' metall imħallat (platinu flimkien ma' metalli nobbli) fuq tip ta' alumina jew fuq żeolit, iddisinjati b'mod speċjali għall-proċess ta' riformar katalitiku;

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼B

ANNESS IX

Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 23(2)

I. **►M4 ►C6 Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran ◄ ◄**

A. *Persuni*

		Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M25	_____				
▼M50	1.	Reza AGHAZADEH	Data tat-twelid: 14.3.1949 Post tat-twelid: Khoy, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran Sess: raġel	Reza Aghazadeh huwa ċittadin Iranjan, membru tal-Expediency Discernment Council. Huwa serva bħala Kap tal-Atomic Agency Organization bejn l-1997 u l-2009. Il-pożizzjonijiet tiegħu wassluh biex ikun fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-programm nukleari tal-Iran. Huwa għadu kkonsultat mill-kollegi tiegħu tal-AEOI dwar kwistjonijiet nukleari. Reza Aghazadeh huwa għal-hekk responsabbli għall-parteċipazzjoni diretta fil-programm nukleari tal-Iran u l-eskalazzjoni nukleari.	29.9.2025 (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)
▼M3	_____				
▼M25	_____				
▼M53	_____				
▼B	4.	Inġinier Mojtaba HAERI		MODAFL, Deputat għall-Industrija. Rwol superviżorju fuq l-AIO u d-DIO	23.06.2008
▼M21	_____				
▼M25	_____				
▼M53	_____				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M53				
7.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC P.O. Box: 11365-8486 Tehran/Iran; Fax: (+9821) 8021412 Sess: raġel	Ali Reza Khanchi huwa xjenzat nukleari affiljat mal-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute (NSTRI). L-NSTRI huwa korp ta' riċerka elenkat mill-UE li huwa affiljat fuq livell uffiċjali mal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). Għalhekk, Ali Reza Khanchi huwa involut fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran u qed jipprovdi appoġġ għalihom.	29.9.2025 (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016
▼M48				
8.	Ebrahim MAHMUD-ZADEH	Data tat-twelid: 2.4.1955 Funzjoni: Professur fl-Università Malek Ashtar; President tal-Bord tal-Iran Telecommunication Company Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ebrahim Mahmudzadeh huwa professur fl-Università Malek Ashtar elenkata mill-UE, subordinat għad-Defense Technology and Science Research Centre (DTSRC) elenkat mill-UE, li jappoġġa l-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran b'servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż). Il-membri tal-fakultà tal-Università Malek Ashtar huma involuti fir-riċerka dwar il-missili u l-enerġija nukleari u b'hekk jipprovdu appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp lill-Gvern tal-Iran. Ebrahim Mahmudzadeh huwa wkoll il-President tal-Bord tal-Iran Telecommunication Company, li hija parzjalment ikkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkat mill-UE. Għalhekk, Ebrahim Mahmudzadeh jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.6.2008
▼M14				
———				
▼B				
10.	Brigadier Ġeneral Beik MOHAMMADLU		Deputat ta' MODAFL għall-Provvisti u l-Loġistika (ara Parti B, nru 29)	23.06.2008
▼M4				
———				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M46				
12.	Mohammad Reza MOVASAGHNIA		Viċi Ministru għall-Industrija u President ta' IMIDRO, the Iranian Mines and Mining Industries Development and Renovation Organization, sa minn Awwissu 2023. Eks kap ta' Naval Defense Missile Industry Group, magħruf ukoll bħala Samen Al A'Emmeh Industries Group (SAIG) u Cruise Missile Industry Group indikat mill-UE.	26.7.2010
_____				
▼M25				
_____				
▼M50				
15.	Ali Akbar SALEHI		Eks Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ex Kap tal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI). Huwa għadu jaħdem fid-dinja akkademika fejn din tiltaqa' mal-politika u, f'dehriet pubbliċi reċenti, iddefenda u ppromwova l-industrija nukleari tal-Iran. Għalhekk huwa jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u qed jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	29.9.2025 (17.11.2009, sospiż mis-16.1.2016)
▼M39				
16.	Viċi Ammirall Mohammad SHAFI'I RUDSARI (magħruf ukoll bħala ROODSARI, Mohammad, Hossein, Shafiei; ROODSARI, Mohammad, Shafi'I; ROODSARI, Mohammad, Shafiei; RUDSARI, Mohammad, Hossein, Shafiei; RUDSARI, Mohammad, Shafi'I; RUDSARI, Mohammad, Shafiei)		Eks Deputat ta' MODAFL għall-Koordinazzjoni (ara Parti B, nru 29).	23.6.2008
17.	Abdollah SOLAT SANA (magħruf ukoll bħala Solatsana Solat Sanna; Sowlat Senna; Sovlat Thana)		Direttur Maniġerjali ta' Uranium Conversion Facility (UCF) f'Esfahan. Din hija l-faċilità li tipproduċi l-materja prima (UF6) għall-faċilitajiet ta' arrikkiment f'Natanz. Fis-27 ta' Awwissu 2006, Solat Sana rċieva onorifiċenza speċjali mill-President Ahmadinejad għar-rwol tiegħu.	23.4.2007
▼M25				
_____				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M50				
19.	Inġinier Naser RASTKHAH	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Eks Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija dežinjata taħt il-UNSCR 1737 (2006). Rastkhah bħalissa huwa parti mill-bord tad-diretturi tal-Iranian Radiation Protection Society, istituzzjoni statali affiljata mal-AEOI, li tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran. Għalhekk Rastkhah huwa involut fi u jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)
▼M53				
▼M3				
▼M39				
23.	Davoud BABAEI		Il-kap attwali tas-sigurtà għall-istitut tar-riċerka tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Ministeru tad-Difiża, l-Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND), li kienet immexxija minn Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi, indikat min-NU. L-IAEA identifikat lil SPND bit-tħassib tagħhom dwar id-dimensjonijiet militari possibbli tal-programm nukleari tal-Iran li l-Iran jirrifjuta li jikkoopera dwaru. Bħala kap tas-sigurtà, Babaei huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni, inkluż lill-IAEA.	1.12.2011
▼M4				
▼M39				
▼M4				
▼M48				
27.	Kamran DANESHJOO (magħruf bħala DANESHJOU)	Funzjoni: Professur fl-Iran University of Science and Technology Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Professur fl-Iran University of Science and Technology. Eks Ministru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Bħala maniġer tal-proġetti tal-111-il taqsima tal-Pjan AMAD, huwa pprovda appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni.	1.12.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M3				
▼M48				
29.	Milad JAFARI (Milad JAFERI)	Data tat-twelid: 20.9.1974 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Shahid Hemmat Industries Group (SHIG); MACPAR Makina San Ve Tic; Multimat lc ve Dis Ticaret Pazarlama Limited Sirketi; STEP Standart Teknik Parca San ve TIC A.S.	Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar metalli, lill-kumpaniji fittizji ta' Shahid Hemmat Industries Group (SHIG) elenkati mill-UE.	1.12.2011
▼M4				
▼M46				
31.	Ali KARIMIAN		Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar fibri tal-karbonju, lil SHIG u SBIG, indikati mill-UE.	1.12.2011
▼M48				
32.	Majid KHANSARI	Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Khomeini Shahr, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Majid Khansari għandu rwol influwenti fil-programm nukleari tal-Iran. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tas-sit nukleari ta' Natanz, kif ukoll tal-manifattur taċ-ċentrifugi Kalaye Electric Company (KEC) elenkat mill-UE. Bħala espert fil-qasam tal-ġestjoni nukleari, huwa jkompli jikkondividi l-opinjoni tiegħu dwar il-programm nukleari tal-Iran u jinfluwenza d-dibattitu nazzjonali dwar dak il-programm . Għalhekk Majid Khansari huwa involut fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi tal-Iran.	1.12.2011
▼M4				
▼M3				
▼B				
35.	Mohammad MOHAMMADI		Direttur Maniġerjali ta' MATSA.	01.12.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M4				
▼B				
37.	Mohammad Sadegh NASERI		Kap tal-Istitut tar-Riċerka tal-Fiżika (qabel magħruf bħala l-Istitut tal-Fiżika Applikata).	01.12.2011
▼M25				
▼M50				
38.	Mohammad Reza REZVANIANZADEH	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Reza Rezvanianzadeh huwa affiljat mal-Atomic Energy Organization of Iran u mal-entità tal-gvern Geology and Mineral Exploration Organization of Iran. Għalhekk, huwa assoċjat ma' entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (1.12.2011, sospiż mis-16.1.2016)
▼M1				
▼M48				
40.	Hamid SOLTANI	Funzjoni: Direttur Maniġerjali ta' Management Company for Nuclear Power Plant Construction (MASNA) Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Hamid Soltani huwa d-Direttur Maniġerjali tal-Management Company for Nuclear Power Plant Construction (MASNA). F'din il-pożizzjoni, huwa kien involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew mal-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari mill-Iran.	1.12.2011
▼M4				
▼M48				
42.	Javad AL YASIN	Funzjoni: Kap tar-Research Centre for Explosion and Impact Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Kap tar-Research Centre for Explosion and Impact, magħruf ukoll bħala METFAZ.	1.12.2011
▼M3				
▼M25				
▼M51				
▼C7				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M55				
57.	Ali ANSARI magħruf ukoll bħala Ali Akbar ANSARI	Funzjoni: Negozjant Data tat-twelid: 26.12.1968 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ali Ansari huwa negozjant Iranjan u eks sid ta' Bank Ayandeh u tal-Iran Mall. Permezz ta' network ta' kumpaniji, Ali Ansari juża kanali bankarji barranin biex jittrasferixxi fondi barra mill-pajjiż. Dawk il-fondi joriġinaw parzjalment mill-bejgħ taż-żejt Iranjan. Is-settur taż-żejt Iranjan jikkostitwixxi sors sinifikanti ta' finanzjament għall-militar tal-Iran u għall-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Barra minn hekk, permezz ta' network ta' kumpaniji, Ali Ansari jakkwista assi sostanzjali, inkluż proprjetà immobbli fl-UE u fir-Renju Unit, f'isem persuni konnessi mat-tmexxija Iranjana, inkluż il-Mexxej Suprem Mojtaba Khamenei. Għalhekk, Ali Ansari jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	30.7.2026

▼B

B. *Entitajiet*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M48				
1.	Aerospace Industries Organisation, AIO	Indirizz 1: AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran Indirizz 2: Langare Street, Nobonyad Square,Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	Aerospace Industries Organisation (AIO) hija sussidjarja tal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran elenkat mill-UE, responsabbli mis-sorveljanza tal-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran. Hija tissorvelja diversi sussidjarji inkarigati mill-produzzjoni jew l-akkwist ta' komponenti differenti tal-programm tal-missili ballistiċi. Għaldaqstant, l-Aerospace Industries Organisation (AIO) tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.4.2007
▼M39				
2.	Armed Forces Geographical Organisation		Sussidjarja ta' MODAFL ivvalutata li tipprovdi data ġeospazjali għall-programm tal-Missili Ballistiċi.	23.6.2008
▼M25				
▼B				
4.	►M25 ——— ◄ ►M25 ——— ◄ (b) [redacted]	►M25 ——— ◄ ►M25 ——— ◄ [redacted]	►M25 ——— ◄ ►M25 ——— ◄ [redacted]	►M25 — ◄ ►M25 — ◄ [redacted]
▼M25				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M50				
3.	Azarab Industries	Indirizz: Kwartieri Ġenerali: No.15, MollaSadra Ave., Vanak sq., Tehran (Postal Code: 1991913981), Iran; Fabbrika: Sanaat Sq., Arak-Iran, Postal Code: 3818997873	Azarab Industries hija involuta fil-qasam tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari u għandha rabtiet mill-qrib mal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI). Barra minn hekk, Azarab Industries hija marbuta ma' Khatam-al Anbiya, kumpanija tal-inġinerija taħt il-kontroll tal-IRGC. Għalhekk, Azarab Industries hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi mil-lat ta' proliferazzjoni u tipprovdi appoġġ għalihom.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
4.	Bank Mellat	Indirizz: Head Office Building, 327 Takeghani (Taleghani) Avenue, Tehran 15817, Iran; P.O. Box 11365-5964, Tehran 15817, Iran	Bank Mellat jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran, b'mod partikolari permezz ta' self bl-għan li jappoġġa kumpaniji tal-Gvern li ma jħallux profitt. Il-Gvern Iranjan huwa wkoll l-akbar azzjonist ta' Bank Mellat. Għalhekk, Bank Mellat jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5.	Bank Melli, Bank Melli Iran (inkluż il-fergħat kollha) u s-sussidjarji	Ferdowsi Avenue, PO Box 11365-171, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 60FC005874HRB10813	Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran u huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Għalhekk, Bank Melli huwa kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdilu appoġġ.	29.9.2025 (23.6.2008, sospiż mis-16.1.2016)
5. (a)	Arian Bank (magħruf ukoll bħala Aryan Bank)	Indirizz: House 2, Street Number 13, Wazir Akbar Khan, Kabul, Afganistan	Arian Bank hija impriża konġunta Afgana bejn Bank Melli u Bank Saderat. Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran u huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Bank Saderati huwa wieħed mill-akbar banek tal-Iran, il-Gvern tal-Iran huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin tiegħu. Huwa jipprovdi appoġġ finanzjarju lil entitajiet qrib l-IRGC u li proxies tal-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Arian Bank hija entità propjetà ta', u kkontrollata minn, entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M50

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M53 ———				
▼M50				
5. (d)	Bank Kargoshaie (magħruf ukoll bħala Bank Kargoshaee, magħruf ukoll bħala Kargosai Bank, magħruf wkoll bħala Kargosa'i Bank)	Indirizz: 587 Mohammadiye Square, Mowlavi St., Tehran 11986, Iran	Bank Kargoshaie huwa sussidjarju ta' Bank Melli. Bank Kargoshaie jipprovdi servizzi finanzjarji kemm lill-individwi kif ukoll lin-negozji. Min-naħa l-oħra, Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran li huwa proprjetà ta' u kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Għalhekk, Bank Kargoshaie huwa proprjetà ta', jew ikkontrollat minn, entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (e)	Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC)	Indirizz: No.2, Nader Alley, Vali-Asr Str., Tehran, Iran, P.O. Box 3898-15875 Indirizz: Bldg 2, Nader Alley after Beheshi Forked Road, P.O. Box 15875-3898, Tehran, Iran 15116 Indirizz: Rafiee Alley, Nader Alley, 2 After Serahi Shahid Beheshti, Vali E Asr Avenue, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 89584	Bank Melli Iran Investment Company hija bank ta' investiment Iranjan. Bank Melli Iran Investment Company hija proprjetà ta' u kkontrollat minn Bank Melli, l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdilu appoġġ. Għalhekk, Bank Melli Iran Investment Company hija proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tappoġġa lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼**M50**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
5. (f)	Bank Melli Iran ZAO magħruf ukoll bħala Mir Business Bank	Indirizz: Number 9/1, Ulitsa Mashkova, Moscow, 130064, Indirizz Russu: Mashkova st. 9/1 Moscow 105062 Russia Faks: +7 (495) 9286286, (007495) 6286286 Indirizz elettroniku: mbbmos@mbbru.com Mellimos@BMIRU.com Mellimos@Rex400.ru Sit web tal-entità: www.mbbru.com www.bmiru.com	Bank Melli Iran ZAO huwa bank Iranjan ibbażat fir-Russja. Bank Melli Iran ZAO huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn Bank Melli, l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn u jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Bank Melli Iran ZAO huwa proprjetà ta' jew ikkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (23.6.2008, sospiż mis-16.1.2016)
5. (g)	Bank Melli Printing and Publishing Company magħrufa wkoll bħala BMPPC	Indirizz:18th Km Karaj Special Road, 1398185611 Tehran, Iran, P.O. Box 37515-183 Indirizz: Km 16 Karaj Special Road, Tehran, Iran Indirizz: P.O. Box 37515-183, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 382231	Bank Melli Printing and Publishing Company hija kumpanija Iranjana tal-istampar u tal-pubblikazzjoni. Bank Melli Printing and Publishing Company hija proprjetà ta' u kkontrollata minn Bank Melli, li jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Bank Melli Printing and Publishing Company hija proprjetà ta' jew kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (h)	Cement Investment and Development Company magħrufa wkoll bħala CIDCO magħrufa wkoll bħala: Cement Industry Investment and Development Company magħrufa wkoll bħala CIDCO Cement Holding	Indirizz: No 20, West Nahid Blvd. Vali Asr Ave., Tehran, Iran, 1967757451 Indirizz: 241, Mirdamad Street, Tehran, Iran	Cement Investment and Development Company hija kumpanija Iranjana proprjetà ta' u kkontrollata minn Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC). BMIIC hija proprjetà ta' u kkontrollata minn Bank Melli, li, min-naħa tiegħu, huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Cement Investment and Development Company hija proprjetà ta' u kkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (i)	First Persian Equity Fund	Indirizz: Walker House, 87 Mary Street, George Town, Grand Cayman, KY1-9002, Cayman Islands Indirizz: Clifton House, 7z5 Fort Street, P.O. Box 190, Grand Cayman, KY1-1104; Cayman Islands Indirizz: Rafi Alley, Vali Asr Avenue, Nader Alley, Tehran, 15116, Iran, P.O.Box 15875-3898	Il-First Persian Equity Fund huwa fond ta' investiment imniedi fl-2007 minn Bank Melli. Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu. Għalhekk, il-First Persian Equity Fund huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M50

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
5. (j)	Mazandaran Cement Company	Indirizz: 51 Africa Street, Shaheed Sattari Avenue, between Zafar & Mirdamad, 1968856911 Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IR40014GN Data tar-reġistrazzjoni: 1975	Mazandaran Cement Company hija kumpanija Iranjana kkontrollata minn Bank Melli u l-Gvern tal-Iran. Isservi ta' veikolu għall-interessi ta' Bank Melli fl-industrija tas-siment. Għalhekk, Mazandaran Cement Company hija kkontrollata mill-Gvern tal-Iran u minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Barra minn hekk, tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (m)	Melli Bank plc	Indirizz: 98A Kensington High Street, W8 4SG London, United Kingdom Numru tar-reġistrazzjoni: GB04152338	Melli Bank PLC huwa proprjetà sussidjarja kollha kemm hi ta' Bank Melli Iran, li hija proprjetà tal-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Melli Bank plc hija proprjetà ta' entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (23.6.2008, sospiż mis-16.1.2016)
5. (o)	Shemal Cement Company magħrufa wkoll bħala: Siman Shomal magħrufa wkoll bħala Shomal Cement Company	Indirizz: No 269 Dr Beheshti Ave. P.O. Box 15875/4571 Tehran – 15146, Iran Indirizz: Dr Beheshti Ave No. 289, Tehran, 151446, Iran Indirizz: 289 Shahid Baheshti Ave., P.O. Box 15146, Tehran, Iran	Shemal Cement Company hija kumpanija tas-siment ikkontrollata minn Bank Melli Iran, li hija proprjetà ta' u kkontrollata mill-Gvern tal-Iran u jipprovdilha appoġġ. L-azzjonist ewlieni ta' Shemal Cement Company huwa Cement Industries Investment and Development Company, li hija proprjetà maġġoritarja tan-National Development Group Investment, li l-azzjonist ewlieni tagħha huwa Bank Melli Iran. Għalhekk, Shemal Cement Company hija kkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

6.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
7.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]

▼M50

7.	Bank Saderat	Indirizz: Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran	Bank Saderat huwa wieħed mill-akbar banek tal-Iran. Il-Gvern tal-Iran huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin tiegħu. Bank Saderat jipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' self lil entitajiet qrib l-IRGC. Huwa jippermetti wkoll li l-finanzjament jingħata lill-proxies tal-Gvern Iranjan fir-reġjun, li huma responsabbli għal attivitajiet destabbilizzanti. Għalhekk, Bank Saderat qed jappoġġa lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M31

———

▼M29

7a. ([1])	[redacted] ►M29 ——— ◄	[redacted] ►M29 ——— ◄	[redacted] ►M29 ——— ◄	

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M25				
▼M50				
8.	Sina Bank	187 Mothari Avenue, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IRFEB54525	Sina Bank huwa kkontrollat mill-Islamic Revolution Mostazafan Foundation, entità parastatali Iranjana ewlenija kkontrollata mill-Mexxej Suprem Khamenei, u li hija azzjonist kontrollanti ta' Sina Bank. Jipprovdi servizzi finanzjarji lil Mostazafan Foundation u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpaniji sussidjarji. Għaldaqstant, Sina Bank jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz ta' Mostazafan Foundation.	29.9.2025 (8.11.2014, sospiż mis-16.1.2016)
▼M46				
9.	ESNICO (Equipment Supplier for Nuclear Industries Corporation - Fornitur ta' Tagħmir għall-Korporazzjoni ta' Industriji Nukleari)	No 1, 37th Avenue, Asadabadi Street, Tehran, Iran	Jipprokura merkanzija industrijali, speċifikament għall-attivitajiet tal-programm nukleari mwettaq minn AEOI, Novin Energy u Kalaye Electric Company indikata mill-UE. Id-Direttur ta' ESNICO huwa Haleh Bakhtiar.	26.7.2010
▼M35				
▼B				
11.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
▼M50				
11. (a)	EDBI Exchange Company magħrufa wkoll bħala Export Development Exchange Broker Co.	Indirizz: No 20, 13th St., Vozara Ave., Tehran, Iran 1513753411, P.O. Box: 15875-6353 Indirizz: Tose'e Tower, corner of 15th St., Ahmad Qasir Ave.; Argentine Square, Tehran, Iran	EDBI Exchange Company hija sussidjarja ta' Export Development Bank of Iran (EDBI). Tipprovdi servizzi ta' senserija finanzjarja lill-klijenti tagħha. EDBI hija kumpanija li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, EDBI Exchange Company hija proprjetà ta' entità jew ikkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M50

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
11. (b)	EDBI Stock Brokerage Company	Indirizz: Tose'e Tower, corner of 15th St., Ahmad Qasir Ave.; Argentine Square, Tehran, Iran	EDBI Stock Brokerage Company hija sussidjarja ta' Export Development Bank of Iran (EDBI). Tipprovdi servizzi ta' kambju lill-klijenti tagħha. EDBI hija kumpanija li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, EDBI Stock Brokerage Company hija proprjetà ta' entità jew ikkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
11. (c)	Banco Internacional De Desarrollo CA	Indirizz: Urb. El Rosal, Avenida Francesco de Miranda, Edificio Dozsa, Piso 8, Caracas C.P. 1060, Venezuela Post tar-reġistrazzjoni: Caracas, Venezuela Data tar-reġistrazzjoni: 2007 jew 2008 Numru tar-reġistrazzjoni: J294640109	Banco Internacional de Desarrollo (BID) huwa entità Venezwelana proprjetà ta' Export Development Bank of Iran (EDBI), entità Iranjana li l-objettiv tagħha huwa li tipprovdi appoġġ lill-gvern Iranjan. Għalhekk, BID huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M43

12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, PO Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL it-tnejn indikati mill-UE li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru. Fajr Aviation Composite Industries tipproduċi wkoll droni, li allegatament qed jintużaw għad-destabbilizzazzjoni reġjonali.	26.7.2010

▼M14

———

▼M25

———

▼M50

14.	Future Bank BSC	Indirizz: Block 304. City Centre Building. Building 199, Government Avenue, Road 383, Manama, Bahrain. PO Box 785 Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 54514-1 (Bahrain) li jiskadi fid-9.6.2009; Nru tal-Liċenzja tal-Kummerċ Nru 13388 (Bahrain)	Future Bank BSC huwa bank Iranjan ibbażat fil-Bahrain. Future Bank BSC inħoloq bħala impriża konġunta bejn Bank Saderat u Bank Melli, tnejn mill-akbar banek tal-Iran, li huma proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollati minnu u jipprovdulu appoġġ. Għalhekk, Future Bank BSC huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M50

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
15.	Industrial Development & Renovation Organization magħrufa wkoll bħala IDRO	Indirizz: 78/1 Atefi Street and Africa Avenue, Tehran, Iran Indirizz: P.O. Box 55958, Arbift Tower 1508, Dubai, United Arab Emirates Indirizz: P.O. Box 16820, Jebel Ali, Dubai, United Arab Emirates Indirizz: Vali e Asr Building, Vali Asr St, Jam e Jam Ave, Tehran, Iran Indirizz: P.O.Box 19395-1855, Tehran, Iran Indirizz: No.2 Vali-Asr Building, Vali-Asr Street, Jam-e-Jam Ave, Tehran, Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1967	Industrial Development and Renovation Organisation huwa korp tal-gvern responsabbli għall-aċċellerazzjoni tal-industrijalizzazzjoni tal-Iran. Huwa involut fil-programmi nukleari u tal-missili u jipprovdi appoġġ lis-settur industrijali Iranjan. Għalhekk, Industrial Development and Renovation Organisation huwa proprjetà ta' jew ikkontrollata mill-Gvern tal-Iran u jappoġġah.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

16.	Iran Aircraft Industries (IACI)		Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan MODAFL (ara nru 29). Timmanifattura, issewwi, u twettaq eżaminazzjonijiet bir-reqqa ta' ajruplani u magni tal-inġenji tal-ajru u tipprokura partijiet relatati mal-avjazzjoni spiss ta' oriġini mill-Istati Uniti, tipikament permezz ta' intermedjarji barranin. L-IACI u s-sussidjarji tagħha nqabdu wkoll jużaw netwerk dinji ta' sensara li jfittxu li jipprokuraw merkanzija relatata mal-avjazzjoni.	26.7.2010
17.	Iran Aircraft Manufacturing Company (a.k.a: Iran Aircraft Manufacturing Company (magħrufa wkoll bħala: HESA, HESA Trade Center, HTC, IAMCO, IAMI, Iran Aircraft Manufacturing Company, Iran Aircraft Manufacturing Industries, Karkhanejate Sanaye Havapaymaie Iran, Hava Peyma Sazi-e Iran, Havapeyma Sazhran, Havapeyma Sazi Iran, Hevapeimasazi)	P.O. Box 83145-311, 28 km Esfahan – Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran P.O. Box 14155-5568, No. 27 Ahahamat Ave., Vallie Asr Square, Tehran 15946, Iran P.O. Box 81465-935, Esfahan, Iran Shahih Shar Industrial Zone, Isfahan, Iran; P.O. Box 8140, No. 107 Sepahbod Gharany Ave., Tehran, Iran	Proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' MODAFL (ara nru 29).	26.7.2010

▼M46

18.	Iran Centrifuge Technology Company (magħrufa wkoll bħala TSA; TESA; Farayand Technique; Technology of Centrifuge of Iran Company)	Indirizz 1: 156 Golestan Street, Saradr-e Jangal, Tehran Indirizz 2: Khalij-e Fars Boulevard, Kilometre 10 of Atomic Energy Road, Rowshan Shahr, Third Moshtaq Street, Esfahan, Iran Indirizz 3: Yousef Abad District, No. 1, 37th Street, Tehran, Iran	Iran Centrifuge Technology Company timmanifattura partijiet ta' ċentrifugi għall-arrikkiment tal-uranju, u qed tappoġġa direttament l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	26.7.2010

▼M35

———				

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M46				
20.	Iran Electronic Industries u s-sussidjarji segwenti:	P.O. Box 18575-365, Tehran, Iran	Sussidjarja sħiħa ta' proprjetà ta' MODAFL (u għaldaqstant organizzazzjoni li tagħmel parti mill-istress grupp bħall-AIO, l-AvIO u d-DIO). Ir-rwol tagħha hu li timmanifattura komponenti elettroniċi għas-sistemi Iranjani tal-armi. Għalhekk hija entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	23.6.2008
	(a) Isfahan Optics	P.O. Box 81465-313 Kaveh Ave., Isfahan, Iran P.O. Box 81465-117, Isfahan, Iran	Ippossedutа jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' Iran Electronics Industries, entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Isfahan Optics huwa involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	26.7.2010
▼B				
21.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
22.	Iranian Aviation Industries Organization (IAIO) Ave.	Box 15815/1775 Tehran, Iran Ave. Box 15815/3446 Tehran, Iran 107 Sepahbod Gharani Avenue, Tehran, Iran	Organizzazzjoni ta' MODAFL (ara nru 29) responsabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-industrija tal-avjazzjoni militari tal-Iran.	26.7.2010
23.	Javedan Mehr Toos		Kumpannija tal-inġinerija li tipprokura għall-Atomic Energy Organisation tal-Iran li ġiet indikata taħt il-UNSCR 1737. Kala Naft	26.7.2010
▼M25				
▼M50				
24.	Kala Naft	Kala Naft Tehran Trading Building, Sepahbod Gharani Street, Karim Khan Zand Avenue, 15988 Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IR0000047040	Kala Naft hija kumpanija ta' manifattura, appoġġ u akkwist u sussidjarja tan-National Iranian Oil Company (NIOC). NIOC hija entità tal-Istat u operata minnu li tipprovdi riżorsi finanzjarji sostanzjali lill-Gvern tal-Iran. NIOC għandha l-monopolju tal-produzzjoni, il-bejgħ u l-esportazzjoni għaż-żejt Iranjan. Id-dħul iġġenerat mill-bejgħ taż-żejt minn NIOC jaqdi rwol sinifikanti fil-finanzjament għall-militar tal-Iran u għall-IRGC. Għalhekk Kala Naf hija propjerà ta', u kkontrollata minn, entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M50

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
25.	Machine Sazi Arak	P.O. Box: 148, KM 4, Tehran Alley, 3818997888 Arak, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IR30177GN Data tar-reġistrazzjoni: 1967	Machine Sazi Arak hija kumpanija Iranjana tal-manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir industrijali. Hija timmanifattura tagħmir għal attivitajiet li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u telenka l-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI) kif ukoll MODAFL bħala klijenti tagħha. Hija affiljata wkoll mal-IDRO li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari. Machine Sazi Arak kienet involuta wkoll fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil ta' Arak. Tappoġġa wkoll l-attivitajiet ta' tiftix għaż-żejt u l-gass issorveljati mill-Ministeru għaż-Żejt kif ukoll min-NIOC u s-sussidjarji tagħha. Għalhekk, Machine Sazi Arak hija involuta fil-programm ta' missili nukleari, u tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼M48

26.	Marine Industries (magħrufa wkoll bħala Marine Industries Organisation (MIO), Marine Industries Group (MIG))	Indirizz: Pasdaran Ave., PO Box 19585/ 777, Tehran, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1996 Post prinċipali tan-negozju: Iran Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO); Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	Marine Industries hija sussidjarja tad-Defense Industries Organisation (DIO) elenkata mill-UE, li hija sussidjarja tal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFIL) elenkat mill-UE. Marine Industries hija involuta fid-dimensjoni marittima tal-programm tal-missili tal-Iran, inkluż billi tibni vapuri li jistgħu jġorru u jillanċjaw missili offensivi. Għalhekk, Marine Industries hija entità involuta fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.4.2007

▼M25

▼M50

27.	Power Plants' Equipment Manufacturing Company magħruf ukoll bħala Saakhte Tajhizate Niroogahi	Indirizz: No. 10, Jahanara Alley, after Hemmat Bridge, Abbaspour St. (previously called Tavanir), Tehran, Post Code 1435733161, Iran	Power Plants' Equipment Manufacturing Company (SATNA) hija subordinata għall-AEOI u Novin Energy (it-tnejn dežinjati taħt UNSCR 1737). Hija involuta fl-iżvilupp ta' reatturi nukleari. Għalhekk, Power Plants' Equipment Manufacturing Company hija involuta fi u tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M39				
28.	Mechanic Industries Group (Magħruf ukoll bħala: Mechanic Industries Organisation; Mechanical Industries Complex; Mechanical Industries Group; Sanaye Mechanic)		Ħa sehem fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm ballistiku.	23.6.2008
▼M46				
29.	Ministry Of Defense And Support For Armed Forces Logistics (magħruf ukoll bħala Ministry Of Defense For Armed Forces Logistics; magħruf ukoll bħala MODAFL; magħruf ukoll bħala MODSAF)	Indirizz nru 1: Ferdowsi Avenue, Sarhang Sakhaei Street, Tehran, Iran Indirizz nru 2: PO Box 11365-8439, Iran Indirizz nru 3: Sarhang Sakhaei Street, Ferdowsi Avenue, Tehran, Iran Indirizz nru 4: PO Box 11365-8439, Iran Indirizz nru 5: Pasdaran Ave., Tehran, Iran Indirizz nru 6: PO Box 16315-189, Tehran, Iran Address no. 7: located on the west side of Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran Indirizz nru 8: PO Box 19315-189, Pasdaran Street, South Noubonyand Square, Tehran, Iran	Il-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati, li jinkludi MODLEX Export Center (magħruf ukoll bħala l-Ministeru għall-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX)), huwa responsabbli għar-riċerka, l-iżvilupp, il-manifattura u l-programmi ta' esportazzjoni tad-difiża tal-Iran, inkluż l-appoġġ għall-programmi tal-missili u nukleari.	23.6.2008
▼M25				
———				
▼M50				
30.	Nuclear Power Production and Procurement Company (NPPD)	No. 8, Tandis St., Africa Ave., Tehran (headquarter), Iran	Nuclear Power Production & Development Company (NPPD) hija sussidjarja tal-AEOI u hija involuta fl-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija nukleari. Għalhekk, NPPD hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	29.9.2025 (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)
▼M46				
31.	Parchin Chemical Industries (PCI) صنایع شیمیایی پارچین (magħrufa wkoll bħala Parchin Chemical Factories Chemical Industries Group; PCF Chemical Industries Group; Parchin Chemical Factories; Parchin Chemical Industry Group; PCI Group;	Indirizz nru 1: Khavaran Road Km 30-35, Parchin Special Road, Varamin, Parchin Indirizz nru 2: Nobonyad Square, Tehran 15765-358 Indirizz nru 3: Parchin Forked Rd., 35th km. Khavaran Rd., Pakdasht, Tehran, Iran (il-Fabbrika) Indirizz nru 4: 2nd Floor, Sanam Bldg., Nobonyad Sq., Tehran, Iran (L-Uffiċċju Prinċipali) Indirizz nru 5: Pasdaran Square, P.O. Box 16765/358, Tehran, Iran Indirizz nru 6: 2nd Floor, Sanam Bldg., 3rd Floor, Sanam Bldg., P.O. Box 16765/358, Nobonyad Square, Tehran, Iran	Parchin Chemical Industries (PCI) tipproduċi munizzjon, splussivi, u propellanti solidi għal rokits u missili. Il-faċilitajiet ta' Parchin intużaw għall-produzzjoni u l-ittestjar ta' armi nukleari. Parchin Chemical Industries hija għalhekk responsabbli għall-fatt li tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	23.6.2008 (NU: 24.3.2007)

▼M46

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
	Parchin Chemical Ind (PCF);Parchin Chemical Factories; Para Chemical Industries; PCF; PCI; Parchin Military Base)	Nru tat-telefon: + 98 21 2258929; + 98 21 35243153; + 98 21 3130626 Sit elettroniku:http://icig.ir/ Numru tar-reġistrazzjoni: Reġistrazzjoni ta' Kumpanija Kooperattiva Nru 892 Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL); Defence Industries Organisation (DIO); Aerospace Industries Organization (AIO); Iran Electronics Industries (IEI)	Parchin Chemical Industries tagħmel parti minn Chemical Industries and Development of Material Group (CIDMG), li hija fergħa tad-Defense Industries Organization (DIO) tal-Iran, li taqa' taħt il-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) u għalhekk hija proprjetà tal-Gvern Iranjan. Parchin Chemical Industries hija għalhekk entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran, u hija kkontrollata minn u assoċjata ma' entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	

▼M48

32.	Parto Sanat Co (magħrufa wkoll bħala Parto Sanaat Co.; Parto Sanat Company; Partonsanat; Partosanat Co.; Partosanat PJSC; Yakan Parto; Bargh Va Electronic Partosanat)	Indirizz: No. 2417 Valiasr St., corner of 14th St., PO Box 15178 43316, Tehran, Iran	Manifattur ta' frequency changers u hija kapaċi tiżviluppa u timmodifika changers ta' frekwenza barranija importata b'tali mod li jkunu jistgħu jintużaw fl-arrikkiment taċ-ċentrifuga tal-gass. Hija meqjusa li hija involuta f'attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari.	26.7.2010

▼B

33.	Passive Defense Organization		Responsabbli għall-għażla u l-bini ta' faċilitajiet strateġiċi, inkluż - skont id-dikjarazzjonijiet Iranjani - is-sit għall-arrikkiment tal-uranju f'Fordow (Qom) mibni mingħajr ma ġie dikjarat lill-IAEA kuntrarjament għall-obbligi tal-Iran (affermati f'riżoluzzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-IAEA). Il-Brigadier Ġenerali Gholam-Reza Jalali, li qabel kien IRGC huwa l-president tal-PDO.	26.7.2010
34.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]

▼M48

35.	Raka	Entità assoċjata: Kalaye Electric Company (KEC)	Dipartiment ta' Kalaye Electric Company, iddeżinjata mill-UE. Stabbilit lejn l-aħħar tal-2006, kien responsabbli għall-bini tal-Impjant tal-Arrikkiment tal-Uranju f'Fordow (Qom).	26.7.2010

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M25				
▼M50				
36.	Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute magħruf ukoll bħala Research Institute of Nuclear Science and Technology magħruf ukoll bħala Nuclear Science and Technology Research Institute	AEOI, PO Box 14395-836, Tehran, Iran	L-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute huwa affiljat fuq livell uffiċjali mal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI), li tissorvelja l-programm nukleari Iranjan. Għalhekk, l-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute huwa involut l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u jappoġġhom.	29.9.2025 (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
▼M39				
37.	Schiller Novin (Magħruf ukoll bħala: Schiler Novin Co.; Schiller Novin Co.; Shiller Novin)	Gheytariyeh Avenue - no 153 - 3rd Floor - PO BOX 17665/153 6 19389 Tehran	Jaġixxi għan-nom tad-Defense Industries Organisation (DIO).	26.7.2010
38.	Shahid Ahmad Kazemi Industrial Group (SAKIG)		Entità subordinata għall-Aerospace Industries Organisation (AIO) tal-Iran. SAKIG jiżviluppa u jipproduċi sistemi tal-missili mill-art-għall-ajru għall-militar tal-Iran. Huwa jmantni proġetti militari, bil-missili u ta' difiża tal-ajru u jipprokura merkanzija mir-Russja, il-Belarussja u l-Korea ta' Fuq.	26.7.2010
▼B				
39.	Shakhese Behbud Sanat		Involut fil-produzzjoni ta' tagħmir u partijiet għaċ-ċiklu tal-karburant nukleari.	26.7.2010
▼M39				
40.	State Purchasing Organisation (SPO, magħrufa wkoll bħala State Purchasing Office; State Purchasing Organization)		Jidher li l-SPO tiffaċilita l-importazzjoni ta' armi sħaħ. Jidher li hija sussidjarja tal-MODAFL.	23.6.2008

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M48				
41.	Technology Cooperation Office (TCO) tal-Uffiċċju tal-President Iranjan (magħruf ukoll bħala Center for Innovation and Technology Cooperation (CITC); Presidential Center for Cooperation on Transformation and Progress)	Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran	It-Technology Cooperation Office (TCO) tal-Uffiċċju tal-President Iranjan jopera fl-oqsma tar-riċerka, il-bijoteknoloġija, in-nanoteknoloġija, l-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġija tal-informazzjoni. L-operazzjonijiet tiegħu jmorru lura għall-2001 meta kien inkarigat mill-ippjanar strateġiku u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp tal-Iran għan-nanoteknoloġija. Huwa marbut ma' u ssorveljat mill-Uffiċċju tal-President. Jaġixxi bħala ċentru fil-qasam u jservi ta' koordinatur u faċilitatur tal-konnessjonijiet u l-kollaborazzjonijiet. Iżomm konnessjonijiet mal-komunità internazzjonali, networks bejn laboratorji tal-pajjiżi, jiffinanzja xjentisti Iranjani, u jinvolvi ruħu fit-tagħlim. Taħt il-psewdonimu tiegħu, Center for Innovation and Technology Cooperation (CITC), huwa wkoll parti minn sistema interdipartimentali li tikkonsisti mis-CITC, il-Ministeru għall-Informazzjoni tal-Iran u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) taħt il-kmand dirett tal-President Iranjan. L-individwi assoċjati mas-CITC, li jaġixxu bħala rappreżentanti uffiċjali Iranjani barra mill-pajjiż, wettqu wkoll funzjonijiet sigrieti ta' uffiċjali tal-intelligence xjentifika u teknika. Responsabbli għall-avvanz teknoloġiku tal-Iran permezz ta' akkwist barrani u rabtiet ta' taħriġ rilevanti. Huwa jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	26.7.2010
42.	Yeganeh Energy Sazan Atrak Part (li qabel kienet magħrufa bħala Yasa Part) u s-sussidjarji li ġejjin:	Indirizz: Ground Floor - Building 0 – Maharat 3 Alley - Maharat Street - Bidak Industrial Area - Badranlu Rural District - Central District - Bojnord City - Northern Khorasan Province, Iran Postal Code: 9418156318 Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti privata Post tar-reġistrazzjoni: Bojnord - North Khorasan Province, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 5219	Kumpanija li tittratta attivitajiet ta' akkwist pubbliku relatati max-xiri ta' materjali u teknoloġiji meħtieġa għall-programmi nukleari u ballistiċi.	26.7.2010
	(a) Arfa Paint Company (magħrufa wkoll bħala ARFA; Arfa Company)	Indirizz 1: Unit 5, 9th floor, Sarve Tower, Saadat Abad, Tehran, Iran Indirizz 2: 16th km Karaj Special Road, Tehran, Iran	Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010

▼M48

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
	(b) Arfeh Company	Indirizz: West Lavasani, Tehran, Iran	Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010
	(d) Hosseini Nejad Trading Co. (magħrufa wkoll bħala Hosseini Nejad Trading Company)		Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010
	(e) Iran Saffron Company (magħrufa wkoll bħala Iransaffron Co.; Iran Saffron; Iran Saffron; Iran Saffron Co.)		Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010

▼M25

———

▼M50

43.	Europäisch-Iranische Handelsbank (EIH)	Indirizz: Kwartieri Ġenerali: Depenau 2, D-20095 Hamburg; Kish branch, Sanaee Avenue, PO Box 79415/148, Kish Island 79415 Indirizz: Tehran branch, No. 1655/1, Valiasr Avenue, PO Box 19656 43 511, Tehran, Iran	Europäisch-Iranische Handelsbank (EIH) hija proprjetà tal-Gvern Iranjan u tal-Bank of Industry and Mines. Għalhekk, EIH hija entità propjetà ta', jew ikkontollata minn, il-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

45.	Aras Farayande	Unit 12, No 35 Kooshesh Street, Tehran	Involut fl-akkwist ta' materjal għall-Iran Centrifuge Technology Company sanzjonata mill-UE	23.05.2011

▼M25

———

▼M38

———

▼M31

———

▼M53

46.	EMKA Company	Indirizz: P.O. Box 14155-1339, Tehran, Iran	EMKA Company hija attiva fl-industrija nukleari tal-Iran. EMKA Company hija sussidjarja ta' TAMAS Company li hija kumpanija speċjalizzata għall-produzzjoni ta' materja prima u fjuwil nukleari fl-Iran. EMKA Company hija speċifikament responsabbli għall-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-minerali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Barra minn hekk, fl-2023, EMKA ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni ma', fost l-oħrajn, l-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (Atomic Energy Organisation of Iran - AEOI), biex jinbena aċċelleratur. Għalhekk, EMKA Company hija involuta fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran u qed tipprovdi appoġġ għalihom.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M34				
49.	Noavaran Pooyamoj (magħruf ukoll bħala Noavaran Tejarat Paya, Bastan Tejerat Mabna, Behdis Tejarat (jew Bazarganis Behdis Tejarat Alborz Company jew Behdis Tejarat General Trading Company), Fanavaran Mojpooya, Faramoj Company (jew Tosee Danesh Fanavari Faramoj), Green Emirate Paya, Mehbang Sana, Mohandesi Hedayat Control Paya, Pooya Wave Company, Towsee Fanavari Boshra)		Involut fl-akkwist ta' materjali li huma kkontrollati u li għandhom applikazzjoni diretta fil-manifattura ta' ċentrifugi għall-programm għall-arrikkiment tal-uranju tal-Iran.	23.5.2011
▼M25				
▼M4				
▼M41				
52.	Raad Iran (magħrufa wkoll bħala Raad Automation Company; Middle East Raad Automation; RAAD Automation Co.; Raad Iran Automation Co.; RAADIRAN; Middle East RAAD Automation Co.; Automasion RAAD Khavar Mianeh; Automation Raad Khavar Mianeh Nabbet Co)	Unit 1, No 35, Bouali Sina Sharghi, Chehel Sotoun Street, Fatemi Square, Tehran	Kumpannija involuta fl-akkwist ta' invertituri fir-rigward tal-programm għall-arrikkiment proskritt tal-Iran. Raad Iran ġiet stabbilita biex tipproduċi u tiddisinnja sistemi ta' kontroll u tipprovdi l-bejgħ u l-installazzjoni ta' invertituri u apparat ta' Kontroll b'Memorja (programmable Logic Controllers).	23.5.2011
▼M25				
▼M50				
53.	Isfahan Nuclear Reactor Fuel Company magħrufa wkoll bħala Sureh Nuclear Reactors Fuel Company magħrufa wkoll bħala Nuclear Fuel Reactor Company; Sookht Atomi Reactorhaye Iran; Soukht Atomi Reactorha-ye Iran	Kwartieri Ġenerali: 61 Shahid Abtahi St, Karegar e Shomali, Tehran, Iran Kumpless: Persian Gulf Boulevard, Km 20 SW Esfahan Road, Esfahan; Iran	Magħrufa qabel bħala Sureh Nuclear Reactorrs Fuel Company, hija subordinata għall-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI), li tikkonsisti fil-Uranium Conversion Facility, il-Fuel Manufacturing Plant u ż-Zirconium Production Plant. Għalhekk, Isfahan Nuclear Reactor Fuel Company hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
54.	Sun Middle East FZ Company		Kumpannija li takkwista prodotti sensittivi għall-Kumpannija għall-Enerġija tar-Reatturi Nukleari (SUREH). Sun Middle East tuża intermedjarji bbażati barra l-Iran biex tfittex prodotti meħtieġa minn SUREH. Sun Middle East tipprovdi lil dawn l-intermedjarji b'dettalji foloz tal-utent aħħari għal meta l-prodotti jintbagħtu l-Iran, b'hekk, tipprova tevita r-reġim Doganali tal-pajjiż rilevanti.	23.05.2011
▼M34 55.	Ashtian Tablo	Ashtian Tablo - No 67, Ghods mirheydari St, Yoosefabad, Tehran	Involut fil-produzzjoni u l-provvista ta' tagħmir elettriku u materjali speċjalizzati li għandhom applikazzjoni diretta fis-settur nukleari Iranjan.	23.5.2011
▼B 56.	Bals Alman		Jimmanifattura tagħmir elettroniku (switchgear) involut fil-kostruzzjoni li għaddejja tal-faċilità ta' (Qom) Fordow, li nbniet mingħajr ma ġiet iddikjarata lill-IAEA.	23.05.2011
▼M48 57.	Hirbod Co (magħrufa wkoll bħala HIRBOD Company)	Indirizz 1: Hirbod Co – Flat 2, 3 Second Street, Asad Abadi Avenue, Tehran 14316, Iran Indirizz 2 (fabbrika): Tehran-Saveh Highway, km 80, Mamounieh Industrial Town, at the end of 8th Street, Asad Abadi Tehran, Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1995 Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC)	Hirbod Co hija waħda mill-kumpaniji ewlenin fil-qasam tal-prodotti tal-azzar inossidabbli. Tipprovdi prodotti tal-azzar inkluż fil-mezzi ta' sigurtà umilitari, lil ħafna entitajiet Iranjani, b'mod partikolari lil Arthesh, l-armata Iranjana. Għalhekk, Hirbod Co qed tappoġġa lill-Gvern tal-Iran u tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' armi nukleari u ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. mill-Iran.	23.5.2011
▼M13 ———				
▼M46 ———				
▼M48 60.	Paya Parto (magħrufa wkoll bħala Paya Partov; National Centre for Laser Science and Technology)		Paya Parto hija entità li tirriċerka s-separazzjoni tal-isotopi stabbli, parametru ewlieni għall-produzzjoni ta' komponenti ta' ċentrifugi, bħala parti mill-programm nukleari tal-Iran. Għandha rabtiet mill-qrib mal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI), li tmexxi l-Programm nukleari tal-Iran u tissorvelja proġetti individwali. Paya Parto hija għalhekk responsabbli għall-fatt li tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	23.5.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
▼M16				
▼M48				
62.	Taghtiran (magħrufa wkoll bħala Taghtiran Kashan Company)	Indirizz: Unit 2, No. 3, 2nd Alley, Asad Abadi St., Vali-e asr St., 14316 Tehran, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO)	Taghtiran timmanifattura partijiet tal-azzar inossidabbli u tal-azzar bil-karbonju għal diversi entitajiet, inkluż l-industriji tas-sigurtà utad-difiża, bħad-Defense Industries Organisation (DIO) u l-faċilitajiet nukleari (pereżempju, il-faċilità għall-konverżjoni tal-uranju).	23.5.2011
▼M25				
▼M31				
▼B				
66.	MAAA Synergy	Malaysia	Involuta fl-akkwist ta' komponenti għall-ajruplani tal-ġlied Iranjani	23.05.2011
67.	Modern Technologies FZC (MTFZC)	PO Box 8032, Sharjah, United Arab Emirates	Involuta fl-akkwist ta' komponenti għall-programm nukleari Iranjan	23.05.2011
68.	[redacted]	[redacted]	[redacted]	[redacted]
▼M25				
▼M50				
69.	Bonab Research Center (BRC)	Indirizz: Jade ye Tabriz (km 7), East Azerbaijan, Iran	Il-Bonab Research Center qed jipprovdi riċerka għad-disinn u l-manifattura ta' komponenti u tagħmir nukleari minn organizzazzjonijiet Iranjani. Għalhekk, il-Bonab Research Center huwa involut fi u jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)

▼B

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
